**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Dokument ta' sessjoni*

**A9-0426/2023**

8.12.2023

# ***I
# RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi miżuri li jsaħħu s-solidarjetà u l-kapaċitajiet fl-Unjoni tad-detezzjoni, it-tħejjija u r-rispons għat-theddid u l-inċidenti taċ-ċibersigurtà
(COM(2023)0209 – C9-0136/2023 – 2023/0109(COD))

Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

Rapporteur: Lina Gálvez Muñoz



*Magħquda fid-diversità*

## *Tifsira tas-simboli użati*

| | |
|---|---|
| * | Proċedura ta' konsultazzjoni |
| *** | Proċedura ta' approvazzjoni |
| ***I | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari) |
| ***II | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari) |
| ***III | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari) |

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

## *Emendi għal abbozz ta' att*

**Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni**

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

**Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat**

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit.
Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

## WERREJ

**Paġna**

ABBOZZ TA’ RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW ..........5

NOTA SPJEGATTIVA ..........46

ANNESS: LISTA TA’ ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊEVIET KONTRIBUT MINGĦANDHOM ..........50

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN ..........51

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAT-TRASPORT U T-TURIŻMU ..........94

PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI ..........118

VOTAZZJONI FINALI B’SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI .....119

## ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi miżuri li jsaħħu s-solidarjetà u l-kapaċitajiet fl-Unjoni tad-detezzjoni, it-tħejjija u r-rispons għat-theddid u l-inċidenti taċ-ċibersigurtà**

**(COM(2023)0209 – C9-0136/2023 – 2023/0109(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2023)0209),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikoli 173(3) u 322(1)(a) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0136/2023),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-13 ta' Lulju 2023[1],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (A9-0426/2023),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Japprova d-dikjarazzjoni tiegħu annessa ma' din ir-riżoluzzjoni;

3. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

[1] ĠU C 349, 29.9.2023, p. 167.

**Emenda 1**

EMENDI TAL-PARLAMENT EWROPEW[*]

għall-proposta tal-Kummissjoni

---------------------------------------------------------

2023/0109 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jistabbilixxi miżuri li jsaħħu s-solidarjetà u l-kapaċitajiet fl-Unjoni tad-detezzjoni, it-tħejjija u r-rispons għat-theddid u l-inċidenti taċ-ċibersigurtà u *li jemenda r-Regolament (UE) 2021/694***

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 173(3) u l-Artikolu 322(1), il-punt (a), tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Qorti tal-Awdituri[2]

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[3],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[4],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) L-użu tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u d-dipendenza fuqhom saru aspetti fundamentali, ***iżda b'mod simultanju introduċew vulnerabbiltajiet possibbli,*** f'kull settur tal-attività ekonomika ***u tad-demokrazija*** minħabba li l-amministrazzjonijiet pubbliċi, il-kumpaniji u ċ-ċittadini tagħna saru aktar interkonnessi u interdipendenti minn qatt qabel, kemm bejn is-setturi u anki bejn il-fruntieri.

(2) Id-daqs, il-frekwenza u l-impatt tal-inċidenti taċ-ċibersigurtà qed jiżdiedu ***fil-livell tal-Unjoni kollha u fil-livell globali f'termini tal-metodu u l-impatt tagħhom***, inkluż l-attakki fil-katina tal-provvista maħsuba għal ċiberspjunaġġ, ransomware jew tfixkil.

[*] Emendi: it-test ġdid jew modifikat huwa indikat permezz tat-tipa korsiva u grassa; it-tħassir huwa indikat permezz tas-simbolu ▌.

2 ĠU C […], […], p. […].

3 ĠU C , , p. .

4 ĠU C , , p. .

Dawn jirrappreżentaw theddida kbira għall-funzjonament tas-sistemi tan-networks u tal-informazzjoni. Fid-dawl tax-xenarju tat-theddid li tant qed jevolvi malajr, it-theddida ta' inċidenti possibbli fuq skala kbira li jikkawżaw tfixkil sinifikanti jew ħsara ***lill-ekonomiji u lid-demokraziji*** u lill-infrastrutturi kritiċi ***fl-Unjoni kollha*** teżiġi tħejjija akbar f'kull livell tal-qafas taċ-ċibersigurtà tal-Unjoni. Dik it-theddida tmur lil hinn mill-aggressjoni militari Russa fl-Ukrajna, u aktarx tissokta minħabba l-għadd kbir ta' atturi allinjati mal-istat ***u*** kriminali ▌involuti fit-tensjonijiet ġeopolitiċi attwali. Inċidenti bħal dawn jistgħu jxekklu l-forniment tas-servizzi pubbliċi u t-twettiq tal-attivitajiet ekonomiċi, inkluż fis-setturi kritiċi jew kritiċi ħafna, jiġġeneraw telf finanzjarju sostanzjali, jimminaw il-fiduċja tal-utenti, jikkawżaw ħsara kbira lill-ekonomija tal-Unjoni, u jistgħu jħallu wkoll konsegwenzi fuq is-saħħa jew li jipperikolaw il-ħajjiet. Barra minn hekk, l-inċidenti taċ-ċibersigurtà huma imprevedibbli għax spiss ifeġġu u jevolvu f'perjodi qosra ħafna, ma jkunux biss f'xi żona ġeografika speċifika, u jseħħu f'daqqa jew jinfirxu mill-ewwel f'ħafna pajjiżi. ***Għalhekk, hija meħtieġa kooperazzjoni mill-qrib u koordinata bejn is-settur pubbliku, is-settur privat, l-akkademja, is-soċjetà ċivili u l-media. Barra minn hekk, ir-rispons tal-Unjoni jeħtieġ li jiġi kkoordinat ma' istituzzjonijiet internazzjonali kif ukoll ma' sħab internazzjonali fdati u tal-istess fehma. Sħab internazzjonali fdati u tal-istess fehma huma pajjiżi li jikkondividu l-valuri tal-Unjoni tad-demokrazija, l-impenn għad-drittijiet tal-bniedem, il-multilateraliżmu effettiv, u l-ordni bbażat fuq ir-regoli, f'konformità mal-oqfsa u l-ftehimiet ta' kooperazzjoni internazzjonali. Sabiex tiġi żgurata l-kooperazzjoni ma' sħab internazzjonali fdati u tal-istess fehma u l-protezzjoni kontra rivali sistemiċi, l-entitajiet stabbiliti f'pajjiżi terzi li mhumiex partijiet għall-GPA jenħtieġ li ma jitħallewx jipparteċipaw fl-akkwist skont dan ir-Regolament.***

(3) Jeħtieġ li tissaħħaħ il-pożizzjoni kompetittiva tas-setturi tal-industrija u tas-servizzi fl-Unjoni fl-ekonomija diġitali kollha u li tiġi appoġġjata t-trasformazzjoni diġitali tagħhom, billi jissaħħaħ il-livell taċ-ċibersigurtà fis-Suq Uniku Diġitali. Kif rakkomandat fi tliet proposti differenti tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa[5], jeħtieġ li tiżdied ir-reżiljenza taċ-ċittadini, tan-negozji, ***b'mod partikolari l-mikrointrapriżi u l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) inkluż l-istartups***, u tal-entitajiet li joperaw infrastrutturi kritiċi, ***inklużi awtoritajiet lokali u reġjonali***, kontra t-theddid dejjem akbar taċ-ċibersigurtà, li jista' jkollu impatti soċjetali u ekonomiċi devastanti. Għalhekk, jeħtieġ li jsir investiment fl-infrastrutturi, fis-servizzi ***u fil-bini tal-kapaċitajiet biex jiġu żviluppati l-ħiliet taċ-ċibersigurtà*** li se jappoġġjaw id-detezzjoni u r-rispons aktar malajr għat-theddid u l-inċidenti taċ-ċibersigurtà, u l-Istati Membri jeħtieġu l-assistenza biex iħejju ruħhom u jirrispondu aħjar għall-inċidenti sinifikanti u fuq skala kbira taċ-ċibersigurtà. L-Unjoni jenħtieġ li żżid ukoll il-kapaċitajiet tagħha f'dawn l-oqsma, b'mod partikolari fir-rigward tal-ġbir u l-analiżi tad-data dwar it-theddid u l-inċidenti taċ-ċibersigurtà.

***(3a) L-attakki ċibernetiċi huma spiss immirati lejn servizzi u infrastrutturi pubbliċi lokali, reġjonali jew nazzjonali. L-awtoritajiet lokali huma fost l-iktar miri vulnerabbli tal-attakki ċibernetiċi minħabba n-nuqqas ta' riżorsi finanzjarji u umani tagħhom. Għalhekk huwa partikolarment importanti li d-deċiżuri fil-livell lokali jkunu mgħarrfa dwar il-ħtieġa li tiżdied ir-reżiljenza diġitali, iżidu l-kapaċità tagħhom li***

[5] https://wayback.archive-it.org/12090/20230417194001/https://futureu.europa.eu/mt/

***jnaqqsu l-impatt tal-attakki ċibernetiċi u jaħtfu l-opportunitajiet ipprovduti minn dan ir-Regolament.***

(4) L-Unjoni diġà ħadet għadd ta' miżuri biex tnaqqas il-vulnerabbiltajiet u żżid ir-reżiljenza tal-infrastrutturi u l-entitajiet kritiċi kontra r-riskji taċ-ċibersigurtà, b'mod partikolari d-Direttiva (UE) 2022/2555 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[6], ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1584[7], id-Direttiva 2013/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[8] u r-Regolament (UE) 2019/881 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[9]. Barra minn hekk, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar approċċ ikkoordinat għall-Unjoni kollha li jsaħħaħ ir-reżiljenza tal-infrastruttura kritika, tistieden lill-Istati Membri jieħdu miżuri urġenti u effettivi u jikkooperaw lealment, b'mod effiċjenti, bis-solidarjetà u b'mod ikkoordinat bejniethom, mal-Kummissjoni, ma' awtoritajiet pubbliċi rilevanti oħra, u mal-entitajiet ikkonċernati, biex isaħħu r-reżiljenza tal-infrastruttura kritika użata biex jingħataw servizzi essenzjali fis-suq intern.

(5) Ir-riskji dejjem akbar taċ-ċibersigurtà u x-xenarju ġenerali kumpless tat-theddid, b'riskju ċar ta' tixrid malajr tal-inċidenti ċibernetiċi minn Stat Membru għall-ieħor u minn pajjiż terz għall-Unjoni jeħtieġu solidarjetà msaħħa fil-livell tal-Unjoni għal detezzjoni, tħejjija u rispons aħjar għat-theddid u l-inċidenti taċ-ċibersigurtà ***u rkupru minnhom***. L-Istati Membri stiednu wkoll lill-Kummissjoni biex tippreżenta proposta dwar Fond ta' Rispons ta' Emerġenza għaċ-Ċibersigurtà ġdid fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Pożizzjoni Ċibernetika tal-UE[10].

(6) Il-Komunikazzjoni Konġunta dwar il-Politika tal-UE dwar iċ-Ċiberdifiża[11] adottata fl-10 ta' Novembru 2022 ħabbret Inizjattiva tal-UE għaċ-Ċibersolidarjetà bl-objettivi li: jissaħħu l-kapaċitajiet komuni tal-UE tad-detezzjoni, l-għarfien sitwazzjonali u r-rispons billi jiġi promoss l-użu ta' ***network*** tal-UE taċ-Ċentri tal-Operazzjonijiet tas-Sigurtà ("SOCs"), jiġi appoġġjat it-tiswir gradwali ta' riżerva taċ-ċibersigurtà fil-livell tal-UE b'servizzi mingħand fornituri privati fdati, u jsir ittestjar tal-entitajiet kritiċi għal vulnerabbiltajiet potenzjali abbażi ta' valutazzjonijiet tar-riskju tal-UE.

(7) Jeħtieġ jissaħħu d-detezzjoni u l-għarfien sitwazzjonali tat-theddid u l-inċidenti ċibernetiċi madwar l-Unjoni u jeħtieġ tissaħħaħ is-solidarjetà billi jiżdiedu t-tħejjija u l-kapaċitajiet tal-Istati Membri u tal-Unjoni li ***jipprevjenu u*** jirrispondu għall-inċidenti

---

6 Id-Direttiva (UE) 2022/2555 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni kollha, li temenda r-Regolament (UE) Nru 910/2014 u d-Direttiva (UE) 2018/1972, u li tħassar id-Direttiva (UE) 2016/1148 (ĠU L 333, 27.12.2022).

7 Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1584 tat-13 ta' Settembru 2017 dwar Rispons Koordinat għal Inċidenti u Kriżijiet taċ-Ċibersigurtà fuq Skala Kbira (ĠU L 239, 19.9.2017, p. 36).

8 Id-Direttiva 2013/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Awwissu 2013 dwar attakki kontra s-sistemi tal-informazzjoni u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2005/222/ĠAI (*ĠU L 218, 14.8.2013, p. 8*).

9 Ir-Regolament (UE) 2019/881 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar l-ENISA (l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà) u dwar iċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 526/2013 (l-Att dwar iċ-Ċibersigurtà) (ĠU L 151, 7.6.2019, p. 15).

10 Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-iżvilupp tal-pożizzjoni ċibernetika tal-Unjoni Ewropea approvati mill-Kunsill fil-laqgħa tiegħu tat-23 ta' Mejju 2022, (9364/22).

11 Il-Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill – Politika tal-UE dwar iċ-Ċiberdifiża, JOIN/2022/49 final.

taċ-ċibersigurtà sinifikanti u fuq skala kbira. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi introdott ***network*** pan-Ewropew tal-SOCs (it-Tarka Ċibernetika Ewropea) biex jinbnew u jittejbu l-kapaċitajiet komuni tad-detezzjoni u tal-għarfien sitwazzjonali***, filwaqt li jissaħħu l-kapaċitajiet ta' detezzjoni tat-theddid u ta' kondiviżjoni tal-informazzjoni tal-Unjoni***; jenħtieġ li jiġi stabbilit Mekkaniżmu ta' Emerġenza taċ-Ċibersigurtà li jappoġġja lill-Istati Membri fit-tħejjija, fir-rispons, u fl-irkupru immedjat mill-inċidenti taċ-ċibersigurtà sinifikanti u fuq skala kbira; jenħtieġ li jiġi stabbilit Mekkaniżmu ta' Rieżami tal-Inċidenti taċ-Ċibersigurtà li jirrieżamina u jivvaluta inċidenti speċifiċi sinifikanti jew fuq skala kbira. Dawn l-azzjonijiet għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE").

(8) Biex jintlaħqu dawn l-objettivi, jeħtieġ ukoll jiġi emendat ir-Regolament (UE) 2021/694 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[12] f'ċerti oqsma. B'mod partikolari, dan ir-Regolament jenħtieġ li jemenda r-Regolament (UE) 2021/694 biex jiżdiedu objettivi operazzjonali ġodda relatati mat-Tarka Ċibernetika Ewropea u l-Mekkaniżmu ta' Emerġenza ***taċ-Ċibersigurtà*** skont l-Objettiv Speċifiku 3 tad-DEP, maħsub biex jiżgura r-reżiljenza, l-integrità u l-affidabbiltà tas-Suq Uniku Diġitali, biex isaħħaħ il-kapaċitajiet tal-monitoraġġ tal-attakki ċibernetiċi u t-theddid u r-rispons għalihom, u biex isaħħaħ il-kooperazzjoni transfruntiera fiċ-ċibersigurtà. Dan se jiġi kkumplimentat bil-kundizzjonijiet speċifiċi li skonthom jenħtieġ li jiġi stabbilit l-appoġġ finanzjarju li jista' jingħata għal dawk l-azzjonijiet, u li skonthom jenħtieġ li jiġu definiti l-mekkaniżmi ta' governanza u koordinazzjoni meħtieġa biex jintlaħqu l-objettivi maħsuba. Emendi oħra għar-Regolament (UE) 2021/694 jenħtieġ li jinkludu deskrizzjonijiet tal-azzjonijiet proposti skont l-objettivi operazzjonali l-ġodda, u indikaturi li jistgħu jitkejlu għal monitoraġġ tal-implimentazzjoni ta' dawn l-objettivi operazzjonali l-ġodda.

(9) Il-finanzjament tal-azzjonijiet skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jiġi previst fir-Regolament (UE) 2021/694, li jenħtieġ li jibqa' l-att bażiku rilevanti għal dawn l-azzjonijiet stabbiliti fl-Objettiv Speċifiku 3 tad-DEP. Il-kundizzjonijiet speċifiċi għall-parteċipazzjoni rigward kull azzjoni se jiġu previsti fil-programmi ta' ħidma rilevanti, f'konformità mad-dispożizzjoni applikabbli tar-Regolament (UE) 2021/694.

***(9a) Fid-dawl tal-iżviluppi ġeopolitiċi u x-xenarju dejjem jikber tat-theddid ċibernetiku (PPE 52) u sabiex jiġu żgurati l-kontinwità u l-iżvilupp ulterjuri tal-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament lil hinn mill-2027, b'mod partikolari t-Tarka Ċibernetika Ewropea u l-Mekkaniżmu ta' Emerġenza taċ-Ċibersigurtà, huwa meħtieġ li tiġi żgurata linja baġitarja speċifika fil-qafas finanzjarju pluriennali għall-perjodu 2028–2034. Jenħtieġ ukoll li l-Istati Membri jagħmlu sforz biex jimpenjaw ruħhom li jappoġġjaw il-miżuri kollha neċessarji biex jitnaqqsu t-theddid u l-inċidenti ċibernetiċi madwar l-Unjoni u biex tissaħħaħ is-solidarjetà.***

(10) Ir-regoli finanzjarji orizzontali adottati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill abbażi tal-Artikolu 322 tat-TFUE japplikaw għal dan ir-Regolament. Dawk ir-regoli huma stabbiliti fir-Regolament ***(UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***[13] u jiddeterminaw b'mod partikolari l-proċedura għall-istabbiliment u l-

---

12 Ir-Regolament (UE) 2021/694 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Diġitali u li jħassar id-Deċiżjoni (UE) 2015/2240 (ĠU L 166, 11.5.2021, p. 1).

13 ***Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE)***

implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni, u jipprevedu kontrolli fuq ir-responsabbiltà tal-atturi finanzjarji. Ir-regoli adottati abbażi tal-Artikolu 322 tat-TFUE jinkludu wkoll ir-reġim ġenerali tal-kundizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni kif stabbilit fir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[14].

(11) Għall-finijiet tal-ġestjoni finanzjarja tajba, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli speċifiċi għat-trasferiment tal-approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament mhux użati. Filwaqt li jirrispetta l-prinċipju li l-baġit tal-Unjoni jiġi stabbilit kull sena, dan ir-Regolament jenħtieġ li, minħabba n-natura imprevedibbli, eċċezzjonali u speċifika tax-xenarju taċ-ċibersigurtà, jipprevedi possibbiltajiet għal riportar ta' fondi mhux użati lil hinn minn dawk stabbiliti ***fir-Regolament (EU, Euratom) 2018/1046***, u b'hekk tiġi massimizzata l-kapaċità tal-Mekkaniżmu ta' Emerġenza taċ-Ċibersigurtà li jappoġġja lill-Istati Membri għal ġlieda effettiva kontra t-theddid ċibernetiku.

***(11a) Il-mekkaniżmu ta' Emerġenza taċ-Ċibersigurtà u r-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE stabbiliti f'dan ir-Regolament huma inizjattivi ġodda u ma kinux previsti fl-istabbiliment tal-qafas finanzjarju pluriennali għall-2021–2027, u l-finanzjament għal dawk l-inizjattivi huwa maħsub biex jillimita kemm jista' jkun it-tnaqqis tal-finanzjament għal prijoritajiet oħra fil-Programm Ewropa Diġitali. Għalhekk, l-ammont tar-riżorsi finanzjarji ddedikati għar-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE jenħtieġ li jitnaqqas u jenħtieġ li primarjament jittieħed mill-marġnijiet mhux allokati taħt il-limiti massimi tal-qafas finanzjarju pluriennali jew jiġi mobilizzat permezz tal-istrumenti speċjali tal-qafas finanzjarju pluriennali mhux tematiku. Kwalunkwe allokazzjoni jew riallokazzjoni ta' fondi minn programmi eżistenti jenħtieġ li tinżamm għal minimu assolut, sabiex il-programmi eżistenti, b'mod partikolari Erasmus+, jiġu protetti mill-impatt negattiv u jiġi żgurat li dawk il-programmi jkunu jistgħu jilħqu l-objettivi stabbiliti tagħhom.***

(12) Biex jiġu evitati, ivvalutati u indirizzati b'mod aktar effettiv it-theddid u l-inċidenti ċibernetiċi, u ***biex iseħħ irkupru minnhom***, jeħtieġ li jiġi żviluppat għarfien aktar komprensiv dwar it-theddid fuq l-assi u l-infrastrutturi kritiċi fit-territorju tal-Unjoni, inkluż id-distribuzzjoni ġeografika, l-interkonnessjoni u l-effetti potenzjali tagħhom f'każ ta' attakki ċibernetiċi li jaffettwaw lil dawk l-infrastrutturi. ***Approċċ proattiv għall-identifikazzjoni, il-mitigazzjoni u l-prevenzjoni ta' theddid ċibernetiku potenzjali jinkludi kapaċità akbar ta' kapaċitajiet ta' detezzjoni avvanzata meħtieġa biex jitwaqqaf it-theddid persistenti avvanzat. L-intelligence dwar it-theddid hija informazzjoni miġbura, analizzata, u interpretata għall-fehim tat-theddid u r-riskji potenzjali. Billi tanalizza u tikkorrelata ammonti vasti ta' data, l-intelligence tiżvela tendenzi, xejriet, u indikaturi ta' kompromess li jistgħu jiżvelaw attivitajiet jew vulnerabbiltajiet malizzjużi.*** Jenħtieġ li jiġi introdott ***network*** tal-SOCs ("it-Tarka Ċibernetika Ewropea"), li jkun jinkludi diversi pjattaformi transfruntieri interoperabbli, li lkoll jiġbru flimkien għadd ta' SOCs nazzjonali. Dik l-infrastruttura jenħtieġ li taqdi l-interessi u l-ħtiġijiet taċ-ċibersigurtà nazzjonali u tal-Unjoni, billi tingrana t-teknoloġija tal-aqwa livell għal għodod avvanzati tal-ġbir tad-data u tal-analitika,

---

*Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU UE L 193, 30.7.2018, p. 1 ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1046/oj).*

14 *Ir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni (ĠU L 433I , 22.12.2020, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2020/2092/oj).*

ittejjeb il-kapaċitajiet tad-detezzjoni u l-ġestjoni taċ-ċibersigurtà u tipprovdi għarfien sitwazzjonali fil-ħin reali. ***SOC nazzjonali tirreferi għal kapaċità ċentralizzata reponsabbli għall-ġbir kontinwu ta' informazzjoni ta' intelligence dwar it-theddid u għat-titjib tal-pożizzjoni taċ-ċibersigurtà ta' entitajiet taħt il-ġuriżdizzjoni nazzjonali permezz tal-prevenzjoni, id-detezzjoni u l-analiżi tat-theddid taċ-ċibersigurtà.*** Jenħtieġ li dik l-infrastruttura tgħin biex tiżdied id-detezzjoni tat-theddid u l-inċidenti taċ-ċibersigurtà u b'hekk tikkumplimenta u tappoġġja lill-entitajiet u lin-networks tal-Unjoni responsabbli għall-ġestjoni tal-kriżijiet fl-Unjoni, b'mod partikolari lin-Network tal-Organizzazzjoni ta' Kollegament tal-UE għall-Kriżijiet fiċ-Ċibersigurtà ("EU-CyCLONe"), kif definit fid-Direttiva (UE) 2022/2555 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[15].

(13) ***Sabiex jipparteċipa fit-Tarka Ċibernetika, kull*** Stat Membru jenħtieġ li jiddeżinja korp pubbliku fil-livell nazzjonali inkarigat mill-koordinazzjoni tal-attivitajiet tad-detezzjoni tat-theddid ċibernetiku f'dak l-Istat Membru. ***L-Istati Membri huma mħeġġa biex jinkorporaw il-kapaċità tas-SOC Nazzjonali fl-istruttura u l-governanza ċibernetika eżistenti tagħhom sabiex jevitaw li joħolqu livelli ta' governanza addizzjonali u biex jallinjaw dan ir-Regolament mal-leġiżlazzjoni eżistenti, inkluża d-Direttiva (UE) 2022/2555.*** Dawk l-SOCs nazzjonali jenħtieġ li jaġixxu bħala punt ta' referenza u portal fil-livell nazzjonali għall-parteċipazzjoni ***ta' entitajiet privati u pubbliċi, b'mod partikolari l-SOCs Nazzjonali tagħhom,*** fit-Tarka Ċibernetika Ewropea u jenħtieġ li jiżguraw li l-informazzjoni dwar it-theddid ċibernetiku minn entitajiet pubbliċi u privati tiġi kondiviża u miġbura fil-livell nazzjonali b'mod effettiv u simplifikat. ***L-SOCs nazzjonali jenħtieġ li jsaħħu l-kooperazzjoni u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni bejn l-entitajiet pubbliċi u privati biex ineħħu d-diviżjonijiet fil-komunikazzjoni li jeżistu bħalissa. Meta jagħmlu dan, huma jistgħu jappoġġjaw il-ħolqien ta' mudelli ta' skambju ta' data u jenħtieġ li jiffaċilitaw u jinkoraġġixxu l-kondiviżjoni ta' informazzjoni f'ambjent affidabbli u sigur. Kooperazzjoni mill-qrib u kkoordinata bejn l-entitajiet pubbliċi u privati hija ċentrali għat-tisħiħ tar-reżiljenza tal-Unjoni fl-isfera taċ-ċibersigurtà.***

(14) Bħala parti mit-Tarka Ċibernetika Ewropea, jenħtieġ li jiġu stabbiliti għadd ta' Ċentri Transfruntieri tal-Operazzjonijiet taċ-Ċibersigurtà ("SOCs transfruntieri"). Dawn jenħtieġ li jiġbru flimkien lil SOCs Nazzjonali minn tal-anqas tliet Stati Membri, biex il-benefiċċji transfruntieri tad-detezzjoni tat-theddid u tal-kondiviżjoni u l-ġestjoni tal-informazzjoni jinħatfu kollha kemm huma. L-objettiv ġenerali tal-SOCs transfruntieri jenħtieġ li jkun li jissaħħu l-kapaċitajiet biex jiġu analizzati, evitati u identifikati t-theddidiet taċ-ċibersigurtà u li tiġi appoġġjata l-produzzjoni ta' intelligence ta' kwalità għolja ***inkluż il-ġbir u l-kondiviżjoni ta' data u informazzjoni dwar hacking malizzjuż possibbli, theddid malizzjuż żviluppat reċentement u sfruttamenti li għadhom ma bdewx f'inċidenti ċibernetiċi, u sforzi ta' analiżi,*** dwar it-theddid taċ-ċibersigurtà, b'mod partikolari bil-kondiviżjoni ta' data minn diversi sorsi, pubbliċi jew privati, u kif ukoll permezz tal-kondiviżjoni u l-użu konġunt ta' għodod mill-aktar avvanzati, u l-iżvilupp konġunt ta' kapaċitajiet tad-detezzjoni, tal-analiżi u tal-prevenzjoni f'ambjent fdat ***u sikur bl-appoġġ tal-ENISA fi kwistjonijiet relatati mal-kooperazzjoni***

[15] Id-Direttiva (UE) 2022/2555 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni kollha, li temenda r-Regolament (UE) Nru 910/2014 u d-Direttiva (UE) 2018/1972, u li tħassar id-Direttiva (UE) 2016/1148 (Direttiva NIS 2) (ĠU L 333, 27.12.2022, p. 80).

***operazzjonali fost l-Istati Membri. L-SOCs transfruntieri jenħtieġ li jiffaċilitaw u jinkoraġġixxu l-kondiviżjoni ta' informazzjoni f'ambjent fdat u sikur u*** jenħtieġ li jipprovdu kapaċità addizzjonali ġdida, filwaqt li jibnu fuq u jikkumplimentaw lill-SOCs eżistenti u lit-timijiet ta' rispons għal inċidenti relatati mal-kompjuter ("CSIRTs") u atturi rilevanti oħra.

(15) Fil-livell nazzjonali, il-monitoraġġ, id-detezzjoni u l-analiżi tat-theddid ċibernetiku tipikament ikunu żgurati mill-SOCs tal-entitajiet pubbliċi u privati, flimkien mas-CSIRTs. Barra minn hekk, is-CSIRTs jiskambjaw informazzjoni fil-kuntest tan-network tas-CSIRTs, f'konformità mad-Direttiva (UE) 2022/2555. Jenħtieġ li l-SOCs transfruntieri jikkostitwixxu ***kapaċità*** ġdida li tkun ***inkorporata fl-infrastruttura taċ-ċibersigurtà diġà eżistenti, b'mod partikolari*** n-network tas-CSIRTs, billi jiġbru u jaqsmu data dwar it-theddid taċ-ċibersigurtà minn entitajiet pubbliċi u privati, ***b'mod partikolari l-SOCs tagħhom***, itejbu l-valur ta' din id-data b'analiżi esperta u b'infrastrutturi u għodod mill-aktar avvanzati akkwistati b'mod konġunt, u jikkontribwixxu ***għas-sovranità teknoloġika tal-Unjoni, l-awtonimija strateġika miftuħa tagħha, il-kompetittività u r-reżiljenza u l-iżvilupp ta' ekosistema taċ-ċibersigurtà sinifikanti, inkluż b'kooperazzjoni ma sħab internazzjonali fdati u tal-istess fehma.*** .

(16) L-SOCs transfruntieri jenħtieġ li jaġixxu bħala punt ċentrali li jippermetti ġbir wiesa' ta' data u intelligence dwar it-theddid ċibernetiku rilevanti, jippermetti t-tixrid tal-informazzjoni dwar it-theddid fost sett kbir u varjat ta' atturi (eż., Skwadri tar-Rispons f'Emerġenza Relatata mal-Kompjuters ("CERTs"), is-CSIRTs, iċ-Ċentri tal-Kondiviżjoni tal-Informazzjoni u Analiżi ("ISACs"), operaturi tal-infrastrutturi kritiċi, ***biex jiffaċilitaw it-tmiem tad-diviżjonijiet fil-komunikazzjoni li jeżistu bħalissa. B'dan il-mod, l-SOCs transfruntieri jistgħu jappoġġjaw ukoll il-ħolqien ta' mudelli ta' skambju tad-data madwar l-Unjoni.*** L-informazzjoni skambjata fost il-parteċipanti f'SOC transfruntier tista' tinkludi data minn networks u sensuri, aġġornamenti tal-intelligence tat-theddid, indikaturi ta' kompromess, u informazzjoni kuntestwalizzata dwar inċidenti, theddid u vulnerabbiltajiet ***inkluż il-ġbir u l-kondiviżjoni ta' data u informazzjoni dwar hacking malizzjuż possibbli, theddid malizzjuż żviluppat reċentement u sfruttamenti li għadhom ma bdewx jintużaw f'inċidenti ċibernetiċi, u sforzi ta' analiżi.*** Barra minn hekk, l-SOCs transfruntieri jenħtieġ li jagħmlu wkoll ftehimiet tal-kooperazzjoni ma' SOCs transfruntieri oħra.

(17) L-għarfien sitwazzjonali kondiviż fost l-awtoritajiet rilevanti hu prerekwiżit indispensabbli għat-tħejjija u l-koordinazzjoni fl-Unjoni kollha rigward l-inċidenti taċ-ċibersigurtà sinifikanti u fuq skala kbira. Id-Direttiva (UE) 2022/2555 tistabbilixxi l-EU-CyCLONe biex tappoġġja l-ġestjoni koordinata tal-inċidenti u l-kriżijiet taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira fil-livell operazzjonali u biex tiżgura l-iskambju regolari tal-informazzjoni rilevanti bejn l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-Unjoni. Ir-Rakkomandazzjoni (UE) 2017/1584 dwar ir-rispons ikkoordinat għall-inċidenti u l-kriżijiet taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira tindirizza r-rwol tal-atturi rilevanti kollha. Id-Direttiva (UE) 2022/2555 tfakkar ukoll ir-responsabbiltajiet tal-Kummissjoni fil-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili ("UCPM") stabbilit bid-Deċiżjoni 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[16], u tipprovdi rapporti analitiċi

---

[16] ***Id-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili Test b'relevanza għaż-ŻEE (***ĠU L 347, 20.12.2013, p. 924, ***ELI:***. http://data.europa.eu/eli/dec/2013/1313/oj***).***

għall-arranġamenti tal-Mekkaniżmu Integrat tar-Rispons għall-Kriżijiet Politiċi ("IPCR") skont id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni ***tal-Kunsill*** (UE) 2018/1993[17]. Għalhekk, meta l-SOCs transfruntieri jiksbu informazzjoni relatata ma' inċident potenzjali jew attwali taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira, dawn jenħtieġ li jipprovdu informazzjoni rilevanti lill-EU-CyCLONe, lin-network tas-CSIRTs u lill-Kummissjoni ***f'konformità mad-Direttiva (UE) 2022/2555.*** B'mod partikolari, skont is-sitwazzjoni, l-informazzjoni li trid tiġi kondiviża tista' tinkludi informazzjoni teknika, informazzjoni dwar in-natura u l-motivi tal-aggressur jew tal-aggressur potenzjali, u informazzjoni mhux teknika ta' livell ogħla dwar inċident taċ-ċibersigurtà potenzjali jew attwali fuq skala kbira. F'dan il-kuntest, jenħtieġ li tingħata attenzjoni xierqa lill-prinċipju tal-ħtieġa ta' għarfien u lin-natura potenzjalment sensittiva tal-informazzjoni kondiviża.

(18) Jenħtieġ li l-entitajiet li jipparteċipaw fit-Tarka Ċibernetika Ewropea jiżguraw livell għoli ta' interoperabbiltà bejniethom inkluż, kif xieraq, fir-rigward tal-formati tad-data, it-tassonomija, l-għodod tal-immaniġġar tad-data u tal-analiżi tad-data, u l-kanali siguri tal-komunikazzjoni, livell minimu ta' sigurtà tal-livell tal-applikazzjoni, dashboard tal-għarfien sitwazzjonali, u indikaturi. L-adozzjoni ta' tassonomija komuni u l-iżvilupp ta' mudell għar-rapporti sitwazzjonali biex jiġu deskritti l-kawża teknika u l-impatti tal-inċidenti taċ-ċibersigurtà jenħtieġ li jqisu l-ħidma attwali dwar in-notifika tal-inċidenti fil-kuntest tal-implimentazzjoni tad-Direttiva (UE) 2022/2555.

(19) Biex ikun jista' jsir l-iskambju tad-data dwar it-theddid taċ-ċibersigurtà minn diversi sorsi, bi skala kbira u f'ambjent fdat ***u sikur***, l-entitajiet li jieħdu sehem fit-Tarka Ċibernetika Ewropea jenħtieġ li jkunu attrezzati b'għodod, tagħmir u infrastrutturi mill-aktar avvanzati u siguri ***u persunal b'livell għoli ta' ħiliet***. B'hekk jenħtieġ li jkunu jistgħu jittejbu l-kapaċitajiet kollettivi tad-detezzjoni u tat-twissijiet fil-ħin lill-awtoritajiet u lill-entitajiet rilevanti, b'mod partikolari billi jintużaw l-aktar teknoloġiji riċenti tal-intelliġenza artifiċjali (AI) u tal-analitika tad-data.

(20) Bil-ġbir, bil-kondiviżjoni u bl-iskambju tad-data, it-Tarka Ċibernetika Ewropea jenħtieġ li ttejjeb is-sovranità teknoloġika tal-Unjoni, ***l-awtonomija strateġika miftuħa tagħha, il-kompetittività u r-reżiljenza tagħha u l-iżvilupp ta' ekosistema taċ-ċibersigurtà sinifikanti tal-UE.*** Il-ġbir flimkien ta' data mirquma ta' kwalità għolja jenħtieġ li jikkontribwixxi wkoll għall-iżvilupp ta' teknoloġiji avvanzati tal-intelliġenza artifiċjali (AI) u tal-analitika tad-data. ***L-intelliġenza artifiċjali hija l-aktar effettiva meta mqabbla ma' analiżi umana. Għalhekk, forza tax-xogħol b'ħiliet speċjalizzati tibqa' essenzjali għall-ġbir ta' data ta' kwalità għolja.*** Dan jenħtieġ li jiġi ffaċilitat bil-konnessjoni tat-Tarka Ċibernetika Ewropea mal-infrastruttura pan-Ewropea tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja stabbilita bir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/1173[18].

(21) Filwaqt li t-Tarka Ċibernetika Ewropea hi proġett ċivili, il-komunità taċ-ċibersigurtà tista' tibbenefika minn kapaċitajiet ċivili aktar sodi tad-detezzjoni u tal-għarfien sitwazzjonali żviluppati għall-protezzjoni tal-infrastruttura kritika. L-SOCs transfruntieri, bl-appoġġ tal-Kummissjoni u taċ-Ċentru Ewropew ta' Kompetenza

---

[17] ***Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1993 tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar l-Arranġamenti Integrati tal-UE għal Rispons Politiku f'Sitwazzjonijiet ta' Kriżi (*****ĠU L 320, 17.12.2018, p. 28,** ***ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2018/1993/oj).***

[18] Ir-Regolament tal-Kunsill (EU) 2021/1173 tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-istabbiliment tal-Impriża Konġunta għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew u li jħassar ir-Regolament (UE) 2018/1488 (ĠU L 256, 19.7.2021, p. 3), ***ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1173/oj***).

Industrijali, Teknoloġika u tar-Riċerka fil-qasam taċ-Ċibersigurtà ("ECCC"), u b'kooperazzjoni mar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika tas-Sigurtà (ir-"Rappreżentant Għoli"), jenħtieġ li gradwalment jiżviluppaw ***kundizzjonijiet u salvagwardji għall-aċċess***, protokolli u standards apposta biex jippermettu l-kooperazzjoni mal-komunità taċ-ċiberdifiża, inkluż kundizzjonijiet ta' skrutinju u sigurtà***, filwaqt li jirrispettaw in-natura ċivili tal-istituzzjonijiet u l-użu aħħari tal-finanzjament, u b'hekk jużaw il-fondi disponibbli għall-komunità tad-difiża.*** Mal-iżvilupp tat-Tarka Ċibernetika Ewropea jenħtieġ li ssir riflessjoni dwar kollaborazzjoni futura ma' networks u pjattaformi responsabbli għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni fil-komunità taċ-ċiberdifiża, b'kooperazzjoni mill-qrib mar-Rappreżentant Għoli ***u b'rispett sħiħ tad-drittijiet u l-libertajiet.***

(22) Jenħtieġ li l-kondiviżjoni tal-informazzjoni fost il-parteċipanti tat-Tarka Ċibernetika Ewropea tkun konformi mar-rekwiżiti legali eżistenti u b'mod partikolari mal-liġi tal-Unjoni u dik nazzjonali dwar il-protezzjoni tad-data, u mar-regoli tal-Unjoni dwar il-kompetizzjoni li jirregolaw l-iskambju tal-informazzjoni. Ir-riċevitur tal-informazzjoni jenħtieġ li jimplimenta, sa fejn ikun meħtieġ għall-ipproċessar tad-data personali, miżuri tekniċi u organizzazzjonali li jħarsu d-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-data, u jenħtieġ li jeqred id-data malli ma tibqax meħtieġa għall-iskop dikjarat u jinforma lill-korp li jagħmel id-data disponibbli li d-data tkun inqerdet.

(23) Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 346 tat-TFUE, l-iskambju tal-informazzjoni li tkun kunfidenzjali skont ***il-liġi*** tal-Unjoni jew nazzjonali jenħtieġ li jkun limitat għal dak rilevanti u proporzjonat għall-fini ta' dak l-iskambju. L-iskambju ta' din l-informazzjoni jenħtieġ li jħares il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni u jipproteġi s-sigurtà u l-interessi kummerċjali tal-entitajiet ikkonċernati, b'rispett sħiħ tas-sigrieti tan-negozju u kummerċjali.

(24) Fid-dawl taż-żidiet kontinwi fir-riskji u fl-inċidenti ċibernetiċi li jolqtu lill-Istati Membri, jeħtieġ jiġi stabbilit strument ta' appoġġ għall-kriżijiet li jtejjeb ir-reżiljenza tal-Unjoni għall-inċidenti taċ-ċibersigurtà sinifikanti u fuq skala kbira u jikkumplimenta l-azzjonijiet tal-Istati Membri b'appoġġ finanzjarju ta' emerġenza għat-tħejjija, ir-rispons u l-irkupru immedjat tas-servizzi essenzjali. Dak l-istrument jenħtieġ li jippermetti l-użu rapidu ***u effettiv*** tal-assistenza f'ċirkostanzi definiti u f'kundizzjonijiet ċari u jippermetti monitoraġġ u evalwazzjoni bir-reqqa ta' kif intużaw ir-riżorsi. Filwaqt li r-responsabbiltà primarja għall-prevenzjoni, it-tħejjija u r-rispons għall-inċidenti u l-kriżijiet taċ-ċibersigurtà hi f'idejn l-Istati Membri, il-Mekkaniżmu ta' Emerġenza ***taċ-Ċibersigurtà*** jippromwovi s-solidarjetà bejn l-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 3(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea ("TUE").

(25) Il-Mekkaniżmu ta' Emerġenza ***taċ-Ċibersigurtà*** jenħtieġ li jipprovdi appoġġ lill-Istati Membri li jkun jikkumplimenta l-miżuri u r-riżorsi proprji tagħhom, u jagħti alternattivi ta' appoġġ eżistenti oħra fejn jidħlu r-rispons u l-irkupru immedjati mill-inċidenti taċ-ċibersigurtà sinifikanti u fuq skala kbira, bħas-servizzi provduti mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà ("ENISA") f'konformità mal-mandat tagħha, ir-rispons ikkoordinat u l-assistenza min-network tas-CSIRTs, l-appoġġ tal-mitigazzjoni mill-EU-CyCLONe, u l-assistenza reċiproka bejn l-Istati Membri inkluż fil-kuntest tal-Artikolu 42(7) tat-TUE, it-Timijiet tar-Rispons Rapidu Ċibernetiku tal-PESCO[19] u t-

[19] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/2315 tal-11 ta' Diċembru 2017 li tistabbilixxi kooperazzjoni strutturata permanenti (PESCO) u li tiddetermina l-lista ta' Stati Membri parteċipanti.

Timijiet Ibridi tar-Rispons Rapidu. Jenħtieġ li dan jindirizza l-ħtieġa li tkun żgurata d-disponibbiltà ta' mezzi speċjalizzati li jappoġġjaw it-tħejjija u r-rispons għall-inċidenti taċ-ċibersigurtà madwar l-Unjoni u fil-pajjiżi terzi.

(26) Dan l-istrument hu mingħajr preġudizzju għall-proċeduri u l-oqfsa għall-koordinazzjoni tar-rispons għall-kriżijiet fil-livell tal-Unjoni, b'mod partikolari l-UCPM[20], l-IPCR[21], u d-Direttiva (UE) 2022/2555. Dan jista' jikkumplimenta jew jikkontribwixxi għall-azzjonijiet implimentati fil-kuntest tal-Artikolu 42(7) tat-TUE jew fis-sitwazzjonijiet definiti fl-Artikolu 222 tat-TFUE. L-użu ta' dan l-istrument jenħtieġ li jkun ikkoordinat ukoll mal-implimentazzjoni tal-miżuri tas-Sett ta' Għodod tad-Diplomazija Ċibernetika, meta xieraq.

(27) L-assistenza mogħtija skont dan ir-Regolament jenħtieġ li tkun tappoġġja u tikkumplimenta l-azzjonijiet tal-Istati Membri fil-livell nazzjonali. Għalhekk, jenħtieġ li jiġu żgurati l-kooperazzjoni u l-konsultazzjoni mill-qrib bejn il-Kummissjoni, ***l-ENISA*** u l-Istat Membru affettwat. Meta jitlob l-appoġġ tal-Mekkaniżmu ta' Emerġenza ***taċ-Ċibersigurtà***, l-Istat Membru jenħtieġ li jipprovdi informazzjoni rilevanti li tiġġustifika l-ħtieġa ta' appoġġ.

(28) Id-Direttiva (UE) 2022/2555 teżiġi li l-Istati Membri jiddeżinjaw jew jistabbilixxu awtorità waħda jew aktar għall-ġestjoni tal-kriżijiet ċibernetiċi u jiżguraw li jkollhom ir-riżorsi adegwati biex jaqdu dmirhom b'mod effettiv u effiċjenti. Din teżiġi wkoll li l-Istati Membri jidentifikaw il-kapaċitajiet, l-assi u l-proċeduri li jistgħu jintużaw fil-każ ta' kriżi, u li jadottaw pjan nazzjonali tar-rispons għall-inċidenti u l-kriżijiet taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira li jkun jistabbilixxi l-objettivi u l-arranġamenti għall-ġestjoni tal-inċidenti u l-kriżijiet taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira. L-Istati Membri jeħtieġ jistabbilixxu wkoll CSIRT wieħed jew aktar inkarigati mit-trattament tal-inċidenti skont proċess definit sew u li jkun ikopri mill-anqas is-setturi, is-subsetturi u t-tipi tal-entitajiet fl-ambitu ta' dik id-Direttiva, u jeħtieġ jiżguraw li jkollhom riżorsi adegwati biex jaqdu dmirhom b'mod effettiv. Dan ir-Regolament hu mingħajr preġudizzju għar-rwol tal-Kummissjoni li tiżgura l-konformità tal-Istati Membri mal-obbligi tad-Direttiva (UE) 2022/2555. Il-Mekkaniżmu ta' Emerġenza ***taċ-Ċibersigurtà*** jenħtieġ li jipprovdi assistenza għal azzjonijiet immirati biex isaħħu t-tħejjija, u għal azzjonijiet tar-rispons għall-inċidenti li jtaffu l-impatt tal-inċidenti taċ-ċibersigurtà sinifikanti u fuq skala kbira, b'appoġġ għall-irkupru immedjat u/jew biex jitreġġa lura l-funzjonament tas-servizzi essenzjali.

(29) Bħala parti mill-azzjonijiet tat-tħejjija, biex jiġi promoss approċċ konsistenti u tissaħħaħ is-sigurtà fl-Unjoni u fis-suq intern tagħha, jenħtieġ li jingħata appoġġ għall-ittestjar u l-valutazzjoni taċ-ċibersigurtà tal-entitajiet li joperaw fis-setturi kritiċi ħafna identifikati skont id-Direttiva (UE) 2022/2555 b'mod ikkoordinat. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni, bl-appoġġ tal-ENISA u b'kooperazzjoni mal-Grupp ta' Kooperazzjoni tal-NIS stabbilit bid-Direttiva (UE) 2022/2555, jenħtieġ li tidentifika regolarment is-setturi jew is-subsetturi rilevanti, li jenħtieġ li jkunu eliġibbli li jirċievu appoġġ finanzjarju għal ittestjar ikkoordinat fil-livell tal-Unjoni. Is-setturi jew is-subsetturi jenħtieġ li jintgħażlu mill-Anness I tad-Direttiva (UE) 2022/2555 ("Setturi ta'

[20] Id-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 924).

[21] Arranġamenti Integrati għal Rispons Politiku għall-Kriżijiet (IPCR) u f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1584 tat-13 ta' Settembru 2017 dwar rispons ikkoordinat għall-inċidenti u l-kriżijiet taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira.

Kritikalità Għolja"). L-eżerċizzji tal-ittestjar ikkoordinat jenħtieġ li jkunu bbażati fuq xenarji u metodoloġiji komuni tar-riskju. L-għażla tas-setturi u l-iżvilupp tax-xenarji tar-riskju jenħtieġ li jqisu l-valutazzjonijiet tar-riskju u x-xenarji tar-riskju rilevanti fl-Unjoni kollha, inkluż il-ħtieġa li tkun evitata d-duplikazzjoni, bħall-evalwazzjoni tar-riskju u x-xenarji tar-riskju mitluba fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-iżvilupp taċ-ċibersigurtà tal-Unjoni Ewropea li jridu jagħmlu l-Kummissjoni, ir-Rappreżentant Għoli u l-Grupp ta' Kooperazzjoni tal-NIS, b'koordinazzjoni mal-korpi u l-aġenziji ċivili u militari rilevanti u n-networks stabbiliti, inkluż l-EU-CyCLONe, u l-valutazzjoni tar-riskju tan-networks u tal-infrastrutturi tal-komunikazzjoni mitluba mis-Sejħa Ministerjali Konġunta ta' Nevers u mwettqa mill-Grupp ta' Kooperazzjoni tal-NIS, bl-appoġġ tal-Kummissjoni u tal-ENISA, u b'kooperazzjoni mal-Korp tar-Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC), il-valutazzjonijiet tar-riskju ikkoordinati li jridu jsiru skont l-Artikolu 22 tad-Direttiva (UE) 2022/2555 u l-ittestjar tar-reżiljenza operazzjonali diġitali kif previst fir-Regolament (UE) 2022/2554 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[22]. L-għażla tas-setturi jenħtieġ li tqis ukoll ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar approċċ ikkoordinat fl-Unjoni kollha li jsaħħaħ ir-reżiljenza tal-infrastruttura kritika.

(30) Barra minn hekk, il-Mekkanizmu ta' Emerġenza ***taċ-Ċibersigurtà*** jenħtieġ li joffri appoġġ għal azzjonijiet oħra tat-tħejjija u jenħtieġ li jappoġġja t-tħejjija f'setturi oħra li mhumiex koperti mill-ittestjar ikkoordinat tal-entitajiet li joperaw fis-setturi kritiċi ħafna. Dawk l-azzjonijiet jistgħu jinkludu diversi tipi ta' attivitajiet nazzjonali tat-tħejjija.

(31) Il-Mekkanizmu ta' Emerġenza ***taċ-Ċibersigurtà*** jenħtieġ li jipprovdi wkoll appoġġ għal azzjonijiet tar-rispons għall-inċidenti biex jittaffa l-impatt tal-inċidenti taċ-ċibersigurtà sinifikanti u fuq skala kbira, ikun appoġġjat l-irkupru immedjat, jew jitreġġa' lura l-funzjonament tas-servizzi essenzjali. Meta xieraq, jenħtieġ li dan jikkumplimenta lill-UCPM biex jiżgura approċċ komprensiv li jirrispondi għall-impatti tal-inċidenti ċibernetiċi fuq iċ-ċittadini.

(32) Il-Mekkanizmu ta' Emerġenza ***taċ-Ċibersigurtà*** jenħtieġ li jappoġġja l-assistenza tal-Istati Membri lil Stat Membru affettwat minn inċident taċ-ċibersigurtà sinifikanti jew fuq skala kbira, inkluż l-assistenza tan-network tas-CSIRTs stabbilit fl-Artikolu 15 tad-Direttiva (UE) 2022/2555. L-Istati Membri li jipprovdu assistenza jenħtieġ li jitħallew jippreżentaw talbiet biex ikopru l-kostijiet relatati mad-dispaċċ tat-timijiet tal-esperti fil-qafas tal-assistenza reċiproka. Il-kostijiet eliġibbli jistgħu jinkludu l-ispejjeż tal-ivvjaġġar, tal-akkomodazzjoni u tal-allowance ta' kuljum tal-esperti taċ-ċibersigurtà.

(33) Jenħtieġ li gradwalment tiġi stabbilita Riżerva taċ-Ċibersigurtà fil-livell tal-Unjoni, li tikkonsisti f'servizzi ta' fornituri privati tas-servizzi tas-sigurtà ġestiti biex jappoġġjaw l-azzjonijiet tar-rispons u tal-irkupru immedjati f'każijiet ta' inċidenti taċ-ċibersigurtà sinifikanti jew fuq skala kbira. Ir-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE jenħtieġ li tiżgura d-disponibbiltà u l-prontezza tas-servizzi, ***filwaqt li tirrinforza r-reżiljenza tal-Unjoni, inkluża l-parteċipazzjoni tal-fornituri Ewropej tas-servizzi tas-sigurtà ġestiti li huma SMEs u tiżgura l-ħolqien ta' ekosistema taċ-ċibersigurtà, b'mod partikolari l-mikrointrapriżi, l-SMEs inklużi l-istartups, b' investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni***

[22] Ir-Regolament (UE) 2022/2554 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar ir-reżiljenza operazzjonali diġitali għas-settur finanzjarju u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009, (UE) Nru 648/2012, (UE) Nru 600/2014, (UE) Nru 909/2014 u (UE) 2016/1011.

***(R&I) biex jiġu żviluppati teknoloġiji mill-iktar avvanzati, bħal dawk relatati mal-cloud u mal-intelliġenza artifiċjali. Il-fornituri fdati, inklużi l-SMEs, jenħtieġ li jkunu jistgħu jikkooperaw ma' xulxin biex jissodisfaw il-kriterji ta' hawn fuq.*** Is-servizzi mir-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE jenħtieġ li jservu biex jappoġġjaw lill-awtoritajiet nazzjonali fl-għoti tal-assistenza lill-entitajiet affettwati li joperaw fis-setturi kritiċi jew kritiċi ħafna bħala kumplimentari għall-azzjonijiet tagħhom stess fil-livell nazzjonali. ***Għalhekk, ir-Riżerva taċ-Ċibersigurtà jenħtieġ li tinċentiva l-investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni biex tingħata spinta lill-iżvilupp ta' dawn it-teknoloġiji. Fejn xieraq, jistgħu jitwettqu eżerċizzji komuni mal-fornituri fdati u mal-utenti potenzjali tar-Riżerva taċ-Ċibersigurtà biex jiġi żgurat il-funzjonament effiċjenti tar-Riżerva meta jkun meħtieġ.*** Meta jitolbu appoġġ mir-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE, l-Istati Membri jenħtieġ li jispeċifikaw l-appoġġ mogħti lill-entità affettwata fil-livell nazzjonali, li jenħtieġ li jitqies meta tiġi vvalutata t-talba tal-Istat Membru. Is-servizzi mir-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE jistgħu jservu wkoll biex jappoġġjaw lill-istituzzjonijiet, lill-korpi, ***lill-organi*** u lill-aġenziji tal-Unjoni, f'kundizzjonijiet simili. ***Il-Kummissjoni għandha tiżgura l-involviment u l-iskambji estensivi mal-Istati Membri bl-għan li tiġi evitata d-duplikazzjoni ma' inizjattivi simili, inkluż fi ħdan l-Organizzazzjoni tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana (NATO).***

(34) Għall-fini tal-għażla tal-fornituri privati tas-servizzi biex jipprovdu servizzi fil-kuntest tar-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE, jeħtieġ jiġi stabbilit sett ta' kriterji minimi li jenħtieġ li jiġi inkluż fis-sejħa għall-offerti biex jintgħażlu dawn il-fornituri, biex ikun żgurat li jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-awtoritajiet u tal-entitajiet tal-Istati Membri li joperaw fis-setturi kritiċi jew kritiċi ħafna. ***Il-parteċipazzjoni ta' fornituri iżgħar, attivi fil-livell reġjonali u dak lokali għandha titħeġġeġ.***

(35) Biex tappoġġja l-istabbiliment tar-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE, il-Kummissjoni tista' tikkunsidra li titlob lill-ENISA tħejji skema taċ-ċertifikazzjoni tal-kandidati skont ir-Regolament (UE) 2019/881 għal servizzi tas-sigurtà ġestiti fl-oqsma koperti mill-Mekkaniżmu ta' Emerġenza ***taċ-Ċibersigurtà***. ***Sabiex twettaq il-kompiti addizzjonali li jirriżultaw minn din id-dispożizzjoni, jenħtieġ li l-ENISA tirċievi finanzjament addizzjonali xieraq.***

(36) Biex jiġu appoġġjati l-objettivi ta' dan ir-Regolament tal-promozzjoni tal-għarfien sitwazzjonali kondiviż, it-tisħiħ tar-reżiljenza tal-Unjoni u l-iffaċilitar ta' rispons effettiv għall-inċidenti taċ-ċibersigurtà sinifikanti u fuq skala kbira, l-EU-CyCLONe, in-network tas-CSIRTs jew il-Kummissjoni jenħtieġ li jkunu jistgħu jitolbu lill-ENISA tirrieżamina u tivvaluta t-theddid, il-vulnerabbiltajiet u l-azzjonijiet tal-mitigazzjoni fejn jidħol xi inċident taċ-ċibersigurtà sinifikanti jew fuq skala kbira speċifiku. Wara t-tlestija tar-rieżami u tal-valutazzjoni ta' inċident, l-ENISA jenħtieġ li tħejji rapport tar-rieżami tal-inċident, b'kollaborazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, inkluż rappreżentanti mis-settur privat, mill-Istati Membri, mill-Kummissjoni u minn istituzzjonijiet, korpi, ***organi*** u aġenziji rilevanti oħra tal-UE. Fir-rigward tas-settur privat, l-ENISA qed tiżviluppa mezzi għall-iskambju tal-informazzjoni ma' fornituri speċjalizzati, inkluż ma' fornituri ta' soluzzjonijiet tas-sigurtà ġestiti u bejjiegħa, biex tikkontribwixxi għall-missjoni tal-ENISA li tikseb livell komuni għoli ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni. Filwaqt li jibni fuq il-kollaborazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, inkluż is-settur privat, ir-rapport tar-rieżami tal-inċidenti speċifiċi jenħtieġ li jkollu l-għan li jivvaluta l-kawżi, l-impatti u l-mitigazzjonijiet tal-inċident, wara li jkun seħħ. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lill-kontribut u lit-tagħlimiet kondiviżi mill-

forrnituri tas-servizzi tas-sigurtà ġestiti li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-ogħla integrità professjonali, tal-imparzjalità u tal-għarfien espert tekniku kif meħtieġ skont dan ir-Regolament. Ir-rapport jenħtieġ li jitbagħat u jikkontribwixxi għall-ħidma tal-EU-CyCLONe, tan-network tas-CSIRTs u tal-Kummissjoni. Meta l-inċident ikun relatat ma' pajjiż terz, il-Kummissjoni se tibgħat dan ir-rapport lir-Rappreżentant Għoli.

(37) Filwaqt li titqies in-natura imprevedibbli tal-attakki taċ-ċibersigurtà u l-fatt li dawn spiss ma jkunux f'xi żona ġeografika speċifika, u jkunu jippreżentaw riskju għoli ta' tixrid, it-tisħiħ tar-reżiljenza tal-pajjiżi ġirien u tal-kapaċità tagħhom li jirrispondu b'mod effettiv għall-inċidenti taċ-ċibersigurtà sinifikanti u fuq skala kbira jgħin għall-protezzjoni tal-Unjoni kollha kemm hi. Għalhekk, il-pajjiżi terzi assoċjati mad-DEP jistgħu jiġu appoġġjati mir-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE, meta dan ikun previst fil-ftehim ta' assoċjazzjoni rispettiv għad-DEP. Il-finanzjament għal pajjiżi terzi assoċjati jenħtieġ li jiġi appoġġjat mill-Unjoni fil-qafas ta' sħubijiet u strumenti tal-finanzjament rilevanti għal dawk il-pajjiżi. L-appoġġ jenħtieġ li jkun ikopri s-servizzi fil-qasam tar-rispons għall-inċidenti taċ-ċibersigurtà sinifikanti jew fuq skala kbira u l-irkupru immedjat tagħhom. Il-kundizzjonijiet stabbiliti għar-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE u għall-fornituri fdati f'dan ir-Regolament jenħtieġ li japplikaw meta jingħata l-appoġġ lill-pajjiżi terzi assoċjati mad-DEP.

***(37a) Il-pajjiżi terzi jistgħu jaċċessaw ir-riżorsi u l-appoġġ skont dan ir-Regolament, bl-użu tal-appoġġ għar-rispons għall-inċidenti mir-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE. Barra minn hekk, fornituri ta' servizzi ta' rispons għall-inċidenti minn pajjiżi terzi, inklużi pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm Ewropa Diġitali jew pajjiżi sħab internazzjonali oħra, u membri tan-NATO, jistgħu jkunu meħtieġa għall-forniment ta' servizzi speċifiċi fir-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE. B'deroga mir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, sabiex tissaħħaħ is-sovranità teknoloġika tal-Unjoni, l-awtonomija strateġika miftuħa, il-kompetittività u r-reżiljenza tagħha, u biex jiġu ssalvagwardjati l-assi strateġiċi, l-interessi, jew is-sigurtà tal-Unjoni, l-entitajiet stabbiliti f'pajjiżi terzi li mhumiex parti għall-GPA u li ma kinux soġġetti għal skrinjar skont it-tifsira tar-Regolament (UE) 2019/452 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[23] u, fejn meħtieġ, għall-miżuri ta' mitigazzjoni, filwaqt li jitqiesu l-objettivi stabbiliti f'dan ir-Regolament, jenħtieġ li ma jitħallewx jipparteċipaw. Jenħtieġ li d-dimensjoni esterna ta' dan ir-Regolament tkun f'konformità mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni skont il-Programm Ewropa Diġitali. Jenħtieġ li l-parteċipazzjoni tal-pajjiżi terzi tkun soġġetta għal skrutinju pubbliku, bil-parteċipazzjoni tas-setgħat leġiżlattivi, biex jiġi garantit li ċ-ċittadini jkunu jistgħu jipparteċipaw fil-proċess.***

(38) Biex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tispeċifika l-kundizzjonijiet għall-interoperabbiltà bejn l-SOCs transfruntieri; tiddetermina l-arranġamenti proċedurali għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni relatata ma' xi inċident potenzjali jew attwali taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira bejn l-SOCs transfruntieri u l-entitajiet tal-Unjoni; tistabbilixxi rekwiżiti tekniċi biex tiżgura s-

[23] Ir-Regolament (UE) 2019/452 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2019 li jistabbilixxi qafas għall-iskrinjar tal-investimenti diretti barranin fl-Unjoni (ĠU L 79I, 21.3.2019, p. 1), ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/452/oj.

sigurtà tat-Tarka Ċibernetika Ewropa; tispeċifika t-tipi u l-għadd ta' servizzi tar-rispons meħtieġa għar-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE; u tkompli tispeċifika l-arranġamenti dettaljati għall-allokazzjoni tas-servizzi ta' appoġġ tar-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*.

______________

* ***Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2011/182/oj).***

***(38a) Persunal kompetenti, li jkun kapaċi jipprovdi b'mod affidabbli s-servizzi rilevanti taċ-ċibersigurtà fl-ogħla standards, huwa imperattiv għall-implimentazzjoni effettiva tat-Tarka Ċibernetika Ewropea u l-Mekkaniżmu ta' Emerġenza taċ-Ċibersigurtà. Huwa għalhekk tat-tħassib li l-Unjoni qed tħabbat wiċċha ma' nuqqas ta' talent, ikkaratterizzat minn skarsezza ta' professjonisti b'ħiliet għolja, filwaqt li qed tiffaċċja theddid li qed jevolvi malajr kif rikonoxxut fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' April 2023 dwar l-Akkademja tal-Ħiliet fiċ-Ċibersigurtà. Huwa importanti li dan id-distakk tat-talent jitnaqqas billi jissaħħu l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni fost il-partijiet ikkonċernati differenti, inklużi s-settur privat, id-dinja akkademika, l-Istati Membri, il-Kummissjoni u l-ENISA biex jiżdiedu u jinħolqu sinerġiji fit-territorji kollha, għall-investiment fl-edukazzjoni u t-taħriġ, l-iżvilupp ta' sħubijiet pubbliċi-privati, l-appoġġ għal inizjattivi ta' riċerka u innovazzjoni, l-iżvilupp u r-rikonoxximent reċiproku ta' standards komuni u ċ-ċertifikazzjoni tal-ħiliet taċ-ċibersigurtà, inkluż permezz tal-Qafas Ewropew għall-Ħiliet fiċ-Ċibersigurtà. Dan jenħtieġ li jiffaċilita wkoll il-mobbiltà tal-professjonisti taċ-ċibersigurtà fl-Unjoni. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jkollu l-għan li jippromwovi forza tax-xogħol aktar diversa fil-qasam taċ-ċibersigurtà. Il-miżuri kollha li għandhom l-għan li jżidu l-ħiliet taċ-ċibersigurtà jeħtieġu salvagwardji biex jiġi evitat "eżodu ta' mħuħ" u riskju għall-mobbiltà tal-forza tax-xogħol.***

***(38b) Jeħtieġ it-tisħiħ tal-ħiliet u tal-kompetenzi speċjalizzati, interdixxiplinari u ġenerali madwar l-Unjoni, b'enfasi speċjali fuq in-nisa, billi d-differenza bejn il-ġeneri tippersisti fiċ-ċibersigurtà fejn il-preżenza globali medja tan-nisa hija ta' 20 %. In-nisa jeħtiġilhom ikunu preżenti u parti mid-disinn tal-futur diġitali u tal-governanza tiegħu.***

***(38c) It-tisħiħ tar-riċerka u tal-innovazzjoni (R&I) fiċ-ċibersigurtà huwa maħsub biex iżid ir-reżiljenza u l-awtonomija strateġika miftuħa tal-Unjoni. Bl-istess mod, huwa importanti li jinħolqu sinerġiji mal-programmi tar-R&I u mal-istrumenti u l-istituzzjonijiet eżistenti u li jissaħħu l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni fost il-partijiet interessati differenti, inklużi s-settur privat, is-soċjetà ċivili, l-akkademja, l-Istati Membri, il-Kummissjoni u l-ENISA;***

***(38d) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkontribwixxi għall-impenn tad-Dikjarazzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali għad-Deċennju Diġitali marbut mal-protezzjoni tal-interessi tad-demokraziji, tal-popli, tan-negozji u tal-istituzzjonijiet pubbliċi tagħna kontra r-riskji ċibernetiċi u ċ-ċiberkriminalità inkluż il-ksur tad-data u s-serq jew il-manipulazzjoni tal-identità. L-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament***

***jenħtieġ li tikkontribwixxi wkoll għat-titjib tal-implimentazzjoni ta' leġiżlazzjoni oħra, pereżempju dwar l-intelliġenza artifiċjali, il-privatezza tad-data u r-regolamentazzjoni tad-data f'termini taċ-ċibersigurtà u r-reżiljenza ċibernetika.***

***(38e) Iż-żieda tal-kultura taċ-ċibersigurtà li tifhem is-sigurtà, inkluż dik tal-ambjent diġitali, bħala ġid pubbliku se tkun essenzjali għall-implimentazzjoni ta' suċċess ta' dan ir-regolament. Għalhekk, jenħtieġ li l-iżvilupp ta' miżuri li jinkludu u jżidu l-għarfien taċ-ċittadini jkun mezz ieħor li jiggarantixxi s-salvagwardja tad-demokraziji u tal-valuri fundamentali tagħna.***

***(38f) Sabiex jiġu ssupplimentati ċerti elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 TFUE jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni biex jiġu speċifikati l-kundizzjonijiet għall-interoperabbiltà bejn l-SOCs transfruntieri, jiġu stabbiliti l-arranġamenti proċedurali għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni bejn l-SOCs transfruntieri minn naħa waħda u EU-CyCLONe, in-network tas-CSIRTs u l-Kummissjoni min-naħa l-oħra, jiġu speċifikati t-tipi u l-għadd ta' servizzi ta' rispons meħtieġa għar-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE, u jiġu speċifikati aktar l-arranġamenti dettaljati għall-allokazzjoni tas-servizzi ta' appoġġ tar-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, ukoll fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet*. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.***

---

****ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2016/512/oj.***

(39) ***Minħabba li l-objettivi*** ta' dan ir-Regolament***, jiġifieri li jissaħħu l-kapaċitajiet tal-Unjoni għall-prevenzjoni u d-detezzjoni tat-theddid ċibernetiku, ir-rispons għalih u l-ikupru minnu u li jiġi stabbilit qafas ġenerali li jkisser id-diviżjoni fil-komunikazzjoni ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda*** pjuttost ***jistgħu*** jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni. Għalhekk, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. ***F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan*** ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-objettivi,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

## *Kapitolu I*

## *OBJETTIVI ĠENERALI, SUĠĠETT, U DEFINIZZJONIJIET*

*Artikolu 1*

### Suġġett u objettivi

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi miżuri li jsaħħu l-kapaċitajiet fl-Unjoni tad-detezzjoni, it-tħejjija u r-rispons għat-theddid u l-inċidenti taċ-ċibersigurtà, b'mod partikolari bl-azzjonijiet li ġejjin:

(a) l-introduzzjoni ta' ***network pan-Ewropew*** ta' Ċentri tal-Operazzjonijiet tas-Sigurtà ("Tarka Ċibernetika Ewropea") biex jinbnew u jittejbu l-kapaċitajiet komuni tad-detezzjoni u tal-għarfien sitwazzjonali;
(b) il-ħolqien ta' Mekkaniżmu ta' Emerġenza taċ-Ċibersigurtà biex jappoġġja lill-Istati Membri fit-tħejjija, ir-rispons u l-irkupru immedjat mill-inċidenti taċ-ċibersigurtà sinifikanti u fuq skala kbira;
(c) l-istabbiliment ta' Mekkaniżmu Ewropew ta' Rieżami tal-Inċidenti taċ-Ċibersigurtà biex jiġu rrieżaminati u vvalutati l-inċidenti sinifikanti jew fuq skala kbira.

2. Dan ir-Regolament għandu l-objettiv li jsaħħaħ is-solidarjetà fil-livell tal-Unjoni bl-objettivi speċifiċi li:

(a) jsaħħaħ id-detezzjoni komuni tal-Unjoni u l-għarfien tas-sitwazzjoni tat-theddid u l-inċidenti ċibernetiċi biex b'hekk jippermetti ***l-appoġġ għall-kapaċità industrijali tal-Unjoni u tal-Istati Membri fis-settur taċ-ċibersigurtà, u li*** jsaħħaħ il-pożizzjoni kompetittiva tal-industrija, ***b'mod partikolari l-mikrointrapriżi, l-SMEs inkluż l-istartups,*** u s-setturi tas-servizzi fl-Unjoni fl-ekonomija diġitali kollha u ***biex***jikkontribwixxi għas-sovranità teknoloġika tal-Unjoni***, l-awtonomija strateġika miftuħa, il-kompetittività u r-reżiljenza tagħha f'dak is-settur, filwaqt li jsaħħaħ l-ekosistema taċ-ċibersigurtà bil-ħsieb li jiġu żgurati kapaċitajiet b'saħħithom tal-Unjoni, inkluż f'kooperazzjoni mas-sħab internazzjonali;***

(b) tissaħħaħ it-tħejjija tal-entitajiet li joperaw fis-setturi kritiċi u kritiċi ħafna madwar l-Unjoni u tissaħħaħ is-solidarjetà billi jinħolqu kapaċitajiet tar-rispons komuni għall-inċidenti taċ-ċibersigurtà sinifikanti jew fuq skala kbira, inkluż billi l-appoġġ tar-rispons għall-inċidenti taċ-ċibersigurtà tal-Unjoni jkun disponibbli għall-pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm Ewropa Diġitali ("DEP");

(c) itejjeb ir-reżiljenza tal-Unjoni u jikkontribwixxi għal rispons effettiv billi jiġu rieżaminati u vvalutati inċidenti sinifikanti jew fuq skala kbira, inkluż billi jinġabru t-tagħlimiet meħuda u meta xieraq isiru rakkomandazzjonijiet.

***(ca)*** ***li jiġu żviluppati, b'mod koordinat, il-ħiliet, l-għarfien espert u l-kompetenzi tal-forza tax-xogħol, bil-ħsieb li tiġi żgurata ċ-ċibersigurtà u jinħolqu sinerġiji mal-Akkademja tal-Ħiliet fiċ-Ċibersigurtà.***

3. Dan ir-Regolament hu mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà primarja tal-Istati Membri fejn jidħlu s-sigurtà nazzjonali, is-sigurtà pubblika u l-prevenzjoni, l-investigazzjoni, id-detezzjoni u l-prosekuzzjoni tar-reati kriminali.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

***(-1a)*** ***"Ċentru tal-Operazzjonijiet tas-Sigurtà Nazzjonali" jew "SOC Nazzjonali" tfisser kapaċità nazzjonali ċentralizzata li tiġbor u tanalizza kontinwament informazzjoni ta' intelligence dwar theddid ċibernetiku u ttejjeb il-qagħda taċ-ċibersigurtà f'konformità mal-Artikolu 4;***

(1) **"Ċentru tal-Operazzjonijiet tas-Sigurtà Transfruntier"** ***jew*** **"SOC transfruntier"** tfisser pjattaforma multinazzjonali, li tiġbor flimkien fi struttura ta' network ikkoordinat SOCs nazzjonali ***f'konformità mal-Artikolu 5;***

(2) **"korp pubbliku"** tfisser ***korpi*** regolati mil-liġi pubblika kif definit fl-Artikolu 2(1), il-punt (4), tad-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[24];

(3) **"Konsorzju tal-hosting"** tfisser konsorzju magħmul minn stati parteċipanti, irrappreżentati minn SOCs Nazzjonali, ***f'konformità mal-Artikolu 5;***

(4) ***"entità"*** tfisser entità kif definit fl-Artikolu 6, il-punt (38), tad-Direttiva (UE) 2022/2555;

***(4a)*** ***"entità kritika" tfisser entità kritika kif definit fl-Artikolu 2(1), tad-Direttiva (UE) 2022/2557 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[25].***

(5) **"entitajiet li joperaw fis-setturi kritiċi jew kritiċi ħafna"** tfisser entitajiet ***fis-setturi*** elenkati fl-Anness I u ▌ II tad-Direttiva (UE) 2022/2555;

***(5a)*** ***"trattament tal-inċidenti" tfisser it-trattament tal-inċidenti kif definit fl-Artikolu 6, il-punt (8) tad-Direttiva (UE) 2022/2555;***

***(5b)*** ***"riskju" tfisser riskju kif definit fl-Artikolu 6, il-punt (9) tad-Direttiva (UE) 2022/2555;***

(6) **"theddida ċibernetika"** tfisser theddida ċibernetika kif definita fl-Artikolu 2, il-punt (8), tar-Regolament (UE) 2019/881;

---

24 Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65).

25 ***Id-Direttiva (UE) 2022/2557 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2008/114/KE (ĠU L 333, 27.12.2022, p. 164, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2022/2557/oj).***

***(6a) "theddida ċibernetika sinifikanti" tfisser theddida ċibernetika kif definita fl-Artikolu 6, il-punt (11), tad-Direttiva (UE) 2022/2555;***

(7) **"inċident taċ-ċibersigurtà sinifikanti"** tfisser inċident taċ-ċibersigurtà li jissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 23(3) tad-Direttiva (UE) 2022/2555;

(8) **"inċident taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira"** tfisser inċident kif definit fl-Artikolu 6, il-punt (7), tad-Direttiva (UE) 2022/2555;

(9) **"tħejjija"** tfisser stat ta' prontezza u kapaċità biex ikun żgurat rispons malajr effettiv għal inċident taċ-ċibersigurtà sinifikanti jew fuq skala kbira, miksub wara valutazzjoni tar-riskji u azzjonijiet ta' monitoraġġ bil-quddiem;

(10) **"rispons"** tfisser azzjoni fil-każ ta' inċident taċ-ċibersigurtà sinifikanti jew fuq skala kbira, waqt jew wara inċident bħal dan, biex jiġu indirizzati l-konsegwenzi negattivi immedjati tiegħu;

***(10a) "fornitur ta' servizzi tas-sigurtà ġestiti" tfisser fornitur ta' servizzi ta' sigurtà ġestiti kif definit fl-Artikolu 6, il-punt (40), tad-Direttiva (UE) 2022/2555;***

(11) **"fornituri *fdati tas-servizzi tas-sigurtà* ġestiti"** tfisser fornituri tas-servizzi tas-sigurtà ġestiti magħżula ***biex jiġu inklużi fir-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE***, f'konformità mal-Artikolu 16 ta' dan ir-Regolament.

## *Kapitolu II*

## *IT-TARKA ĊIBERNETIKA EWROPEA*

*Artikolu 3*

### L-istabbiliment tat-Tarka Ċibernetika Ewropea

1. Għandu jiġi stabbilit ***network*** taċ-Ċentri tal-Operazzjonijiet tas-Sigurtà ("Tarka Ċibernetika Ewropea") biex jinħolqu kapaċitajiet avvanzati biex l-Unjoni tidentifika, tanalizza u tipproċessa d-data dwar it-theddid u ***jipprevjeni*** l-inċidenti ċibernetiċi fl-Unjoni. Din għandha tikkonsisti miċ-Ċentri Nazzjonali tal-Operazzjonijiet tas-Sigurtà ("SOCs nazzjonali") u miċ-Ċentri tal-Operazzjonijiet tas-Sigurtà Transfruntieri ("SOCs transfruntieri") kollha.

L-azzjonijiet li jimplimentaw it-Tarka Ċibernetika Ewropea għandhom jiġu appoġġjati b'finanzjament mill-Programm Ewropa Diġitali u implimentati f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/694 u b'mod partikolari l-Objettiv Speċifiku 3 tiegħu.

2. It-Tarka Ċibernetika Ewropea għandha:

(a) tiġbor u tikkondividi data dwar it-theddid u l-inċidenti ċibernetiċi mingħand diversi sorsi permezz ta' SOCs transfruntieri ***u fejn relevanti skambju ta' informazzjoni man-Network tas-CSIRTs***;

(b) tipproduċi informazzjoni azzjonabbli ta' kwalità għolja u intelligence dwar it-theddid ċibernetiku, billi tuża għodod tal-aqwa livell, b'mod partikolari teknoloġiji tal-intelliġenza artifiċjali (AI) u tal-analitika tad-data;

(c) tikkontribwixxi għal protezzjoni u rispons aħjar għat-theddid ċibernetiku, ***inkluż billi jiġu pprovduti rakkomandazzjonijiet konkreti lill-entitajiet;***

(d) tikkontribwixxi għal detezzjoni aktar malajr tat-theddid ċibernetiku u l-għarfien sitwazzjonali fl-Unjoni;

(e) tipprovdi servizzi u attivitajiet għall-komunità taċ-ċibersigurtà fl-Unjoni, inkluż billi tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' għodod avvanzati tal-intelliġenza artifiċjali (AI) u tal-analitika tad-data.

Din għandha tiġi żviluppata b'kooperazzjoni mal-infrastruttura pan-Ewropea tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja stabbilita skont ir-Regolament (UE) 2021/1173.

*Artikolu 4*

**Ċentri tal-Operazzjonijiet tas-Sigurtà Nazzjonali**

1. Biex ikun kapaċi jipparteċipa fit-Tarka Ċibernetika Ewropea, kull Stat Membru għandu jiddeżinja mill-anqas SOC nazzjonali wieħed. L-SOC nazzjonali għandu jkun ***kapaċità ċentralizzata f'***korp pubbliku. ***Meta jkun possibbli, l-SOC Nazzjonali għandhom jiġu inkorporati fis-CSIRTs jew f'infrastrutturi u fil-governanza taċ-ċibersigurtà eżistenti oħra.***

Dan għandu jkollu l-kapaċità li jaġixxi bħala punt ta' referenza u portal għal organizzazzjonijiet pubbliċi u privati oħra fil-livell nazzjonali, ***b'mod partikolari l-SOCs tagħhom***, għall-ġbir u l-analizzar tal-informazzjoni dwar it-theddid u l-inċidenti taċ-ċibersigurtà***, u, fejn relevanti, jikkondivi dik l-informazzjoni mal-membri tan-network tas-CSIRTs ta' dak l-Istat Membru,*** u li jikkontribwixxi għal SOC transfruntier. Dan għandu jkun attrezzat b'teknoloġiji tal-aqwa livell li kapaċi ***jipprevjenu,*** jidentifikaw, jaggregaw u janalizzaw id-data rilevanti għat-theddid u l-inċidenti taċ-ċibersigurtà.

***SOC jew CSIRT Nazzjonali jistgħu jitolbu data tat-telemetrija, tas-sensur jew tal-illoggjar tal-entitajiet kritiċi nazzjonali tagħhom minn fornituri tas-servizzi tas-sigurtà ġestiti li jipprovdu servizz lill-entità kritika. Dik id-data għandha tiġi kondiviża f'konformità mal-liġi tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data u bl-iskop uniku li tappoġġja lill-SOC jew lis-CSIRT Nazzjonali għad-detezzjoni u l-prevenzjoni ta' theddid u inċidenti taċ-ċibersigurtà.***

2. Wara sejħa għal espressjoni ta' interess, l-SOCs nazzjonali ***jistgħu*** jintgħażlu miċ-Ċentru Ewropew ta' Kompetenza Industrijali, Teknoloġika u tar-Riċerka fil-qasam taċ-Ċibersigurtà ("ECCC") biex jipparteċipaw f'akkwist konġunt ta' għodod u infrastrutturi mal-ECCC. L-ECCC jista' jagħti għotjiet lill-SOCs nazzjonali magħżula biex jiffinanzjaw l-operat ta' dawk l-għodod u l-infrastrutturi. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għandha tkopri sa 50% tal-kostijiet tal-akkwist tal-għodod u tal-infrastrutturi, u sa 50% tal-kostijiet tal-operat, u l-kostijiet

l-oħra jridu jiġu koperti mill-Istat Membru. Qabel ma titnieda l-proċedura għall-akkwist tal-għodod u tal-infrastrutturi, l-ECCC u l-SOC Nazzjonali għandhom jikkonkludu ftehim tal-hosting u tal-użu li jirregola l-użu tal-għodod u tal-infrastrutturi.

3. SOC nazzjonali magħżul skont il-paragrafu 2 għandu jimpenja ruħu li japplika biex jipparteċipa f'SOC transfruntier fi żmien sentejn mid-data meta jinkisbu l-għodod u l-infrastrutturi, jew meta jirċievi finanzjament għall-għotjiet, skont liema minnhom tiġri l-ewwel. Jekk SOC nazzjonali ma jkunx parteċipant f'SOC transfruntier sa dak iż-żmien, dan ma għandux ikun eliġibbli għal appoġġ addizzjonali tal-Unjoni skont dan ir-Regolament.

*Artikolu 5*

**Ċentri tal-Operazzjonijiet tas-Sigurtà Transfruntieri**

1. Konsorzju tal-hosting li jikkonsisti f'mill-anqas tliet Stati Membri, irrappreżentati mill-SOCs nazzjonali, impenjati li jaħdmu flimkien biex jikkoordinaw l-attivitajiet tagħhom tad-detezzjoni ċibernetika u tal-monitoraġġ tat-theddid għandu jkun eliġibbli biex jieħu sehem fl-azzjonijiet biex jiġi stabbilit SOC transfruntier. ***SOC transfruntier għandu jkun iddiżinjat biex jidentifika u janalizza t-theddidiet taċ-ċibersigurtà, jipprevjeni l-inċidenti u jappoġġja l-produzzjoni ta' intelligence ta' kwalità għolja, b'mod partikolari bil-kondiviżjoni ta' data minn diversi sorsi, pubbliċi jew privati, kif ukoll permezz tal-kondiviżjoni tal-għodod mill-aktar avvanzati, u bl-iżvilupp konġunt ta' kapaċitajiet tad-detezzjoni, tal-analiżi, tal-prevenzjoni u tal-protezzjoni f'ambjent fdat u sikur.***

2. Wara sejħa għal espressjoni ta' interess, konsorzju tal-hosting ***jista'*** jintgħażel mill-ECCC biex jipparteċipa f'akkwist konġunt ta' għodod u infrastrutturi mal-ECCC. L-ECCC jista' jagħti għotja lill-Konsorzju tal-Hosting biex jiffinanzja l-operat tal-għodod u tal-infrastrutturi. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għandha tkopri sa 75% tal-kostijiet tal-akkwist tal-għodod u l-infrastrutturi, u sa 50% tal-kostijiet tal-operat, u l-kostijiet l-oħra jridu jiġu koperti mill-Konsorzju tal-Hosting. Qabel ma titnieda l-proċedura għall-akkwist tal-għodod u tal-infrastrutturi, l-ECCC u l-konsorzju tal-hosting għandhom jikkonkludu ftehim tal-hosting u tal-użu li jirregola l-użu tal-għodod u tal-infrastrutturi.

***2a. B'deroga mill-Artikolu 176 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, l-entitajiet stabbiliti f'pajjiżi terzi li mhumiex partijiet għall-GPA m'għandhomx jipparteċipaw fl-akkwist konġunt ta' għodod u infrastrutturi.***

3. Il-membri tal-Konsorzju tal-Hosting għandhom jikkonkludu ftehim tal-konsorzju bil-miktub li jistabbilixxi l-arranġamenti interni tagħhom għall-implimentazzjoni tal-ftehim tal-hosting u tal-użu.

4. SOC transfruntier għandu jkun irrappreżentat għal finijiet legali minn SOC nazzjonali li jaġixxi bħala SOC koordinatur, jew mill-konsorzju tal-hosting jekk ikollu personalità ġuridika. L-SOC koordinatur għandu jkun responsabbli għall-konformità mar-rekwiżiti tal-ftehim tal-hosting u tal-użu u ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 6*

**Kooperazzjoni u kondiviżjoni tal-informazzjoni fi ħdan u bejn l-SOCs transfruntieri**

1. Il-membri tal-konsorzju tal-hosting għandhom jaqsmu l-informazzjoni rilevanti bejniethom fi ħdan l-SOC transfruntier, inkluża l-informazzjoni relatata mat-theddid ċibernetiku, il-kważi inċidenti, il-vulnerabbiltajiet, it-tekniki u l-proċeduri, l-indikaturi ta' kompromess, it-tattiċi kontenzjużi, informazzjoni speċifika għall-atturi tat-theddid, twissijiet taċ-ċibersigurtà u rakkomandazzjonijiet dwar il-konfigurazzjoni tal-għodod taċ-ċibersigurtà għad-detezzjoni tal-attakki ċibernetiċi, meta din il-kondiviżjoni tal-informazzjoni:

(a) ***ittejjeb l-iskambju ta' intelligence dwar it-theddid ċibernetiku bejn l-SOCs nazzjonali u transfruntieri u l-ISACs tal-industrija bl-għan li tipprevjeni, tidentifika, jew timmitiga t-theddid;***

(b) ittejjeb il-livell taċ-ċibersigurtà, b'mod partikolari billi tqajjem kuxjenza rigward it-theddid ċibernetiku, tillimita jew ixxekkel il-kapaċità ta' dan it-theddid li jinfirex, tappoġġa firxa ta' kapaċitajiet difensivi, rimedji u żvelar tal-vulnerabbiltajiet, tekniki tad-detezzjoni, tal-kontroll u tal-prevenzjoni tat-theddid, strateġiji ta' mitigazzjoni, jew stadji ta' rispons u rkupru, jew tippromwovi r-riċerka kollaborattiva dwar it-theddid bejn l-entitajiet pubbliċi u privati.

2. Il-ftehim tal-konsorzju bil-miktub imsemmi fl-Artikolu 5(3) għandu jistabbilixxi:

(a) impenn għal kondiviżjoni ta' [redacted] data sinifikanti kif imsemmi fil-paragrafu 1, u l-kundizzjonijiet li skonthom dik l-informazzjoni trid tiġi skambjata;

(b) qafas ta' governanza li jinċentiva l-kondiviżjoni tal-informazzjoni mill-parteċipanti kollha;

(c) miri għall-kontribut għall-iżvilupp ta' għodod avvanzati tal-intelliġenza artifiċjali u tal-analitika tad-data.

3. Biex jitħeġġeġ l-iskambju tal-informazzjoni ***fost*** l-SOCs transfruntieri ***u mal-ISACs tal-industrija***, l-SOCs transfruntieri għandhom jiżguraw livell għoli ta' interoperabbiltà bejniethom ***u, fejn possibbli, mal-ISACs tal-industrija***. Biex tiġi ffaċilitata l-interoperabbiltà bejn l-SOCs transfruntieri ***u mal-ISACs tal-industrija***, ***l-istandards u l-protokolli tal-kondiviżjoni tal-informazzjoni jistgħu jiġu armonizzati mal-istandards internazzjonali u l-aħjar prattiki tal-industrija. L-akkwist konġunt ta' infrastrutturi, servizzi u għodod ċibernetiċi għandu jitħeġġeġ ukoll. Barra minn hekk,*** wara li tikkonsulta lill-ECCC ***u lill-ENISA, il-Kummissjoni għandha s-setgħa, sa [sitt xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 20a biex jiġi supplimentat dan ir-Regolament***, ***billi tispeċifika*** l-kundizzjonijiet għal din l-interoperabbiltà ***f'koordinazzjoni mill-qrib mal-SOCs transfruntieri u abbażi ta' standards internazzjonali u l-aħjar prattiki tal-industrija***.

4. L-SOCs transfruntieri għandhom jikkonkludu ftehimiet tal-kooperazzjoni bejniethom, ***u meta xieraq, ma' ISACs tal-industrija***, li jispeċifikaw il-prinċipji tal-kondiviżjoni tal-informazzjoni ***u tal-interoperabbiltà*** bejn il-pjattaformi transfruntieri, ***filwaqt li jitqiesu l-***

***mekkaniżmi ta' kondiviżjoni tal-informazzjoni rilevanti eżistenti skont id-Direttiva (UE) 2022/2555. Meta xieraq, l-SOCs transfruntieri għandhom jikkonkludu ftehimiet ta' kooperazzjoni mal-ISACs tal-industrija. Fil-kuntest ta' inċident potenzjali jew li għadu għaddej taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira, il-mekkaniżmi ta' kondiviżjoni tal-informazzjoni għandhom jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet rilevanti skont id-Direttiva (UE) 2022/2555***.

*Artikolu 7*

**Kooperazzjoni u kondiviżjoni tal-informazzjoni** ***man-network tas-CSIRTs***

1. Meta l-SOCs transfruntieri jiksbu informazzjoni relatata ma' inċident potenzjali jew attwali taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira, ***għall-fini ta' sensibilizzazzjoni kondiviża dwar is-sitwazzjoni***, ***l-SOC ta' koordinazzjoni għandha tipprovdi*** l-informazzjoni rilevanti ***lis-CSIRT jew lill-awtorità kompetenti tiegħu, li jirrapportaw dan*** lill-EU-CyCLONe, lin-network tas-CSIRTs u lill-Kummissjoni ***u lill-ENISA,*** skont ir-rwoli ***u l-proċeduri*** rispettivi tagħhom ta' ġestjoni tal-kriżijiet f'konformità mad-Direttiva (UE) 2022/2555 mingħajr dewmien żejjed. ***Dan il-paragrafu ma għandux jimponi obbligi ulterjuri fuq entitajiet pubbliċi jew privati biex jikkomunikaw inċident taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira potenzjali jew li għadu għaddej għat-twettiq tal-obbligi stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2022/2555.***

2. Il-Kummissjoni ***għandha s-setgħa li tadotta*** atti ***delegati skont l-Artikolu 20a wara li tikkonsulta n-network tas-CSIRTs biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi*** tiddetermina l-arranġamenti proċedurali għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni previsti fil-paragrafi 1 ***ta' dan l-Artikolu u skont id-Direttiva (UE) 2022/2555***.

*Artikolu 8*

**Sigurtà**

1. L-Istati Membri li jipparteċipaw fit-Tarka Ċibernetika Ewropea għandhom jiżguraw livell għoli ***ta' kunfidenzjalità u*** tas-sigurtà tad-data u s-sigurtà fiżika tal-infrastruttura tat-Tarka Ċibernetika Ewropea, u għandhom jiżguraw li l-infrastruttura tiġi ġestita u kkontrollata b'mod adegwat u b'tali mod li titħares mit-theddid u tkun żgurata s-sigurtà tagħha u dik tas-sistemi, inkluża dik tad-data skambjata permezz tal-infrastruttura.

2. L-Istati Membri li jipparteċipaw fit-Tarka Ċibernetika Ewropea għandhom jiżguraw li l-kondiviżjoni tal-informazzjoni fi ħdan it-Tarka Ċibernetika Ewropea mal-entitajiet li mhumiex korpi pubbliċi tal-Istati Membri ma tkunx taffettwa ħażin l-interessi tas-sigurtà tal-Unjoni.

3. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu rekwiżiti tekniċi biex l-Istati Membri jikkonformaw mal-obbligu tagħhom skont il-paragrafi 1 u 2. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 21(2) ta' dan ir-Regolament. ***Huma għandhom jikkonformaw mad-Direttivi (UE) 2022/2555 u (UE) 2022/2557***. ***Fl-atti ta' implimentazzjoni tagħha***, il-Kummissjoni, bl-appoġġ tar-Rappreżentant Għoli, għandha tqis l-istandards rilevanti tas-sigurtà fil-livell tad-difiża, biex tiffaċilita l-kooperazzjoni mal-atturi militari.

## *Kapitolu III*

## *MEKKANIŻMU TA' EMERĠENZA TAĊ-ĊIBERSIGURTÀ*

*Artikolu 9*

### L-istabbiliment tal-Mekkaniżmu ta' Emerġenza *taċ-Ċibersigurtà*

1. Ġie stabbilit Mekkaniżmu ta' Emerġenza ***taċ-Ċibersigurtà*** li jtejjeb ir-reżiljenza tal-Unjoni għat-theddid kbir taċ-ċibersigurtà, u jħejji u jtaffi, bi spirtu ta' solidarjetà, l-impatt fl-immedjat tal-inċidenti taċ-ċibersigurtà sinifikanti u fuq skala kbira (il-"Mekkaniżmu").

2. L-azzjonijiet li jimplimentaw il-Mekkaniżmu ▌ għandhom jiġu appoġġati b'finanzjament mid-DEP u jiġu implimentati f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/694 u b'mod partikolari l-Objettiv Speċifiku 3 tiegħu.

*Artikolu 10*

### Tipi ta' azzjonijiet

1. Il-Mekkaniżmu għandu jappoġġa t-tipi ta' azzjonijiet li ġejjin:

(a) azzjonijiet tat-tħejjija, inkluż l-ittestjar ikkoordinat tat-tħejjija ta' entitajiet li joperaw fis-setturi kritiċi ħafna madwar l-Unjoni;

(b) azzjonijiet tar-rispons, li jappoġġaw ir-rispons għal inċidenti sinifikanti u fuq skala kbira taċ-ċibersigurtà u l-irkupru immedjat minnhom, li jridu jingħataw minn fornituri fdati ***tas-servizzi tas-sigurtà ġestiti*** li jipparteċipaw fir-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE stabbilita skont l-Artikolu 12;

(c) azzjonijiet tal-assistenza reċiproka li jikkonsistu fl-għoti ta' assistenza minn awtoritajiet nazzjonali ta' Stat Membru wieħed lil Stat Membru ieħor, b'mod partikolari kif previst fl-Artikolu 11(3), il-punt (f), tad-Direttiva (UE) 2022/2555.

***1a. Wara l-iskattar tal-Mekkaniżmu, il-Kummissjoni għandha tivvaluta u tippubblika, fuq bażi annwali, rapport dwar it-tħaddim kemm pożittiv kif ukoll negattiv tal-Mekkaniżmu, inkluż jekk humiex meħtieġa aktar rekwiżiti ta' kooperazzjoni jew taħriġ.***

*Artikolu 11*

### Ittestjar ikkoordinat tat-tħejjija tal-entitajiet

1. Għall-fini tal-appoġġ tal-ittestjar ikkoordinat tat-tħejjija tal-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 10(1), il-punt (a), madwar l-Unjoni, il-Kummissjoni, wara li tikkonsulta mal-Grupp ta' Kooperazzjoni tal-NIS u mal-ENISA, għandha tidentifika s-setturi jew is-subsetturi

kkonċernati minn fost is-Setturi ta' Kritikalità Għolja elenkati fl-Anness I tad-Direttiva (UE) 2022/2555 li minnhom l-entitajiet jistgħu jkunu soġġetti għall-ittestjar ikkoordinat tat-tħejjija, filwaqt li jitqiesu l-valutazzjonijiet tar-riskju kkoordinati u l-ittestjar tar-reżiljenza eżistenti u ppjanati ***f'konformità mal-arranġamenti stabbiliti għall-entitajiet fis-Setturi ta' Kritikalità Għolja elenkati fl-Anness I tad-Direttiva (UE) 2022/2555***.

2. Il-Grupp ta' Kooperazzjoni tal-NIS b'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, mal-ENISA, mar-Rappreżentant Għoli, ***u mal-entitajiet li huma soġġetti għall-ittestjar ikkoordinat tat-tħejjija skont il-paragrafu 1***, għandu jiżviluppa xenarji u metodoloġiji komuni tar-riskju għall-eżerċizzji tal-ittestjar ikkoordinat ***tat-tħejjija, li rriżultaw fi pjan ta' ħidma miftiehem. L-entitajiet soġġetti għal ittestjar ikkoordinat tat-tħejjija għandhom jiżviluppaw u jimplimentaw pjan ta' rimedju li jwettaq ir-rakkomandazzjonijiet li jirriżultaw mit-testijiet tat-tħejjija.***

***Il-Grupp ta' Kooperazzjoni tal-NIS jista' jinforma l-prijoritizzazzjoni tas-setturi, jew tas-subsetturi għall-eżerċizzji tal-ittestjar ikkoordinat tat-tħejjija.***

*Artikolu 12*

**L-istabbiliment tar-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE**

1. Għandha tiġi stabbilita Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE biex tgħin lill-utenti msemmija fil-paragrafu 3 jirrispondu jew jipprovdu appoġġ għar-rispons għall-inċidenti taċ-ċibersigurtà sinifikanti jew fuq skala kbira, u għall-irkupru immedjat minn tali inċidenti.

***Fejn ikun jidher li s-servizzi akkwistati ma jistgħux jintużaw bis-sħiħ għall-finijiet tal-għoti ta' appoġġ għar-rispons għal inċidenti sinifikanti jew fuq skala kbira, dawk is-servizzi jistgħu eċċezzjonalment jinbidlu f'eżerċizzji jew taħriġ biex jittrattaw inċidenti, u jiġu pprovduti lill-utenti fuq talba, mill-awtorità kontraenti.***

2. Ir-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE għandha tikkonsisti f'servizzi tar-rispons għall-inċidenti minn fornituri fdati ***tas-servizzi tas-sigurtà ġestiti*** magħżula f'konformità mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 16. Ir-Riżerva ***taċ-Ċibersigurtà tal-UE*** għandha tinkludi servizzi impenjati minn qabel. Is-servizzi għandhom ikunu jistgħu jintużaw fl-Istati Membri kollha, ***għandhom isaħħu s-sovranità teknoloġika tal-Unjoni, l-awtonomija strateġika miftuħa, il-kompetittività u r-reżiljenza tagħha fis-settur taċ-ċibersigurtà inkluż billi jagħtu spinta lill-innovazzjoni fis-Suq Uniku Diġitali madwar l-Unjoni***.

3. L-utenti tas-servizzi mir-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE għandhom jinkludu lil:

(a) l-awtoritajiet tal-ġestjoni tal-kriżijiet ċibernetiċi tal-Istati Membri u s-CSIRTs kif imsemmi fl-Artikolu 9(1) u (2) u fl-Artikolu 10 tad-Direttiva (UE) 2022/2555, rispettivament;

(b) l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-Unjoni ***kif imsemmi fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) .../2023 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***[26] ***u s-CERT-EU***.

---

[26] ***Ir-Regolament (UE) .../2023 li jistabbilixxi miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà fl-istituzzjonijiet, fil-korpi, fl-uffiċċji u fl-aġenziji tal-Unjoni (ĠU C , , p, , ELI: ...).***

4. L-utenti msemmija fil-paragrafu 3, il-punt (a), għandhom jużaw is-servizzi mir-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE biex jirrispondu jew jappoġġaw ir-rispons għall-inċidenti sinifikanti jew fuq skala kbira li jaffettwaw lill-entitajiet li joperaw fis-setturi kritiċi jew kritiċi ħafna u l-irkupru immedjat minnhom.

5. Il-Kummissjoni għandu jkollha responsabbiltà ġenerali għall-implimentazzjoni tar-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE. Il-Kummissjoni għandha tiddetermina l-prijoritajiet u l-evoluzzjoni tar-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE ***f'koordinazzjoni mal-Grupp ta' Koordinazzjoni NIS2 u***, f'konformità mar-rekwiżiti tal-utenti msemmija fil-paragrafu 3, u għandha tissorvelja l-implimentazzjoni tagħha, u tiżgura l-kumplimentarjetà, il-konsistenza, is-sinerġiji u r-rabtiet ma' azzjonijiet oħra ta' appoġġ skont dan ir-Regolament kif ukoll azzjonijiet u programmi oħra tal-Unjoni.

6. Il-Kummissjoni ***għandha*** tafda l-operat u l-amministrazzjoni tar-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE, kollha kemm hi jew parzjalment, lill-ENISA, permezz ta' ftehimiet tal-kontribuzzjoni.

7. Biex tappoġġa lill-Kummissjoni fl-istabbiliment tar-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE, l-ENISA għandha tħejji mmappjar tas-servizzi meħtieġa, ***inklużi l-ħiliet u l-kapaċità meħtieġa tal-forza tax-xogħol fiċ-ċibersigurtà,*** wara li tikkonsulta lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni, ***u meta xieraq, il-fornituri tas-servizzi tas-sigurtà ġestiti, u rappreżentanti oħra tal-industrija taċ-ċibersigurtà***. L-ENISA għandha tħejji mmappjar simili, wara li tikkonsulta lill-Kummissjoni, ***il-fornituri tas-servizzi tas-sigurtà ġestiti, u meta xieraq, rappreżentanti oħra tal-industrija taċ-ċibersigurtà*** biex tidentifika l-ħtiġijiet tal-pajjiżi terzi eliġibbli għal appoġġ mir-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE skont l-Artikolu 17. Il-Kummissjoni, meta rilevanti, għandha tikkonsulta lir-Rappreżentant Għoli ***u tinforma lill-Kunsill dwar il-ħtiġijiet ta' pajjiżi terzi***.

8. Il-Kummissjoni ***għandha s-setgħa li tadotta*** atti ***delegati, skont l-Artikolu 20a, biex jiġi supplimentat dan ir-Regolament billi tispeċifika*** t-tipi u l-għadd ta' servizzi tar-rispons meħtieġa għar-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE. ▌..

*Artikolu 13*

**Talbiet għall-appoġġ mir-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE**

1. L-utenti msemmija fl-Artikolu 12(3) jistgħu jitolbu servizzi mir-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE biex jappoġġaw ir-rispons għall-inċidenti taċ-ċibersigurtà sinifikanti jew fuq skala kbira u l-irkupru immedjat minnhom.

2. Biex jirċievu appoġġ mir-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE, l-utenti msemmija fl-Artikolu 12(3) għandhom jieħdu miżuri li jtaffu l-effetti tal-inċident li għalih jintalab l-appoġġ, inkluż l-għoti ta' assistenza teknika diretta, u riżorsi oħra li jassistu r-rispons għall-inċident, u sforzi immedjati tal-irkupru.

3. It-talbiet għal appoġġ mill-utenti msemmija fl-Artikolu 12(3), il-punt (a), ta' dan ir-Regolament għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni u lill-ENISA mill-Punt Uniku ta' Kuntatt deżinjat jew stabbilit mill-Istat Membru f'konformità mal-Artikolu 8(3) tad-Direttiva (UE) 2022/2555.

4. L-Istati Membri għandhom jinformaw lin-network tas-CSIRTs, u meta xieraq lill-EU-CyCLONe, dwar it-talbiet tagħhom għal appoġġ għar-rispons għall-inċidenti u għall-irkupru immedjat skont dan l-Artikolu.

5. It-talbiet għal appoġġ għar-rispons għall-inċidenti u għall-irkupru immedjat għandhom jinkludu:

(a) informazzjoni xierqa dwar l-entità affettwata u l-impatti potenzjali tal-inċident u l-użu ppjanat tal-appoġġ mitlub, inkluż indikazzjoni tal-ħtiġijiet stmati;

(b) informazzjoni dwar il-miżuri meħuda biex jittaffa l-inċident li għalih jintalab l-appoġġ, kif imsemmi fil-paragrafu 2;

(c) informazzjoni dwar forom oħra ta' appoġġ disponibbli għall-entità affettwata, inkluż arranġamenti kuntrattwali fis-seħħ għal servizzi tar-rispons għall-inċidenti u tal-irkupru immedjat, kif ukoll kuntratti ta' assigurazzjoni li potenzjalment ikopru dak it-tip ta' inċident.

6. L-ENISA, b'kooperazzjoni mal-Kummissjoni u mal-Grupp ta' Kooperazzjoni tal-NIS, għandha tiżviluppa mudell li jiffaċilita s-sottomissjoni tat-talbiet għall-appoġġ mir-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE.

7. Il-Kummissjoni ***għandha s-setgħa li tadotta*** atti ***delegati, skont l-Artikolu 20a, biex jiġi supplimentat dan ir-Regolament billi tispeċifika*** l-arranġamenti dettaljati għall-allokazzjoni tas-servizzi ta' appoġġ tar-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE. ▌

*Artikolu 14*

**L-implimentazzjoni tal-appoġġ mir-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE**

1. It-talbiet għall-appoġġ mir-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE, għandhom jiġu vvalutati mill-Kummissjoni, bl-appoġġ tal-ENISA jew kif definit fil-ftehimiet tal-kontribuzzjoni skont l-Artikolu 12(6), u għandha tintbagħat tweġiba lill-utenti msemmija fl-Artikolu 12(3) mingħajr dewmien ***żejjed u fi kwalunkwe każ fi żmien 24 siegħa***.

2. Biex it-talbiet jiġu pprijoritizzati, fil-każ ta' diversi talbiet konkurrenti, u meta rilevanti, għandhom jitqiesu l-kriterji li ġejjin:

(a) is-severità tal-inċident taċ-ċibersigurtà;

(b) it-tip ta' entità affettwata, bi prijorità akbar lill-inċidenti li jaffettwaw lill-entitajiet essenzjali kif definit fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva (UE) 2022/2555;

(c) l-impatt potenzjali fuq l-Istat(i) Membru/i jew l-utenti affettwati;

(d) ***l-iskala u n-natura*** transfruntiera potenzjali tal-inċident u r-riskju ta' tixrid lejn Stati Membri jew utenti oħra;

(e) il-miżuri meħuda mill-utent biex jassisti fl-isforzi tar-rispons u tal-irkupru immedjat, kif imsemmi fl-Artikolu 13(2) u fl-Artikolu 13(5), il-punt (b).

3. Is-servizzi tar-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE għandhom jingħataw f'konformità ma' ftehimiet speċifiċi bejn il-fornitur tas-servizzi u l-utent li lilhom jingħata l-appoġġ mir-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE. Dawk il-ftehimiet għandhom jinkludu kundizzjonijiet ta' responsabbiltà ***u kwalunkwe dispożizzjoni oħra li l-partijiet fil-ftehim iqisu meħtieġa għall-forniment tas-servizz rispettiv***.

4. Il-ftehimiet imsemmija fil-paragrafu 3 ***għandhom*** ikunu bbażati fuq mudelli mħejjija mill-ENISA, wara li tikkonsulta lill-Istati Membri ***u, meta xieraq, lil utenti oħra tar-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE***.

5. Il-Kummissjoni u l-ENISA ma għandhom jerfgħu l-ebda responsabbiltà kuntrattwali għad-danni kkawżati lil partijiet terzi mis-servizzi provduti fil-qafas tal-implimentazzjoni tar-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE, ***ħlief f'każijiet ta' negliġenza kbira fl-evalwazzjoni tal-applikazzjoni tal-fornitur tas-servizz jew f'każ meta l-Kummissjoni jew l-ENISA jkunu utenti tar-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE skont l-Artikolu 14(3)***.

6. Fi żmien xahar mit-tmiem tal-azzjoni tal-appoġġ, l-utenti għandhom jipprovdu rapport sommarju lill-Kummissjoni***,*** lill-ENISA***, lin-Network tas-CSIRTs u, meta rilevanti, lill-EU-CyCLONe*** dwar is-servizz ipprovdut, ir-riżultati miksuba u t-tagħlimiet meħuda. Meta l-utent ikun minn pajjiż terz kif stabbilit fl-Artikolu 17, tali rapport għandu jiġi kondiviż mar-Rappreżentant Għoli.
***Ir-rapport għandu jirrispetta l-liġi tal-Unjoni u dik nazzjonali dwar il-protezzjoni tal-informazzjoni sensittiva jew klassifikata.***

7. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta ***fuq bażi regolari u mill-anqas darbtejn fis-sena*** lill-Grupp ta' Kooperazzjoni tal-NIS dwar l-użu u r-riżultati tal-appoġġ. ***Għandha tipproteġi l-informazzjoni kunfidenzjali, f'konformità mal-liġi tal-Unjoni u dik nazzjonali dwar il-protezzjoni tal-informazzjoni sensittiva jew klassifikata.***

*Artikolu 15*

**Koordinazzjoni ma' mekkaniżmi tal-ġestjoni tal-kriżijiet**

1. F'każijiet meta l-inċidenti taċ-ċibersigurtà sinifikanti jew fuq skala kbira jkunu joriġinaw minn diżastri jew jikkaġunawhom kif definit fid-Deċiżjoni 1313/2013/UE[27], l-appoġġ skont dan ir-Regolament għar-rispons għal tali inċidenti għandu jikkumplimenta l-azzjonijiet skont id-Deċiżjoni 1313/2013/UE u mingħajr preġudizzju għaliha.

2. Fil-każ ta' inċident taċ-ċibersigurtà transfruntier fuq skala kbira meta jiġu skattati arranġamenti Integrati għal Rispons Politiku f'Sitwazzjonijiet ta' Kriżi (IPCR), l-appoġġ skont dan ir-Regolament għar-rispons għal inċident bħal dan għandu jiġi ttrattat f'konformità mal-protokolli u l-proċeduri rilevanti skont l-IPCR.

3. B'konsultazzjoni mar-Rappreżentant Għoli, l-appoġġ mill-Mekkaniżmu ta' Emerġenza ***taċ-Ċibersigurtà*** jista' jikkumplimenta l-assistenza pprovduta fil-kuntest tal-Politika Estera u tas-Sigurtà Komuni u l-Politika tas-Sigurtà u tad-Difiża Komuni, inkluż permezz tat-Timijiet tar-Rispons Rapidu Ċibernetiku. Jista' jikkumplimenta jew jikkontribwixxi wkoll għall-assistenza provduta minn Stat Membru wieħed lil Stat Membru ieħor fil-kuntest tal-Artikolu 42(7) ***tat-TUE***.

4. L-appoġġ mill-Mekkaniżmu ta' Emerġenza ***taċ-Ċibersigurtà*** jista' jifforma parti mir-rispons konġunt bejn l-Unjoni u l-Istati Membri fis-sitwazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 222 tat-TFUE.

[27] Id-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 924).

*Artikolu 16*

**Fornituri fdati**

1. Fi proċeduri tal-akkwist għall-fini tal-istabbiliment tar-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE, l-awtorità kontraenti għandha taġixxi f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 u f'konformità mal-prinċipji li ġejjin:

(a) tiżgura li r-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE tinkludi servizzi li jistgħu jintużaw fl-Istati Membri kollha, filwaqt li tqis b'mod partikolari r-rekwiżiti nazzjonali għall-forniment ta' dawn is-servizzi, inkluża ċ-ċertifikazzjoni jew l-akkreditazzjoni;

(b) tiżgura l-protezzjoni tal-interessi essenzjali tas-sigurtà tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha.

(c) tiżgura li r-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE tikseb valur miżjud tal-UE, billi tikkontribwixxi għall-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2021/694, inkluż billi tippromwovi l-iżvilupp tal-ħiliet taċ-ċibersigurtà fl-UE, ***u l-ilħuq ta' bilanċ bejn il-ġeneri fis-settur, u ssaħħaħ is-sovranità teknoloġika, l-awtonomija strateġika miftuħa, il-kompetittività u r-reżiljenza tal-Unjoni***.

2. Meta takkwista servizzi għar-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE, l-awtorità kontraenti għandha tinkludi l-kriterji tal-għażla li ġejjin fid-dokumenti tal-akkwist:

(a) il-fornitur għandu juri li l-persunal tiegħu għandu l-ogħla grad ta' integrità professjonali, indipendenza, responsabbiltà, u l-kompetenza teknika meħtieġa biex iwettaq l-attivitajiet fil-qasam speċifiku tiegħu, u jiżgura l-permanenza/kontinwità tal-għarfien espert kif ukoll ir-riżorsi tekniċi meħtieġa;

(b) il-fornitur, is-sussidjarji u s-sottokuntratturi tiegħu jkollhom qafas fis-seħħ biex jipproteġu l-informazzjoni sensittiva relatata mas-servizz, u b'mod partikolari l-evidenza, is-sejbiet u r-rapporti, u li dan ikun konformi mar-regoli tas-sigurtà tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-informazzjoni klassifikata tal-UE;

(c) il-fornitur għandu jipprovdi prova biżżejjed li l-istruttura tal-governanza tiegħu hi trasparenti, u li mhix probabbli li tikkomprometti l-imparzjalità tiegħu u l-kwalità tas-servizzi tiegħu jew li tikkawża kunflitti ta' interess;

(d) il-fornitur għandu jkollu approvazzjoni tas-sigurtà xierqa, tal-anqas għall-persunal maħsub għall-użu tas-servizz;

(e) il-fornitur għandu jkollu l-livell rilevanti tas-sigurtà għas-sistemi tal-IT tiegħu;

(f) il-fornitur għandu jkun attrezzat bit-tagħmir tekniku ***aġġornat*** tal-hardware u tas-software meħtieġ biex jappoġġa s-servizz mitlub ***u għandu, kif applikabbli, jikkonforma mar-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[28] (2022/0272(COD))***;

(g) il-fornitur għandu jkun jista' juri li għandu esperjenza fil-forniment ta' servizzi simili lill-awtoritajiet jew lill-entitajiet nazzjonali rilevanti li joperaw fis-setturi kritiċi jew kritiċi ħafna;

---

[28] Ir-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... dwar ... (ĠU L, ..., ELI: …).

(h) il-fornitur għandu jkun jista' jipprovdi s-servizz fi żmien qasir fl-Istat(i) Membru/i fejn ikun jista' jagħti s-servizz;

(i) il-fornitur għandu jkun jista' jipprovdi s-servizz bil-lingwa lokali tal-Istat(i) Membru/i***, jew f'waħda mil-lingwi li jaħdmu bihom l-istituzzonijiet tal-Unjoni***, fejn ikun jista' jagħti s-servizz;

(j) ladarba tiddaħħal skema taċ-ċertifikazzjoni ***taċ-ċibersigurtà Ewropea*** għas-servizzi tas-sigurtà ġestiti skont ir-Regolament (UE) 2019/881, il-fornitur għandu jiġi ċċertifikat f'konformità ma' dik l-iskema ***fi żmien sentejn minn meta tkun ġiet adottata l-iskema***.

***(ja) il-fornitur għandu jkun jista' jipprovdi s-servizz b'mod indipendenti u mhux bħala parti minn pakkett, u b'hekk jissalvagwardja l-possibbiltà tal-utent li jaqleb għal fornitur ta' servizz ieħor;***

***(jb) għall-finijiet tal-Artikolu 12(1) il-fornitur għandu jinkludi fil-proposta tal-offerti l-possibbiltà li servizzi tar-rispons għall-inċidenti mhux użati jinqalbu f'eżerċizzji jew taħriġ;***

***(jc) il-fornitur għandu jkun stabbilit u għandu jkollu l-istrutturi maniġerjali eżekuttivi tiegħu fl-Unjoni, f'pajjiż assoċjat jew f'pajjiż terz li huwa parti mill-Ftehim dwar l-Akkwisti Pubbliċi fil-kuntest tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (GPA).***

***(jd) . Il-fornitur ma għandux ikun soġġett għal kontroll minn pajjiż terz mhux assoċjat jew minn entità ta' pajjiż terz mhux assoċjat li ma tkunx parti fi Ftehim dwar l-Akkwisti Pubbliċi jew, inkella, tali entità tkun ġiet soġġetta għal skrinjar skont it-tifsira tar-Regolament (UE) 2019/452 u, meta meħtieġ, għal miżuri ta' mitigazzjoni, filwaqt li jitqiesu l-objettivi stabbiliti f'dan ir-Regolament.***

*Artikolu 17*

**Appoġġ lill-pajjiżi terzi**

1. Pajjiżi terzi jistgħu jitolbu appoġġ mir-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE meta l-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni konklużi rigward il-parteċipazzjoni tagħhom fid-DEP ikunu jipprevedu dan.

2. L-appoġġ mir-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE għandu jkun konformi ma' dan ir-Regolament u ma' kull kundizzjoni speċifika stabbilita fil-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni msemmija fil-paragrafu 1.

3. L-utenti mill-pajjiżi terzi assoċjati li huma eliġibbli biex jirċievu servizzi mir-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE għandhom jinkludu awtoritajiet kompetenti bħal CSIRTs u awtoritajiet tal-ġestjoni tal-kriżijiet ċibernetiċi.

4. Kull pajjiż terz eliġibbli għall-appoġġ mir-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE għandu jiddeżinja awtorità biex taġixxi bħala punt uniku ta' kuntatt għall-finijiet ta' dan ir-Regolament.

5. Qabel ma jirċievu kwalunkwe appoġġ mir-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE, il-pajjiżi terzi għandhom jipprovdu informazzjoni lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli dwar ir-reżiljenza ċibernetika u l-kapaċitajiet tal-ġestjoni tar-riskju tagħhom, inkluż tal-anqas informazzjoni dwar il-miżuri nazzjonali meħuda għat-tħejjija għall-inċidenti taċ-ċibersigurtà

sinifikanti jew fuq skala kbira, kif ukoll informazzjoni dwar l-entitajiet nazzjonali responsabbli, inkluż is-CSIRTs jew entitajiet ekwivalenti, il-kapaċitajiet tagħhom u r-riżorsi allokati lilhom. Meta d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 13 u 14 ta' dan ir-Regolament jirreferu għall-Istati Membri, dawn għandhom japplikaw għall-pajjiżi terzi kif stabbilit fil-paragrafu 1.

6. Il-Kummissjoni għandha***, mingħajr dewmien żejjed, tinnotifika lill-Kunsill u*** tikkoordina mar-Rappreżentant Għoli dwar it-talbiet riċevuti u l-implimentazzjoni tal-appoġġ mogħti lill-pajjiżi terzi mir-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE.

## *Kapitolu IV*

## *MEKKANIŻMU TAR-RIEŻAMI TAL-INĊIDENTI TAĊ-ĊIBERSIGURTÀ*

*Artikolu 18*

### Mekkaniżmu tar-Rieżami tal-Inċidenti taċ-Ċibersigurtà

1. Meta tintalab mill-Kummissjoni, mill-EU-CyCLONe jew min-network tas-CSIRTs, l-ENISA għandha tirrieżamina u tivvaluta t-theddid, il-vulnerabbiltajiet u l-azzjonijiet tal-mitigazzjoni fir-rigward ta' xi inċident speċifiku taċ-ċibersigurtà sinifikanti jew fuq skala kbira. Wara t-tlestija tar-rieżami u tal-valutazzjoni tal-inċident, l-ENISA għandha tibgħat ir-rapport tar-rieżami tal-inċident lin-network tas-CSIRTs, lill-EU-CyCLONe u lill-Kummissjoni biex tappoġġahom fit-twettiq tal-kompiti tagħhom, b'mod partikolari fid-dawl ta' dawk stabbiliti fl-Artikoli 15 u 16 tad-Direttiva (UE) 2022/2555. Meta rilevanti, il-Kummissjoni għandha tikkondividi r-rapport mar-Rappreżentant Għoli.

2. Biex tħejji r-rapport dwar ir-rieżami tal-inċidenti msemmi fil-paragrafu 1, l-ENISA għandha tikkollabora mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha ***u tiġbor feedback mingħandhom, inklużi r-rappreżentanti*** tal-Istati Membri, il-Kummissjoni, istituzzjonijiet, korpi***, uffiċċji*** u aġenziji rilevanti oħra tal-UE, il-fornituri tas-servizzi tas-sigurtà ġestiti ***fl-SOCs nazzjonali u transfruntieri*** u l-utenti tas-servizzi taċ-ċibersigurtà, ***ikkumplimentat bil-garanziji u l-monitoraġġ li huwa xieraq biex jiġi żgurat li t-tagħlimiet meħuda u l-aħjar prattiki identifikati jiġu appoġġati mill-atturi fl-industrija tas-servizzi taċ-ċibersigurtà.*** Meta xieraq, l-ENISA għandha tikkollabora wkoll ma' entitajiet affettwati mill-inċidenti taċ-ċibersigurtà sinifikanti jew fuq skala kbira. Biex tappoġġa r-rieżami, l-ENISA tista' tikkonsulta wkoll lil tipi oħra ta' partijiet ikkonċernati. Ir-rappreżentanti kkonsultati għandhom jiżvelaw kull kunflitt ta' interess potenzjali.

3. Ir-rapport għandu jkopri rieżami u analiżi tal-inċident speċifiku taċ-ċibersigurtà sinifikanti jew fuq skala kbira, inkluż il-kawżi ewlenin, il-vulnerabbiltajiet u t-tagħlimiet meħuda. Dan għandu jipproteġi l-informazzjoni kunfidenzjali, f'konformità mal-liġi tal-Unjoni jew dik nazzjonali dwar il-protezzjoni tal-informazzjoni sensittiva jew klassifikata. ***Dan ma għandu jinkludi l-ebda dettall dwar vulnerabbiltajiet sfruttati b'mod attiv li għadhom mhux ikkoreġuti.***

***3a. Ir-rapport imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandu jsemmi t-tagħlimiet meħuda mir-rieżamijiet bejn il-pari mwettqa skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva (UE) 2022/2555.***

4. Meta xieraq, ir-rapport għandu jfassal rakkomandazzjonijiet***, inkluż għall-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha,*** biex tittejjeb il-pożizzjoni ċibernetika tal-Unjoni.

5. Meta possibbli, verżjoni tar-rapport għandha tkun disponibbli għall-pubbliku. Din il-verżjoni għandha tinkludi biss informazzjoni pubblika.

## *Kapitolu V*

## *DISPOŻIZZJONIJIET FINALI*

### *Artikolu 19*

### **Emendi għar-Regolament (UE) 2021/694**

Ir-Regolament (UE) 2021/694 huwa emendat kif ġej:

(1) l-Artikolu 6 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(*i*) jiddaħħal il-punt (aa) li ġej:

"(aa) tappoġġa l-iżvilupp tat-Tarka Ċibernetika tal-UE, inkluż l-iżvilupp, l-użu u l-operat tal-pjattaformi tal-SOCs nazzjonali u transfruntieri li jikkontribwixxu għall-għarfien sitwazzjonali fl-Unjoni u biex jissaħħu l-kapaċitajiet tal-intelligence dwar it-theddid ċibernetiku tal-Unjoni";

(*ii*) jiżdied il-punt (g) li ġej:

"(g) tistabbilixxi u tħaddem Mekkaniżmu ta' Emerġenza ***taċ-Ċibersigurtà*** li jappoġġa lill-Istati Membri fit-tħejjija u r-rispons għall-inċidenti sinifikanti taċ-ċibersigurtà, b'mod kumplimentari għar-riżorsi u l-kapaċitajiet nazzjonali u forom oħra ta' appoġġ disponibbli fil-livell tal-Unjoni, inkluż l-istabbiliment ta' Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE";

(***b***) Il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-azzjonijiet skont l-Objettiv Speċifiku 3 għandhom jiġu implimentati qabelxejn miċ-Ċentru Ewropew ta' Kompetenza Industrijali, Teknoloġika u tar-Riċerka fil-Qasam taċ-Ċibersigurtà u n-Network taċ-Ċentri Nazzjonali ta' Koordinazzjoni, f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/887 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* għajr l-azzjonijiet li jimplimentaw ir-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE, li għandhom jiġu implimentati mill-Kummissjoni u mill-ENISA.";

______________

* Ir-Regolament (UE) 2021/887 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi ċ-Ċentru Ewropew ta' Kompetenza Industrijali, Teknoloġika u tar-Riċerka fil-qasam taċ-Ċibersigurtà u n-Network ta' Ċentri Nazzjonali ta' Koordinazzjoni, (ĠU L 202, 8.6.2021, p. 1, ***ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2021/887/oj?locale=mt).***"**;**

(2) L-Artikolu 9 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 2, il-punti (b), (c) u (d) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(b), EUR 1 776 956 000 għall-Objettiv Speċifiku 2 – Intelliġenza Artifiċjali;

(c), EUR ***1 620 566 000*** għall-Objettiv Speċifiku 3 – Ċibersigurtà u Fiduċja;

(d), EUR ***500 347 000*** għall-Objettiv Speċifiku 4 – Ħiliet Diġitali Avvanzati";

***(aa) jiddaħħal il-paragrafu 2a l-ġdid li ġej:***

***" (2a). L-ammont imsemmi fil-paragrafu 2, il-punt c, għandu jintuża primarjament biex jintlaħqu l-objettivi operazzjonali msemmija fl-Artikolu 6(1) (a-f) tal-Programm.";***

***(ab) jiddaħħal il-paragrafu 2b il-ġdid li ġej:***

***" (2b). L-ammont għall-istabbiliment u l-implimentazzjoni tar-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE ma għandux jaqbeż EUR 27 miljun għad-durata intenzjonata tar-Regolament li jistabbilixxi miżuri li jsaħħu s-solidarjetà u l-kapaċitajiet fl-Unjoni għad-detezzjoni, it-tħejjija u r-rispons għat-theddid u l-inċidenti taċ-ċibersigurtà.";***

(b) jiżdied il-paragrafu 8 li ġej:

"8. ***Permezz ta' deroga*** mill-Artikolu 12(4) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament mhux użati għal azzjonijiet ***fil-kuntest tal-implimentazzjoni tar-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE***, li jsegwu l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 6(1), il-punt (g), ta' dan ir-Regolament, għandhom jiġu ttrasferiti awtomatikament u jistgħu jiġu impenjati u mħallsa sal-31 ta' Diċembru tas-sena finanzjarja li jmiss.";

***Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament u lill-Kunsill dwar l-approprjazzjonijiet riportati f'konformità mal-Artikolu 12(6) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046***.

(3) fl-Artikolu 14, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Il-Programm jista' jipprovdi finanzjament b'xi waħda mill-forom stabbiliti fir-Regolament ***(UE, Euratom) 2018/1046***, inkluż b'mod partikolari bl-akkwist bħala forma primarja, jew bl-għotjiet u l-premjijiet.

Meta biex jintlaħaq l-objettiv ta' xi azzjoni jkun hemm bżonn l-akkwist ta' oġġetti u servizzi innovattivi, l-għotjiet jistgħu jingħataw biss lill-benefiċjarji li huma awtoritajiet kontraenti jew entitajiet kontraenti kif definit fid-Direttivi 2014/24/UE[27] u 2014/25/UE[28] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Meta jkun hemm bżonn jiġu fornuti oġġetti jew servizzi innovattivi li ma jkunx għadhom saru disponibbli b'mod kummerċjali fuq skala kbira, biex jintlaħqu l-objettivi ta' xi azzjoni, l-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti tista' tawtorizza l-għoti ta' diversi kuntratti tul l-istess proċedura tal-akkwist.

Għal raġunijiet debitament ġustifikati ta' sigurtà pubblika, l-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti tista' teżiġi li l-post tal-eżekuzzjoni tal-kuntratt ikun fit-territorju tal-Unjoni.

Meta timplimenta l-proċeduri tal-akkwist għar-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE stabbilita mill-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) 2023/..., il-Kummissjoni u l-ENISA jistgħu jaġixxu bħala korp ċentrali għall-akkwist biex jakkwistaw għan-nom ta' pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm jew f'isimhom f'konformità mal-Artikolu 10. Il-Kummissjoni u l-ENISA jistgħu jaġixxu wkoll bħala grossista, billi jixtru, jaħżnu u jbigħu mill-ġdid jew jagħtu bħala donazzjoni provvisti u servizzi, inkluż il-kiri, lil dawk il-pajjiżi terzi. B'deroga mill-Artikolu 169(3) tar-Regolament (UE). .../..., it-talba minn pajjiż terz wieħed hi biżżejjed biex tagħti mandat lill-Kummissjoni jew lill-ENISA biex taġixxi.

Meta jimplimentaw il-proċeduri tal-akkwist għar-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE stabbilita mill-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) 2023/..., il-Kummissjoni u l-ENISA jistgħu jaġixxu bħala korp ċentrali għall-akkwist biex jakkwistaw għan-nom ta' istituzzjonijiet, korpi u aġenziji tal-Unjoni jew f'isimhom. Il-Kummissjoni u l-ENISA jistgħu jaġixxu wkoll bħala grossista, billi jixtru, jaħżnu u jbigħu mill-ġdid jew jagħtu bħala donazzjoni provvisti u servizzi, inkluż il-kiri, lill-istituzzjonijiet, lill-korpi u lill-aġenziji tal-Unjoni. B'deroga mill-Artikolu 169(3) tar-Regolament (UE) .../..., it-talba minn istituzzjoni, korp jew aġenzija tal-Unjoni unika hi biżżejjed biex tagħti mandat lill-Kummissjoni jew lill-ENISA biex taġixxi.

Il-Programm jista' jipprovdi wkoll finanzjament fil-forma ta' strumenti finanzjarji f'operazzjonijiet imħallta. ";

(4) jiżdied l-Artikolu 16a li ġej:

"***Artikolu 16a***

Fil-każ ta' azzjonijiet li jimplimentaw it-Tarka Ċibernetika Ewropea stabbilita mill-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2023/XX, ir-regoli applikabbli għandhom ikunu dawk stabbiliti fl-Artikoli 4 u 5 tar-Regolament (UE) 2023/.... Fil-każ ta' kunflitt bejn id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u l-Artikoli 4 u 5 tar-Regolament (UE) 2023/..., dan tal-aħħar għandu jipprevali u japplika għal dawk l-azzjonijiet speċifiċi.***";***

(5) l-Artikolu 19 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Għotjiet li jaqgħu fil-Programm għandhom jingħataw u jitmexxew f'konformità mat-Titolu VIII tar-Regolament ***(UE, Euratom) 2018/1046*** u jistgħu jkopru sa 100 % tal-kostijiet eliġibbli, mingħajr preġudizzju għall-prinċipju tal-kofinanzjament kif stabbilit fl-Artikolu 190 tar-Regolament ***(UE, Euratom) 2018/1046***. Għotjiet bħal dawn għandhom jingħataw u jitmexxew kif speċifikat għal kull objettiv speċifiku.

L-appoġġ fil-forma ta' għotjiet jista' jingħata direttament mill-ECCC mingħajr sejħa għal proposti lill-SOCs nazzjonali msemmija fl-Artikolu 4 tar-Regolament ***(UE) .../...*** u l-konsorzju tal-hosting imsemmi fl-Artikolu 5 tar-Regolament ***(UE) .../...***, f'konformità mal-Artikolu 195(1), il-punt (d) tar-Regolament ***(EU, Euratom) 2018/1046***.

L-appoġġ fil-forma ta' għotjiet għall-Mekkaniżmu ta' Emerġenza ***taċ-Ċibersigurtà*** kif stabbilit fl-Artikolu 10 tar-Regolament ***(UE) .../...*** jista' jingħata direttament mill-ECCC lill-Istati Membri mingħajr sejħa għal proposti, f'konformità mal-Artikolu 195(1), il-punt (d) tar-Regolament ***(UE, Euratom) 2018/1046***.

Għall-azzjonijiet speċifikati fl-Artikolu 10(1), il-punt (c) tar-Regolament ***(UE) .../...***, l-ECCC għandu jinforma lill-Kummissjoni u lill-ENISA dwar it-talbiet tal-Istati Membri għal għotjiet diretti mingħajr sejħa għal proposti.

Għall-appoġġ tal-assistenza reċiproka għal rispons għal inċident taċ-ċibersigurtà sinifikanti jew fuq skala kbira kif definit fl-Artikolu 10(c) tar-Regolament ***(UE) .../...***, u f'konformità mal-Artikolu 193(2), it-tieni subparagrafu, il-punt (a), tar-Regolament ***(UE, Euratom) 2018/1046***, f'każijiet debitament ġustifikati, il-kostijiet jistgħu jitqiesu eliġibbli anki jekk ikunu saru qabel ma tkun ġiet ippreżentata l-applikazzjoni tal-għotja.";

(6) L-Annessi I u II tar-Regolament (UE) 2021/694 huma emendati f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

***Artikolu 19a***
***Riżorsi addizzjonali għall-ENISA***

***L-ENISA għandha tirċievi riżorsi addizzjonali biex twettaq il-kompiti addizzjonali tagħha mogħtija lilha permezz ta' dan ir-Regolament. Dak l-appoġġ addizzjonali, inkluż il-finanzjament, ma għandux jipperikola l-ksib tal-objettivi ta' Programmi tal-Unjoni oħrajn, b'mod partikolari il-Programm Ewropa Diġitali.***

*Artikolu 20*

**Evalwazzjoni *u Rieżami***

1. Sa … [***sentejn mid-data*** tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament] ***u kull sentejn wara dan***, il-Kummissjoni għandha ***twettaq*** evalwazzjoni ***tal-funzjonament tal-miżuri stabbiliti fir-Regolament u għandha tissottometti rapport*** lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

***2. L-evalwazzjoni għandha tivvaluta b'mod partikolari:***

*(a) l-użu u l-valur miżjud tal-SOCs transfruntieri u l-punt sa fejn dawn jikkontribwixxu biex jitħaffu d-detezzjoni tat-theddid ċibernetiku u l-għarfien sitwazzjonali u r-rispons għalihom; il-parteċipazzjoni attiva tal-SOCs nazzjonali fit-Tarka Ċibernetika Ewropea, inkluż l-għadd ta' SOCs nazzjonali u SOCs transfruntieri stabbiliti u l-punt sa fejn ikkontribwixxew għall-produzzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni azzjonabbli ta' kwalità għolja u intelligence dwar it-theddid ċibernetiku; l-għadd u l-kostijiet ta' infrastrutturi taċ-ċibersigurtà, jew ta' għodod, jew tat-tnejn li jiġu akkwistati b'mod konġunt; l-għadd ta' ftehimiet ta' kooperazzjoni konklużi bejn SOCs transfruntieri u mal-ISACs tal-industrija; l-għadd ta' inċidenti rrappurtati lin-network tas-CSIRTs u l-impatt li dan għandu fuq il-ħidma tan-Network tas-CSIRTs;*

*(b) kemm il-ħidma pożittiva kif ukoll dik negattiva tal-Mekkaniżmu ta' Emerġenza taċ-Ċibersigurtà, inkluż jekk humiex meħtieġa aktar kooperazzjoni jew rekwiżiti ta' taħriġ;*

*(c) il-kontribut ta' dan ir-Regolament biex isaħħaħ ir-reżiljenza u l-awtonomija strateġika miftuħa tal-Unjoni, biex itejjeb il-kompetittività tas-setturi tal-industrija rilevanti, tal-mikrointrapriżi, tal-SMEs inklużi negozji ġodda rilevanti, u l-iżvilupp tal-ħiliet taċ-ċibersigurtà fl-Unjoni;*

*(d) l-użu u l-valur miżjud tar-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE, inkluż l-għadd ta' fornituri tas-sigurtà fdati li huma parti mir-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE; l-għadd, it-tip, il-kostijiet u l-impatt tal-azzjonijiet imwettqa b'appoġġ għar-rispons għall-inċidenti taċ-ċibersigurtà, kif ukoll l-utenti u l-fornituri tiegħu; iż-żmien medju biex il-Kummissjoni tirrikonoxxi, ir-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE tiġi introdotta u tirrispondi, u l-utent jirkupra mill-inċidenti; jekk l-ambitu tar-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE għandux jitwessa' għal servizzi ta' tħejjija għall-inċidenti jew eżerċizzji komuni mal-fornituri fdati tas-servizzi tas-sigurtà ġestiti u l-utenti potenzjali tar-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE biex jiġi żgurat il-funzjonament effiċjenti tar-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE meta jkun meħtieġ;*

*(e) il-kontribut ta' dan ir-Regolament għall-iżvilupp u t-titjib tal-ħiliet u l-kompetenzi tal-forza tax-xogħol fis-settur taċ-ċibersigurtà, meħtieġ biex isaħħaħ il-kapaċità tal-Unjoni li tidentifika u tipprevjeni t-theddid u l-inċidenti taċ-ċibersigurtà, tirrispondi għalihom u tirkupra minnhom;*

*(f) il-kontribut ta' dan ir-Regolament għall-introduzzjoni u l-iżvilupp ta' teknoloġiji tal-ogħla livell fl-Unjoni;*

*3. Abbażi tar-rapporti msemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha, meta xieraq, tippreżenta proposta leġiżlattiva li temenda dan ir-Regolament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.*

*Artikolu 20a*

***Eżerċizzju tad-delega***

***1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.***

***2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 6(3), l-Artikolu 7(2), l-Artikolu 12(8) u l-Artikolu 13(7) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' … snin minn … [id-data tad-dħul fis-seħħ tal-att leġiżlattiv bażiku jew kwalunkwe data oħra stabbilita mill-koleġiżlaturi]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' … snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.***

***3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 6(3), fl-Artikolu 7(2), fl-Artikolu 12(8) u fl-Artikolu 13(7) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.***

***4. Qabel ma' tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it- Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.***

***5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.***

***6. Att delegat adottat skont l-Artikoli 6(3), l-Artikolu 7(2), l-Artikolu 12(8) jew l-Artikolu 13(7) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'[xahrejn] fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.***

*Artikolu 21*

**Proċedura ta' kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat tal-Koordinazzjoni tal-Programm Ewropa Diġitali stabbilit mir-Regolament (UE) 2021/694. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

*Artikolu 22*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strażburgu,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew*<br>*Il-President* | *Għall-Kunsill*<br>*Il-President* |

## ANNESS

Ir-Regolament (UE) 2021/694 huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-Anness I, it-taqsima jew kapitolu "Objettiv Speċifiku 3 – Ċibersigurtà u Fiduċja" huma sostitwiti b'dan li ġej:

**"**Objettiv Speċifiku 3 – Ċibersigurtà u Fiduċja

Il-Programm għandu jistimula t-tisħiħ, il-bini u l-kisba tal-kapaċitajiet essenzjali biex ikunu żgurati l-ekonomija diġitali, is-soċjetà u d-demokrazija tal-Unjoni billi jissaħħu l-potenzjal industrijali taċ-ċibersigurtà u l-kompetittività tal-Unjoni, kif ukoll billi jitjiebu l-kapaċitajiet tas-settur privat u anki tas-settur pubbliku biex iċ-ċittadini u n-negozji jitħarsu mit-theddidiet ċibernetiċi, inkluż billi tiġi appoġġata l-implimentazzjoni tad-Direttiva (UE) 2016/1148.

L-azzjonijiet inizjali u, meta xieraq, l-azzjonijiet sussegwenti skont dan l-objettiv għandhom jinkludu:

1. Inwettqu koinvestiment mal-Istati Membri f'tagħmir avvanzat taċ-ċibersigurtà, infrastrutturi u għarfien li huma essenzjali biex jipproteġu l-infrastrutturi kritiċi u s-Suq Uniku Diġitali inġenerali. Tali koinvestiment jista' jinkludi investimenti f'faċilitajiet kwantistiċi u riżorsi tad-data għaċ-ċibersigurtà, l-għarfien sitwazzjonali fiċ-ċiberspazju, ***inklużi l-SOCs nazzjonali u l-SOCs transfruntieri li jsawru t-Tarka Ċibernetika Ewropea***, kif ukoll għodod oħra li jridu jsiru disponibbli għas-settur pubbliku u privat fl-Ewropa.

2. Intejbu l-kapaċitajiet teknoloġiċi eżistenti u n-networking taċ-ċentri ta' kompetenza fl-Istati Membri, u niżguraw li dawk il-kapaċitajiet jirrispondu għall-ħtiġijiet tas-settur pubbliku u tal-industrija, inkluż permezz ta' prodotti u servizzi li jsaħħu ċ-ċibersigurtà u l-fiduċja fi ħdan is-Suq Uniku Diġitali.

3. Niżguraw introduzzjoni wiesgħa ta' soluzzjonijiet taċ-ċibersigurtà u ta' fiduċja effettivi u tal-ogħla livell fl-Istati Membri kollha. Tali introduzzjoni tinkludi t-tisħiħ tas-sigurtà u tas-sikurezza tal-prodotti, mid-disinn sal-kummerċjalizzazzjoni tagħhom.

4. Nagħtu appoġġ biex jixxejnu d-distakki fil-ħiliet fiċ-ċibersigurtà, ***b'enfasi partikolari fuq il-kisba tal-bilanċ bejn il-ġeneri fis-settur,*** billi pereżempju nallinjaw il-programmi tal-ħiliet taċ-ċibersigurtà, nadattawhom skont il-ħtiġijiet settorjali speċifiċi***, inkluż enfasi interdixxiplinarja u ġenerali*** u niffaċilitaw l-aċċess għal taħriġ speċjalizzat immirat ***biex jiġu abilitati l-persuni u t-territorji kollha, mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li jibbenefikaw mill-opportunitajiet ipprovduti minn dan ir-Regolament.***

5. Nippromwovu s-solidarjetà fost l-Istati Membri fit-tħejjija u r-rispons għall-inċidenti sinifikanti taċ-ċibersigurtà billi jiġu introdotti servizzi taċ-ċibersigurtà bejn il-fruntieri, inkluż bl-appoġġ għal assistenza reċiproka bejn l-awtoritajiet pubbliċi u l-istabbiliment ta' riżerva tal-fornituri fdati ***tas-servizzi tas-sigurtà ġestiti*** fil-livell tal-Unjoni.";

(2) Fl-Anness II, it-taqsima jew kapitolu "Objettiv Speċifiku 3 – Ċibersigurtà u Fiduċja" huma sostitwiti b'dan li ġej:

"Objettiv Speċifiku 3 – Ċibersigurtà u Fiduċja

3.1. L-għadd ta' infrastrutturi taċ-ċibersigurtà, jew ta' għodod, jew tat-tnejn li jiġu akkwistati b'mod konġunt ***bħala parti mit-Tarka taċ-Ċibersigurtà***.

3.2. L-għadd ta' utenti u ta' komunitajiet tal-utenti li qed jaċċessaw il-faċilitajiet taċ-ċibersigurtà Ewropej.

3.3. L-għadd***, it-tip, il-kostijiet u l-impatt*** ta' azzjonijiet ***imwettqa*** li jappoġġaw it-tħejjija u r-rispons għall-inċidenti taċ-ċibersigurtà bil-Mekkaniżmu ta' Emerġenza ***taċ-Ċibersigurtà***. ***Il-punt sa fejn ir-rakkomandazzjonijiet tat-testijiet ta' tħejjija ġew implimentati u mwettqa mill-utent kif ukoll iż-żmien medju biex il-Kummissjoni tirrikonoxxi, ir-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE tirrispondi, u l-utent jirkupra mill-inċidenti."***

## NOTA SPJEGATTIVA

KUNTEST

Iċ-ċibersigurtà hija u għandha tkun fil-qalba tad-demokraziji tagħna. It-theddid għaċ-ċibersigurtà huwa marbut mal-firxa tal-insigurtà fost il-poplu u l-kumpaniji, kif ukoll maż-żieda fid-diżinformazzjoni, li taħdem kontra l-prinċipji demokratiċi li jippreservaw ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem. Sabiex dan ma jseħħx, huwa kruċjali li jkun hemm ambjent diġitali sigur soġġett għall-iskrutinju pubbliku għad-demokraziji tagħna.

L-attakki ċibernetiċi fl-UE qed jiżdiedu f'termini ta' metodi u impatt. Barra minn hekk, l-attakk tar-Russja fuq l-Ukrajna ħoloq bidliet profondi, saħansitra qabel l-invażjoni, u wassal għal era ġdida ta' **cyberware** skont ir-rapport tal-2022 dwar ix-Xenarju tat-Theddid tal-ENISA.[1] Il-prijoritajiet identifikati minn dan il-kunflitt fiċ-ċibernetika huma l-ħtieġa li **jinbnew il-kapaċitajiet** fi proġetti u **programmi multilaterali** u l-ħtieġa li jiġu **żviluppati ħiliet** malajr. Sabiex tkun aktar reżiljenti, huwa meħtieġ rispons Ewropew komuni b'mod urġenti, ibbażat fuq kooperazzjoni iktar b'saħħitha fil-livell Ewropew lil hinn minn dak nazzjonali.

***Iż-żieda ta' Kultura taċ-Ċibersigurtà li tifhem is-sigurtà, inkluż dik tal-ambjent diġitali, bħala ġid pubbliku se tkun essenzjali għall-implimentazzjoni ta' suċċess ta' dan ir-regolament.***

Barra minn hekk, l-attakki ċibernetiċi spiss huma mmirati lejn **servizzi** u infrastrutturi **pubbliċi lokali, reġjonali jew nazzjonali** (eż. is-settur tal-kura tas-saħħa li jibqa' mira primarja għall-attakki ċibernetiċi[2]). L-evidenza tindika wkoll li **l-awtoritajiet lokali** huma fost l-iktar miri vulnerabbli minħabba n-nuqqas ta' riżorsi finanzjarji u umani, u l-għarfien fost il-mexxejja fil-livell lokali huwa partikolarment importanti biex tiżdied ir-reżiljenza diġitali[3]. L-attakki jaffettwaw b'mod ewlieni u dirett liċ-ċittadini u għalhekk jipperikolaw lid-demokraziji tagħna, inkluż permezz ta' kampanji ta' diżinformazzjoni. Is-sentiment ta' insigurtà li dawn is-sitwazzjonijiet jistgħu joħolqu fil-popolazzjoni jista' jwassal għal preferenzi politiċi li jsegwu impenn radikali lejn is-sigurtà għad-detriment tar-rispett għad-drittijiet fundamentali. Madankollu, il-verità hija bil-maqlub: is-sigurtà hija parti essenzjali mid-demokraziji tagħna, kompatibbli mad-drittijiet l-oħra kollha u neċessarja għalihom.

Barra minn hekk, **il-kumpaniji u l-SMEs** fl-UE qed jesperjenzaw ukoll iċ-ċiberkriminalità, u biż-żieda fl-użu tal-ambjent diġitali biex jitwettaq in-negozju, hemm tħassib akbar dwar iċ-ċibersigurtà. L-SMEs huma dawk l-inqas ippreparati, b'inqas riżorsi biex jipproteġuhom u saħansitra inqas konxji li jistgħu jkunu soġġetti għal tali attakki.

---

[1] Xenarju tat-Theddid tal-ENISA għall-2022, Ottubru 2022. https://www.enisa.europa.eu/publications/enisa-threat-landscape-2022/@@download/fullReport

[2] Xenarju tat-Theddid tal-ENISA: is-Settur tas-Saħħa, Lulju 2023. https://www.enisa.europa.eu/publications/health-threat-landscape/@@download/fullReport

[3] Il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni, Digital Resilience (Ir-Reżiljenza Diġitali), 2023. https://cor.europa.eu/en/engage/studies/Documents/Digital%20resilience.pdf

L-aspettattiva hija li dawn l-attakki se jkomplu u se jiżdiedu fil-futur. B'mod speċjali f'sitwazzjonijiet ta' instabbiltà politika u b'mod aktar partikolari, f'kuntesti ta' gwerra. Hekk kif it-tranżizzjoni diġitali timxi kuljum aktar 'il quddiem, ir-reżiljenza diġitali ssir aktar u aktar importanti għall-ħajja ta' kuljum tagħna u għall-**awtonomija strateġika miftuħa tal-UE**.

PROPOSTA TAR-RAPPORTEUR

Ir-Rapporteur temmen li l-UE teħtieġ li tkun ippreparata aħjar għall-futur u tilqa' din il-leġiżlazzjoni urġenti biex jinġabru r-riżorsi, l-informazzjoni, u l-għarfien biex tiġi żgurata s-solidarjetà bejn l-Istati Membri, biex tiżdied il-kapaċità industrijali fl-UE, biex jiġu żviluppati **b'mod ikkoordinat ħiliet u kapaċitajiet** li jiżguraw iċ-ċibersigurtà, biex tkun aktar reżiljenti għal attakki futuri u biex jiġu protetti d-demokraziji tagħna kontra l-użu tal-ħtiġijiet tas-sigurtà għall-interessi proprji. Barra minn hekk, huwa importanti li tiġi protetta l-integrità tal-proċessi elettorali tagħna. Din il-leġiżlazzjoni hija impenn essenzjali biex jinkiseb l-objettiv ta' **awtonomija strateġika miftuħa**.

Għal dawn ir-raġunijiet, l-UE teħtieġ **governanza kkoordinata** u b'saħħitha fl-UE u kooperazzjoni strutturata mas-settur privat biex jitrawwem l-iżvilupp tal-industrija ċibernetika Ewropea. Flimkien mal-kollaborazzjoni ma' sħab internazzjonali tal-istess fehma, iżda wkoll ma' pajjiżi oħra li ma għandhomx l-istess kapaċitajiet u li jistgħu jeħtieġu għajnuna meta jkunu vittmi tal-attakki ċibernetiċi. L-Att tal-UE dwar iċ-Ċibersolidarjetà jrid jiddefinixxi sew il-governanza tiegħu u ma jirkibx fuq inizjattivi u leġiżlazzjoni diġà eżistenti, bħad-Direttiva NIS2.

Il-proposta hija bbażata b'mod sinifikanti fuq l-iskambju ta' informazzjoni b'mod volontarju fost l-Istati Membri. Għal dik ir-raġuni, ir-Rapporteur tipproponi li jissaħħu l-garanziji biex tinbena l-fiduċja fost l-Istati Membri sabiex tiżdied il-parteċipazzjoni u l-kooperazzjoni tagħhom, pereżempju rigward akkwisti konġunti tal-infrastruttura kif ukoll l-involviment tas-setgħat leġiżlattivi, biex jiġu żgurati l-fiduċja taċ-ċittadini u **l-garanziji demokratiċi**.

It-tieni nett, ir-Rapporteur tipproponi li jiġi **żgurat il-baġit** mill-Oqfsa Finanzjarji Pluriennali li ġejjin għal din l-inizjattiva, ukoll bl-impenn mill-Istati Membri, biex jiggarantixxi l-kontinwità għall-attivitajiet żviluppati skont l-Att tal-UE dwar iċ-Ċibersolidarjetà għal wara l-2027.

It-tielet nett, ir-Rapporteur tipproponi li titjieb l-**istruttura tal-governanza**, ikun hemm definizzjoni ċara tal-governanza, u tintrabat mal-leġiżlazzjoni eżistenti.

Ir-Rapporteur tipproponi wkoll **koordinazzjoni** aħjar fost l-entitajiet differenti tal-Istati Membri responsabbli għaċ-ċibersigurtà biex joffru tarka ċibernetika komuni. Barra minn hekk, biex jiżdied il-kontribut tal-ENISA dwar il-koordinazzjoni u l-interazzjoni bejn l-atturi differenti tal-komunitajiet lokali.

Rigward ir-**riżerva ġdida taċ-ċibersigurtà,** ir-Rapporteur temmen li din għandha l-potenzjal li tiżviluppa kapaċitajiet industrijali fl-UE, inkluż għall-SMEs, b'investimenti fir-riċerka u l-innovazzjoni biex jiġu żviluppati teknoloġiji tal-ogħla livell, bħat-teknoloġiji tal-cloud u tal-

intelliġenza artifiċjali. Barra minn hekk, ir-Rapporteur tipproponi li tinżamm il-parteċipazzjoni tal-industrija, jissaħħu l-kriterji u l-fiduċja tal-parteċipazzjoni tagħha (jiġifieri billi tintrabat il-parteċipazzjoni tagħha ma' kumpanija nazzjonali jew lokali) billi jiġu ċċarati l-**kriterji** u d-definizzjoni ta' **sovranità teknoloġika** u li jiġi garantit bilanċ bejn atturi tal-UE u dawk mhux tal-UE. Barra minn hekk, ir-Rapporteur tipproponi **skema ta' ċertifikazzjoni għall-Mekkaniżmu ta' Emerġenza Ċibernetika** li tintuża għal fornituri privati biex tinbena sħubija fdata u fit-tul.

Rigward il-**mekkaniżmu ta' rieżami tal-inċidenti**, ir-Rapporteur tipproponi li jissaħħaħ ir-rwol tal-ENISA u tas-settur privat fl-SOCs, bil-garanziji u l-monitoraġġ xierqa, biex jiġi vvalidat jekk it-tagħlimiet meħuda identifikati humiex appoġġati wkoll mill-atturi fl-industrija. Barra minn hekk, ir-Rapporteur tipproponi li jiġu inklużi bħala tagħlimiet meħuda permezz tar-rieżamijiet bejn il-pari kif iddikjarat fid-Direttiva NIS2 u biex jiżdied il-finanzjament tal-ENISA li għandu fil-mira li jiżgura applikazzjoni effettiva tal-leġiżlazzjoni u protezzjoni adegwata biex jiġi indirizzat it-theddid għaċ-ċibersigurtà.

Barra minn hekk, din il-proposta minnha nnifisha għandha **dimensjoni esterna** rilevanti ħafna, billi l-pajjiżi terzi jistgħu jaċċessaw riżorsi u appoġġ mill-Att tal-UE dwar iċ-Ċibersolidarjetà, bl-użu tal-appoġġ għar-rispons għall-inċidenti mir-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE, u billi atturi mhux tal-UE mis-settur privat jibqgħu meħtieġa għar-riżerva ċibernetika. Id-dimensjoni esterna għandha tkun soġġetta wkoll għal skrutinju pubbliku, bil-parteċipazzjoni tas-setgħat leġiżlattivi biex jiġi garantit li ċ-ċittadini jkunu jistgħu jipparteċipaw fil-proċess. Iċ-ċibersigurtà għandha titqies bħala ġid pubbliku.

Barra minn hekk, pilastru ċentrali ta' din il-proposta huwa l-iżvilupp tal-ħiliet u tal-kompetenzi li għandu jmur lil hinn mis-sempliċi investiment fl-iżvilupp tal-għarfien, u jinvesti fl-aċċess għaċ-ċittadini kollha biex ikunu kapaċi jitħarrġu f'dawn il-ħiliet. Ir-Rapporteur tipproponi li tissaħħaħ ir-rabta mal-**Akkademja tal-UE għall-Ħiliet taċ-Ċibersigurtà**, li biħsiebha tagħlaq id-distakk fit-talent taċ-ċibersigurtà billi jitlaqqgħu l-inizjattivi privati ma' dawk pubbliċi u jiġu pprovduti taħriġ u ċertifikazzjoni liċ-ċittadini. It-tisħiħ se jeħtieġ salvagwardji biex jiġi evitat eżodu ta' mħuħ u ma jkunx ta' detriment għall-mobbiltà tal-forza tax-xogħol.

Barra minn hekk, ir-Rapporteur tipproponi li jsir investiment u jiġu inklużi miżuri attivi biex jiġu żviluppati ħiliet f'dan is-settur, billi l-2023 hija s-Sena Ewropea tal-Ħiliet, filwaqt li jiżdied l-għarfien taċ-ċittadini. Il-miżuri se jitfasslu sabiex l-investimenti ma joħolqux żbilanċi bejn l-Istati Membri, peress li d-domanda għolja attwali u l-pagi għoljin f'dan is-settur jistgħu jwasslu għal ċertu tip ta' eżodu ta' mħuħ lejn għażliet bl-aħjar paga.

Għal din ir-raġuni, ir-Rapporteur tipproponi tisħiħ tal-ħiliet u tal-kompetenzi speċjalizzati, interdixxiplinari u ġenerali madwar l-UE, b'enfasi speċjali fuq in-nisa, peress li d-differenza bejn il-ġeneri tippersisti fiċ-ċibersigurtà fejn il-preżenza globali medja tan-nisa hija ta' 20 %.[4] In-nisa jeħtiġilhom ikunu preżenti u parti mid-disinn tal-futur diġitali u tal-governanza tiegħu.

[4] Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Ġunju 2021 dwar it-tħeġġiġ tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-edukazzjoni u l-karrieri fl-oqsma tax-xjenza, tat-teknoloġija, tal-inġinerija u tal-matematika (STEM)

Barra minn hekk, ir-Rapporteur tipproponi li jissaħħaħ it-trijangolu bejn iċ-ċentri nazzjonali tal-kompetenza, iċ-Ċentru Ewropew ta' Kompetenza Industrijali, Teknoloġika u tar-Riċerka fil-qasam taċ-Ċibersigurtà (ECCC) u l-ENISA fl-iżvilupp tal-ħiliet u l-kompetenzi. Barra minn hekk, iż-żieda tar-rwol tal-**industrija** fl-**iżvilupp tal-ħiliet** u l-ħolqien ta' sħubijiet mal-**akkademja** u mal-atturi tas-soċjetà ċivili, li jgħoddu mal-esperjenza, mal-għarfien u mal-ispeċjalizzazzjoni reġjonali u mal-alleanzi mal-pajjiżi terzi, ma' sħab tal-istess fehma sabiex jiżdiedu l-iskambji u jiġi żgurat approċċ globali li jappoġġja ċ-ċittadini, in-negozji u l-istituzzjonijiet.

Ir-Rapporteur tipproponi wkoll li tiġi kondiviża l-kooperazzjoni fit-talent u l-kejl tal-ħsara tal-attakki ċibernetiċi fuq il-bnedmin (eż. l-impatt ta' attakk tar-ransomware fuq is-settur tas-saħħa).

Ir-Rapporteur tipproponi miżuri li jinkludu u jżidu s-sensibilizzazzjoni taċ-ċittadini mingħajr paniku żejjed, bħala miżura oħra li tiggarantixxi s-salvagwardja tad-demokraziji u tal-valuri fundamentali tagħna. Iż-żieda ta' **Kultura taċ-Ċibersigurtà** li tifhem is-sigurtà, inkluż dik tal-ambjent diġitali, bħala ġid pubbliku. B'dan il-mod se nkunu kapaċi niggarantixxu mudell ta' demokrazija diġitali, minflok wieħed ta' awtoritarjaniżmu diġitali, bi trasparenza, demokrazija, u biċ-ċertezza li l-iżvilupp ta' leġiżlazzjoni *ex ante* jista' jġib miegħu.

Barra minn hekk, ir-Rapporteur temmen li t-tisħiħ tar-**R&I** fiċ-ċibersigurtà se jżid ir-reżiljenza u l-awtonomija strateġika miftuħa tal-UE. Bl-istess mod, l-iżgurar tas-sinerġiji mal-programmi ta' riċerka u innovazzjoni u mal-istrumenti u mal-istituzzjonijiet eżistenti biex jissaħħaħ it-trijangolu ta' għarfien ħalli titnaqqas id-diskrepanza fil-ħiliet madwar l-UE.

Barra minn hekk, din il-leġiżlazzjoni se żżid ir-reżiljenza tal-UE u tal-Istati Membri tagħha, mhux biss b'mod dirett permezz tal-liġijiet dwar iċ-ċibersigurtà u r-reżiljenza ċibernetika, iżda wkoll bl-impatt li jista' jkollha fuq l-iżvilupp esponenzjali tal-intelliġenza artifiċjali u bl-impatt li r-regolazzjoni tad-data u l-privatezza tad-data jista' jkollhom fuq iċ-ċibersigurtà.

Barra minn hekk, din il-leġiżlazzjoni se tgħin biex jinkiseb l-impenn tad-**Dikjarazzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali għad-Deċennju Diġitali** marbut mal-protezzjoni tal-interessi tal-popli, tan-negozji u tal-istituzzjonijiet pubbliċi kontra r-riskji ċibernetiċi u ċ-ċiberkriminalità inkluż il-ksur tad-data u s-serq jew il-manipulazzjoni tal-identità.

Fid-dawl ta' dan, ir-Rapporteur temmen li din il-proposta għandha tkun operattiva malajr kemm jista' jkun, inkluż it-Tarka Ċibernetika Ewropea u l-Mekkaniżmu ta' Emerġenza Ċibernetika, biex ikun hemm qafas ġenerali u biex jiġu evitati diviżjonijiet fil-komunikazzjoni, minħabba li ċ-ċiberspazju ma għandux fruntieri.

---

(2019/2164(INI)) https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-9-2021-0296_MT.html#def_1_22

## ANNESS: LISTA TA’ ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊEVIET KONTRIBUT MINGĦANDHOM

F’konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta’ Proċedura, ir-rapporteur tiddikjara li rċeviet kontribut mill-entitajiet jew il-persuni li ġejjin fit-tħejjija tar-rapport, sal-adozzjoni tiegħu fil-kumitat:

| Entità u/jew persuna |
|---|
| CorwdStrike |
| CyberPeace institute |
| Microsoft Corporation |
| Romanian National Cyber Security Directorate |
| ENISA |
| Centro Criptológico Nacional |
| Permanent Representation of Spain |
| Trellix |
| Palo Alto Networks Inc |
| Committee of the regions rapporteur |

Il-lista ta’ hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur.

27.10.2023

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi miżuri li jsaħħu s-solidarjetà u l-kapaċitajiet fl-Unjoni tad-detezzjoni, it-tħejjija u r-rispons għat-theddid u l-inċidenti taċ-ċibersigurtà
(COM(2023/0209) – C9-0136/2023 – 2023/0109(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Dragoş Tudorache

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) Filwaqt li l-użu tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u d-dipendenza fuqhom saru aspetti fundamentali ta’ kull settur tal-attività ekonomika, l-amministrazzjonijiet pubbliċi, il-kumpaniji u ċ-ċittadini tagħna saru aktar interkonnessi u interdipendenti minn qatt qabel, kemm bejn is-setturi u anki bejn il-fruntieri. | (1) Filwaqt li l-użu tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u d-dipendenza fuqhom saru aspetti fundamentali ta’ kull settur tal-attività ekonomika ***kif ukoll militari***, l-amministrazzjonijiet pubbliċi, il-kumpaniji u ċ-ċittadini tagħna***, kif ukoll l-atturi militari u dawk fil-qasam tad-difiża*** saru aktar interkonnessi u interdipendenti minn qatt qabel, kemm bejn is-setturi u anki bejn il-fruntieri. |

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) Id-daqs, il-frekwenza u l-impatt tal-inċidenti taċ-ċibersigurtà qed jiżdiedu, inkluż l-attakki fil-katina tal-provvista maħsuba għal ċiberspjunaġġ, ransoware | (2) Id-daqs, il-frekwenza u l-impatt tal-inċidenti taċ-ċibersigurtà qed jiżdiedu, inkluż l-attakki fil-katina tal-provvista maħsuba għal ċiberspjunaġġ, ransoware |

jew tfixkil. Dawn jirrappreżentaw theddida kbira għall-funzjonament tas-sistemi tan-networks u tal-informazzjoni. Fid-dawl tax-xenarju tat-theddid li tant qed jevolvi malajr, it-theddid ta' inċidenti possibbli fuq skala kbira li jikkawżaw tfixkil sinifikanti jew ħsara lill-infrastrutturi kritiċi teżiġi tħejjija akbar f'kull livell tal-qafas taċ-ċibersigurtà tal-Unjoni. ***Dik it-theddida tmur*** lil hinn mill-aggressjoni militari Russa fl-Ukrajna, u aktarx ***tissokta*** minħabba l-għadd kbir ta' atturi allinjati mal-istat, kriminali u hacktivists involuti fit-tensjonijiet ġeopolitiċi attwali. Inċidenti bħal dawn jistgħu jxekklu l-forniment tas-servizzi pubbliċi u t-twettiq tal-attivitajiet ekonomiċi, inkluż fis-setturi kritiċi jew kritiċi ħafna, jiġġeneraw telf finanzjarju sostanzjali, jimminaw il-fiduċja tal-utenti, jikkawżaw ħsara kbira lill-ekonomija tal-Unjoni, u jistgħu jħallu wkoll konsegwenzi fuq is-saħħa jew li jipperikolaw il-ħajjiet. Barra minn hekk, l-inċidenti taċ-ċibersigurtà huma imprevedibbli għax spiss ifeġġu u jevolvu f'perjodi qosra ħafna, ma jkunux biss f'xi żona ġeografika speċifika, u jseħħu f'daqqa jew jinfirxu mill-ewwel f'ħafna pajjiżi.

jew tfixkil. Dawn jirrappreżentaw theddida kbira għall-funzjonament tas-sistemi tan-networks u tal-informazzjoni. Fid-dawl tax-xenarju tat-theddid li tant qed jevolvi malajr, it-theddid ta' inċidenti possibbli fuq skala kbira li jikkawżaw tfixkil sinifikanti jew ħsara lill-infrastrutturi kritiċi teżiġi tħejjija akbar f'kull livell tal-qafas taċ-ċibersigurtà tal-Unjoni. ***Il-gravità ta' dan it-theddid saret aktar rilevanti minħabba li rritornat il-gwerra fil-kontinent tagħna. Dan it-theddid imur*** lil hinn mill-aggressjoni militari Russa fl-Ukrajna, u aktarx ***jissokta*** minħabba l-għadd kbir ta' atturi allinjati mal-istat, kriminali u hacktivists involuti fit-tensjonijiet ġeopolitiċi attwali. Inċidenti bħal dawn jistgħu jxekklu l-forniment tas-servizzi pubbliċi u t-twettiq tal-attivitajiet ekonomiċi, inkluż fis-setturi kritiċi jew kritiċi ħafna, jiġġeneraw telf finanzjarju sostanzjali, jimminaw il-fiduċja tal-utenti, jikkawżaw ħsara kbira lill-ekonomija ***u lis-sigurtà*** tal-Unjoni, u jistgħu jħallu wkoll konsegwenzi fuq is-saħħa jew li jipperikolaw il-ħajjiet ***billi possibbilment jimminaw installazzjonijiet relatati mas-sigurtà lokali jew nazzjonali***. Barra minn hekk, l-inċidenti taċ-ċibersigurtà huma imprevedibbli għax spiss ifeġġu u jevolvu f'perjodi qosra ħafna, ma jkunux biss f'xi żona ġeografika speċifika, u jseħħu f'daqqa jew jinfirxu mill-ewwel f'ħafna pajjiżi. ***Iċ-ċibersigurtà hija importanti biex tipproteġi l-valuri Ewropej tagħna, u tiżgura l-funzjonament tad-demokraziji tagħna billi tipproteġi l-infrastruttura elettorali u l-proċeduri demokratiċi tagħna minn kwalunkwe interferenza barranija.***

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 2a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(2a) Iċ-ċibersigurtà hija kruċjali biex inżommu lill-Unjoni tagħha sikura u nipprevjenu lil atturi malizzjużi, statali u mhux statali, milli jimminaw id-demokrazija, l-ekonomija u s-sigurtà tagħna. Huwa meħtieġ li jiġi evitat xenarju frammentat peress li sitwazzjoni bħal din ma tirrappreżentax approċċ adegwat, b'mod partikolari meta tiġi ffaċċjata l-isfida ta' attakki ċibernetiċi futuri fuq skala kbira mmirati lejn diversi Stati Membri fl-istess ħin jew infrastruttura kritika transnazzjonali. Għalhekk, huwa meħtieġ korp tal-Unjoni li jaġixxi bħala pjattaforma ta' koordinazzjoni għall-istrumenti, il-fondi u l-mekkaniżmi kollha eżistenti u futuri taċ-ċibersigurtà.*** |

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) Jeħtieġ tissaħħaħ il-pożizzjoni kompetittiva tas-setturi tal-industrija u tas-servizzi fl-Unjoni fl-ekonomija diġitali kollha u li tiġi appoġġata t-trasformazzjoni diġitali tagħhom, billi jissaħħaħ il-livell taċ-ċibersigurtà fis-Suq Uniku Diġitali. Kif rakkomandat fi tliet proposti differenti tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa[16], jeħtieġ tiżdied ir-reżiljenza taċ-ċittadini, tan-negozji u tal-entitajiet li joperaw infrastrutturi kritiċi kontra t-theddid dejjem akbar taċ-ċibersigurtà, li jista' jkollu impatti soċjetali u ekonomiċi devastanti. Għalhekk, jeħtieġ isir investiment fl-infrastrutturi u fis-servizzi li se jappoġġaw id-detezzjoni u r-rispons aktar malajr għat-theddid u l-inċidenti taċ-ċibersigurtà, u l-Istati Membri jeħtieġu l-assistenza biex iħejju ruħhom u jirrispondu aħjar għall- | (3) Jeħtieġ tissaħħaħ il-pożizzjoni kompetittiva tas-setturi tal-industrija u tas-servizzi fl-Unjoni fl-ekonomija diġitali kollha u li tiġi appoġġata t-trasformazzjoni diġitali tagħhom, billi jissaħħaħ il-livell taċ-ċibersigurtà fis-Suq Uniku Diġitali. Kif rakkomandat fi tliet proposti differenti tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa[16], jeħtieġ tiżdied ir-reżiljenza taċ-ċittadini, tan-negozji u tal-entitajiet li joperaw infrastrutturi kritiċi kontra t-theddid dejjem akbar taċ-ċibersigurtà, li jista' jkollu impatti soċjetali u ekonomiċi devastanti. Għalhekk, jeħtieġ isir investiment fl-infrastrutturi u fis-servizzi li se jappoġġaw id-detezzjoni u r-rispons aktar malajr għat-theddid u l-inċidenti taċ-ċibersigurtà, u l-Istati Membri jeħtieġu l-assistenza biex iħejju ruħhom u jirrispondu aħjar għall- |

| | |
|---|---|
| inċidenti sinifikanti u fuq skala kbira taċ-ċibersigurtà. L-Unjoni jenħtieġ li żżid ukoll il-kapaċitajiet tagħha f'dawn l-oqsma, b'mod partikolari fir-rigward tal-ġbir u l-analiżi tad-data dwar it-theddid u l-inċidenti taċ-ċibersigurtà. | inċidenti sinifikanti u fuq skala kbira taċ-ċibersigurtà. L-Unjoni jenħtieġ li żżid ukoll il-kapaċitajiet tagħha f'dawn l-oqsma, b'mod partikolari fir-rigward tal-ġbir u l-analiżi tad-data dwar it-theddid u l-inċidenti taċ-ċibersigurtà***, kif ukoll il-kapaċità tagħha li taġixxi b'mod proattiv u tirreaġixxi b'mod deċiżiv għat-theddid u l-inċidenti taċ-ċibersigurtà***. |
| [16] https://futureu.europa.eu/mt/ | [16] https://futureu.europa.eu/mt/ |

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) L-Unjoni diġà ħadet għadd ta' miżuri biex tnaqqas il-vulnerabbiltajiet u żżid ir-reżiljenza tal-infrastrutturi u l-entitajiet kritiċi kontra r-riskji taċ-ċibersigurtà, b'mod partikolari d-Direttiva (UE) 2022/2555 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[17] , ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1584[18] , id-Direttiva 2013/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[19] u r-Regolament (UE) 2019/881 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[20] . Barra minn hekk, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar approċċ ikkoordinat għall-Unjoni kollha li jsaħħaħ ir-reżiljenza tal-infrastruttura kritika, tistieden lill-Istati Membri jieħdu miżuri urġenti u effettivi u jikkooperaw lealment, b'mod effiċjenti, bis-solidarjetà u b'mod ikkoordinat bejniethom, mal-Kummissjoni, ma' awtoritajiet pubbliċi rilevanti oħra, u mal-entitajiet ikkonċernati, biex isaħħu r-reżiljenza tal-infrastruttura kritika użata biex jingħataw servizzi essenzjali fis-suq intern. | (4) L-Unjoni diġà ħadet għadd ta' miżuri biex tnaqqas il-vulnerabbiltajiet u żżid ir-reżiljenza tal-infrastrutturi u l-entitajiet kritiċi kontra r-riskji taċ-ċibersigurtà, b'mod partikolari d-Direttiva (UE) 2022/2555 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[17] , ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1584[18] , id-Direttiva 2013/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[19] u r-Regolament (UE) 2019/881 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[20] . Barra minn hekk, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar approċċ ikkoordinat għall-Unjoni kollha li jsaħħaħ ir-reżiljenza tal-infrastruttura kritika, tistieden lill-Istati Membri jieħdu miżuri urġenti u effettivi u jikkooperaw lealment, b'mod effiċjenti***, u proattiv,*** bis-solidarjetà u b'mod ikkoordinat bejniethom, mal-Kummissjoni, ma' awtoritajiet pubbliċi rilevanti oħra, u mal-entitajiet ikkonċernati, biex isaħħu r-reżiljenza tal-infrastruttura kritika użata biex jingħataw servizzi essenzjali fis-suq intern. ***Barra minn hekk, l-Unjoni approvat u nediet il-Boxxla Strateġika*** |

***tagħha għas-Sigurtà u d-Difiża f'Marzu 2022, li tiffoka fost l-oħrajn fuq it-tisħiħ taċ-ċibersigurtà u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni internazzjonali ma' alleati tal-istess fehma u sħab demokratiċi speċjalment f'din il-kwistjoni. Lil hinn minn dan, iċ-ċibersigurtà kienet punt fokali tat-Tielet Dikjarazzjoni Konġunta reċenti dwar il-Kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO ta' Jannar 2023. B'mod partikolari, ir-rapport ta' valutazzjoni finali tat-task force tal-EU-NATO rrakkomanda li jsir użu sħiħ tas-sinerġiji bejn l-UE u n-NATO[1], inkluż l-iskambju tal-aħjar prattiki bejn l-atturi ċivili u militari dwar l-implimentazzjoni tal-politiki u l-leġiżlazzjoni rilevanti relatati maċ-ċibersigurtà.***

***[1] [https://commission.europa.eu/document/34209534-3c59-4b01-b4f0-b2c6ee2df736_mt](https://commission.europa.eu/document/34209534-3c59-4b01-b4f0-b2c6ee2df736_mt)***

[17] Id-Direttiva (UE) 2022/2555 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni kollha, li temenda r-Regolament (UE) Nru 910/2014 u d-Direttiva (UE) 2018/1972, u li tħassar id-Direttiva (UE) 2016/1148 (ĠU L 333, 27.12.2022).

[18] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1584 tat-13 ta' Settembru 2017 dwar Rispons Koordinat għal Inċidenti u Kriżijiet taċ-Ċibersigurtà fuq Skala Kbira (ĠU L 239, 19.9.2017, p. 36).

[19] Id-Direttiva 2013/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Awwissu 2013 dwar attakki kontra s-sistemi tal-informazzjoni u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2005/222/ĠAI (ĠU L 218, 14.8.2013, p. 8).

[20] Ir-Regolament (UE) 2019/881 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar l-ENISA (l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà) u dwar

[17] Id-Direttiva (UE) 2022/2555 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni kollha, li temenda r-Regolament (UE) Nru 910/2014 u d-Direttiva (UE) 2018/1972, u li tħassar id-Direttiva (UE) 2016/1148 (ĠU L 333, 27.12.2022).

[18] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1584 tat-13 ta' Settembru 2017 dwar Rispons Koordinat għal Inċidenti u Kriżijiet taċ-Ċibersigurtà fuq Skala Kbira (ĠU L 239, 19.9.2017, p. 36).

[19] Id-Direttiva 2013/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Awwissu 2013 dwar attakki kontra s-sistemi tal-informazzjoni u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2005/222/ĠAI (ĠU L 218, 14.8.2013, p. 8).

[20] Ir-Regolament (UE) 2019/881 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar l-ENISA (l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà) u dwar

iċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 526/2013 (l-Att dwar iċ-Ċibersigurtà) (ĠU L 151, 7.6.2019, p. 15).

iċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 526/2013 (l-Att dwar iċ-Ċibersigurtà) (ĠU L 151, 7.6.2019, p. 15).

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) Il-Komunikazzjoni Konġunta dwar il-Politika tal-UE dwar iċ-Ċiberdifiża[22] adottata fl-10 ta' Novembru 2022 ħabbret Inizjattiva tal-UE għaċ-Ċibersolidarjetà bl-objettivi li: jissaħħu l-kapaċitajiet komuni tal-UE tad-detezzjoni, l-għarfien sitwazzjonali u r-rispons billi jiġi promoss l-użu ta' infrastruttura tal-UE taċ-Ċentri tal-Operazzjonijiet tas-Sigurtà ("SOCs"), jiġi appoġġat it-tiswir gradwali ta' riżerva taċ-ċibersigurtà fil-livell tal-UE b'servizzi mingħand fornituri privati fdati, u jsir ittestjar tal-entitajiet kritiċi għal vulnerabbiltajiet potenzjali abbażi ta' valutazzjonijiet tar-riskju tal-UE. | (6) Il-Komunikazzjoni Konġunta dwar il-Politika tal-UE dwar iċ-Ċiberdifiża[22] adottata fl-10 ta' Novembru 2022 ħabbret Inizjattiva tal-UE għaċ-Ċibersolidarjetà bl-objettivi li: jissaħħu l-kapaċitajiet komuni tal-UE tad-detezzjoni, l-għarfien sitwazzjonali u r-rispons billi jiġi promoss l-użu ta' infrastruttura tal-UE taċ-Ċentri tal-Operazzjonijiet tas-Sigurtà ("SOCs"), jiġi appoġġat it-tiswir gradwali ta' riżerva taċ-ċibersigurtà fil-livell tal-UE b'servizzi mingħand fornituri privati fdati, u jsir ittestjar tal-entitajiet kritiċi għal vulnerabbiltajiet potenzjali abbażi ta' valutazzjonijiet tar-riskju tal-UE. ***Barra minn hekk, ix-xenarju tat-theddid ċibernetiku li qed jevolvi malajr u l-pass mgħaġġel tal-iżvilupp teknoloġiku juru wkoll il-ħtieġa għal koordinazzjoni u kooperazzjoni ċivili militari msaħħa, kif enfasizzat mill-Kunsill fil-Konklużjonijiet tiegħu dwar il-Politika tal-UE dwar iċ-Ċiberdifiża[1].*** <br> ***[1] Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Politika tal-UE dwar iċ-Ċiberdifiża approvati mill-Kunsill fil-laqgħa tiegħu tat-22 ta' Mejju 2023, (9618/23)*** |

[22] Il-Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill – Politika tal-UE dwar iċ-Ċiberdifiża,

[22] Il-Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill – Politika tal-UE dwar iċ-Ċiberdifiża,

| | |
|---|---|
| JOIN/2022/49 final. | JOIN/2022/49 final. |

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 6a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(6a) Minħabba li ma hemmx distinzjoni ċara bejn l-isferi ta' kwistjonijiet ċivili u dawk militari u n-natura ta' użu doppju tal-għodod u t-teknoloġiji ċibernetiċi, hemm ħtieġa għal approċċ komprensiv u olistiku għad-dominju diġitali. F'każ ta' kriżi u inċidenti ċibernetiċi fuq skala kbira li jinvolvu aktar minn Stat Membru wieħed, jenħtieġ li jiġu stabbiliti ġestjoni tal-kriżi u governanza xierqa. Jenħtieġ li dawn l-istrutturi jorganizzaw skambju ta' informazzjoni, koordinazzjoni u kooperazzjoni mal-istrutturi tas-sigurtà esterna u l-ġestjoni ta' kriżijiet militari tal-Unjoni u l-korpi tal-Istati Membri inkarigati mis-sigurtà u d-difiża (il-komunità taċ-ċiberdifiża). Dan jenħtieġ li japplika wkoll għall-operazzjonijiet u l-missjonijiet tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni mmexxija mill-Unjoni biex tiżgura l-paċi u l-istabbiltà fil-viċinat tagħha u lil hinn minnu.*** |

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) Jeħtieġ jissaħħu d-detezzjoni u l-għarfien sitwazzjonali tat-theddid u l-inċidenti ċibernetiċi madwar l-Unjoni u jeħtieġ tissaħħaħ is-solidarjetà billi jiżdiedu t-tħejjija u l-kapaċitajiet tal-Istati Membri u tal-Unjoni li jirrispondu għall-inċidenti taċ-ċibersigurtà sinifikanti u fuq skala kbira. Għalhekk, jenħtieġ li tintuża infrastruttura | (7) Jeħtieġ jissaħħu d-detezzjoni u l-għarfien sitwazzjonali tat-theddid u l-inċidenti ċibernetiċi madwar l-Unjoni u jeħtieġ tissaħħaħ is-solidarjetà billi jiżdiedu t-tħejjija u l-kapaċitajiet tal-Istati Membri u tal-Unjoni li jirrispondu għall-inċidenti taċ-ċibersigurtà sinifikanti u fuq skala kbira. Għalhekk, jenħtieġ li tintuża infrastruttura |

| | |
|---|---|
| pan-Ewropea tal-SOCs (it-Tarka Ċibernetika Ewropea) biex jinbnew u jittejbu l-kapaċitajiet komuni tad-detezzjoni u tal-għarfien sitwazzjonali; jenħtieġ li jiġi stabbilit Mekkaniżmu ta' Emerġenza taċ-Ċibersigurtà li jappoġġa lill-Istati Membri fit-tħejjija, fir-rispons, u fl-irkupru immedjat mill-inċidenti taċ-ċibersigurtà sinifikanti u fuq skala kbira; jenħtieġ li jiġi stabbilit Mekkaniżmu ta' Rieżami tal-Inċidenti taċ-Ċibersigurtà li jirrieżamina u jivvaluta inċidenti speċifiċi sinifikanti jew fuq skala kbira. Dawn l-azzjonijiet għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE"). | pan-Ewropea tal-SOCs (it-Tarka Ċibernetika Ewropea) biex jinbnew u jittejbu l-kapaċitajiet komuni tad-detezzjoni u tal-għarfien sitwazzjonali; jenħtieġ li jiġi stabbilit Mekkaniżmu ta' Emerġenza taċ-Ċibersigurtà li jappoġġa lill-Istati Membri fit-tħejjija, fir-rispons, u fl-irkupru immedjat mill-inċidenti taċ-ċibersigurtà sinifikanti u fuq skala kbira***, inklużi l-inċidenti li jinvolvu aktar minn Stat Membru wieħed. Meta jkun fattibbli u meħtieġ, jenħtieġ li Mekkaniżmu ta' Emerġenza taċ-Ċibersigurtà jorganizza l-kondiviżjoni tal-informazzjoni u l-kooperazzjoni mal-awtoritajiet tad-difiża tal-Istati Membri u bl-appoġġ tal-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE (il-komunità taċ-ċiberdifiża tal-UE)***; jenħtieġ li jiġi stabbilit Mekkaniżmu ta' Rieżami tal-Inċidenti taċ-Ċibersigurtà li jirrieżamina u jivvaluta inċidenti speċifiċi sinifikanti jew fuq skala kbira. ***Tali strutturi ġodda jenħtieġ li jappoġġaw ukoll l-operazzjonijiet u l-missjonijiet tal-PSDK tal-UE***. Dawn l-azzjonijiet għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE"). |

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (11) Għall-finijiet tal-ġestjoni finanzjarja tajba, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli speċifiċi għat-trasferiment tal-approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament mhux użati. Filwaqt li jirrispetta l-prinċipju li l-baġit tal-Unjoni jiġi stabbilit kull sena, dan ir-Regolament jenħtieġ li, minħabba n-natura imprevedibbli, eċċezzjonali u speċifika tax-xenarju taċ- | (11) Għall-finijiet tal-ġestjoni finanzjarja tajba, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli speċifiċi għat-trasferiment tal-approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament mhux użati. Filwaqt li jirrispetta l-prinċipju li l-baġit tal-Unjoni jiġi stabbilit kull sena, dan ir-Regolament jenħtieġ li, minħabba n-natura imprevedibbli, eċċezzjonali u speċifika tax-xenarju taċ- |

ċibersigurtà, jipprevedi possibbiltajiet għal riportar ta' fondi mhux użati lil hinn minn dawk stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju, u b'hekk tiġi massimizzata l-kapaċità tal-Mekkaniżmu ta' Emerġenza taċ-Ċibersigurtà li jappoġġa lill-Istati Membri għal ġlieda effettiva kontra t-theddid ċibernetiku.

ċibersigurtà, jipprevedi possibbiltajiet għal riportar ta' fondi mhux użati lil hinn minn dawk stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju, u b'hekk tiġi massimizzata l-kapaċità tal-Mekkaniżmu ta' Emerġenza taċ-Ċibersigurtà li jappoġġa lill-Istati Membri għal ġlieda effettiva kontra t-theddid ċibernetiku. ***Dawn ir-regoli speċifiċi jippermettu wkoll appoġġ finanzjarju itwal għall-akkwist konġunt ta' għodod u infrastruttura ultrasikuri tal-ġenerazzjoni li jmiss, biex itejbu kapaċitajiet ta' detezzjoni kollettivi billi tintuża l-aħħar intelliġenza artifiċjali (IA) u analitika tad-data.***

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (13) Kull Stat Membru jenħtieġ li jiddeżinja korp pubbliku fil-livell nazzjonali inkarigat mill-koordinazzjoni tal-attivitajiet tad-detezzjoni tat-theddid ċibernetiku f'dak l-Istat Membru. Dawk l-SOCs nazzjonali jenħtieġ li jaġixxu bħala punt ta' referenza u portal fil-livell nazzjonali għall-parteċipazzjoni fit-Tarka Ċibernetika Ewropea u jenħtieġ li jiżguraw li l-informazzjoni dwar it-theddid ċibernetiku minn entitajiet pubbliċi u privati tiġi kondiviża u miġbura fil-livell nazzjonali b'mod effettiv u simplifikat. | (13) Kull Stat Membru jenħtieġ li jiddeżinja korp pubbliku fil-livell nazzjonali inkarigat mill-koordinazzjoni tal-attivitajiet tad-detezzjoni tat-theddid ċibernetiku f'dak l-Istat Membru. Dawk l-SOCs nazzjonali jenħtieġ li jaġixxu bħala punt ta' referenza u portal fil-livell nazzjonali għall-parteċipazzjoni fit-Tarka Ċibernetika Ewropea u jenħtieġ li jiżguraw li l-informazzjoni dwar it-theddid ċibernetiku minn entitajiet pubbliċi u privati tiġi kondiviża u miġbura fil-livell nazzjonali b'mod effettiv u simplifikat. ***Meta fattibbli u meħtieġ, jenħtieġ li s-SOCs jippermettu wkoll il-parteċipazzjoni ta' entitajiet ta' difiża, billi jistabbilixxu "pilastru ta' difiża" f'termini ta' governanza u tip ta' informazzjoni kondiviża, kif stabbilit fil-Komunikazzjoni Konġunta dwar il-Politika tal-UE u ċ-Ċiberdifiża[1] u appoġġata mir-Rappreżentant Għoli.*** <br><br> ***[1] Il-Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill –*** |

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (14) Bħala parti mit-Tarka Ċibernetika Ewropea, jenħtieġ li jiġu stabbiliti għadd ta' Ċentri Transfruntieri tal-Operazzjonijiet taċ-Ċibersigurtà ("SOCs transfruntieri"). Dawn jenħtieġ li jiġbru flimkien lil SOCs Nazzjonali minn tal-anqas tliet Stati Membri, biex il-benefiċċji transfruntieri tad-detezzjoni tat-theddid u tal-kondiviżjoni u l-ġestjoni tal-informazzjoni jinħatfu kollha kemm huma. L-objettiv ġenerali tal-SOCs transfruntieri jenħtieġ li jkun li jissaħħu l-kapaċitajiet biex jiġu analizzati, evitati u identifikati t-theddidiet taċ-ċibersigurtà u li tiġi appoġġata l-produzzjoni ta' intelligence ta' kwalità għolja dwar it-theddid taċ-ċibersigurtà, b'mod partikolari bil-kondiviżjoni ta' data minn diversi sorsi, pubbliċi jew privati, u ***bil-kondiviżjoni*** u l-użu konġunt ta' għodod mill-aktar avvanzati, u l-iżvilupp konġunt ta' kapaċitajiet tad-detezzjoni, tal-analiżi u tal-prevenzjoni f'ambjent fdat. Jenħtieġ li jipprovdu kapaċità addizzjonali ġdida, filwaqt li jibnu fuq u jikkumplimentaw lill-SOCs eżistenti u lit-timijiet ta' rispons għal inċidenti relatati mal-kompjuter ("CSIRTs") u atturi rilevanti oħra. | (14) Bħala parti mit-Tarka Ċibernetika Ewropea, jenħtieġ li jiġu stabbiliti għadd ta' Ċentri Transfruntieri tal-Operazzjonijiet taċ-Ċibersigurtà ("SOCs transfruntieri"). Dawn jenħtieġ li jiġbru flimkien lil SOCs Nazzjonali minn tal-anqas tliet Stati Membri, ***inkluż "pilastru ta' difiża",*** biex il-benefiċċji transfruntieri tad-detezzjoni tat-theddid u tal-kondiviżjoni u l-ġestjoni tal-informazzjoni jinħatfu kollha kemm huma. L-objettiv ġenerali tal-SOCs transfruntieri jenħtieġ li jkun li jissaħħu l-kapaċitajiet biex jiġu analizzati, evitati u identifikati t-theddidiet taċ-ċibersigurtà u li tiġi appoġġata l-produzzjoni ta' intelligence ta' kwalità għolja dwar it-theddid taċ-ċibersigurtà, b'mod partikolari bil-kondiviżjoni ta' data minn diversi sorsi, pubbliċi jew privati ***u***, ***meta meħtieġ*** u ***fattibbli, sorsi militari b'biżżejjed gwida għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni, kif ukoll permezz tal-kondiviżjoni*** u l-użu konġunt ta' għodod mill-aktar avvanzati, u l-iżvilupp konġunt ta' kapaċitajiet tad-detezzjoni, tal-analiżi u tal-prevenzjoni f'ambjent fdat. Jenħtieġ li jipprovdu kapaċità addizzjonali ġdida, filwaqt li jibnu fuq u jikkumplimentaw lill-SOCs eżistenti u lit-timijiet ta' rispons għal inċidenti relatati mal-kompjuter ("CSIRTs") u atturi rilevanti oħra. |

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 15**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (15) Fil-livell nazzjonali, il-monitoraġġ, id-detezzjoni u l-analiżi tat-theddid ċibernetiku tipikament ikunu żgurati mill-SOCs tal-entitajiet pubbliċi u privati, flimkien mas-CSIRTs. Barra minn hekk, is-CSIRTs jiskambjaw informazzjoni fil-kuntest tan-network tas-CSIRTs, f'konformità mad-Direttiva (UE) 2022/2555. Jenħtieġ li l-SOCs transfruntieri jikkostitwixxu kapaċità ġdida li tkun tikkumplimenta lin-network tas-CSIRTs, billi jiġbru u jaqsmu data dwar it-theddid taċ-ċibersigurtà minn entitajiet pubbliċi u privati, itejbu l-valur ta' din id-data b'analiżi esperta u b'infrastrutturi u għodod mill-aktar avvanzati akkwistati b'mod konġunt, u jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-kapaċitajiet u ***s-sovranità teknoloġika*** tal-Unjoni. | (15) Fil-livell nazzjonali, il-monitoraġġ, id-detezzjoni u l-analiżi tat-theddid ċibernetiku tipikament ikunu żgurati mill-SOCs tal-entitajiet pubbliċi u privati, flimkien mas-CSIRTs. Barra minn hekk, is-CSIRTs jiskambjaw informazzjoni fil-kuntest tan-network tas-CSIRTs, f'konformità mad-Direttiva (UE) 2022/2555. Jenħtieġ li l-SOCs transfruntieri jikkostitwixxu kapaċità ġdida li tkun tikkumplimenta lin-network tas-CSIRTs, billi jiġbru u jaqsmu data dwar it-theddid taċ-ċibersigurtà minn entitajiet pubbliċi u privati, itejbu l-valur ta' din id-data b'analiżi esperta u b'infrastrutturi u għodod mill-aktar avvanzati akkwistati b'mod konġunt, u jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-kapaċitajiet u ***r-reżiljenza*** tal-Unjoni. |

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 16**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (16) L-SOCs transfruntieri jenħtieġ li jaġixxu bħala punt ċentrali li jippermetti ġbir wiesa' ta' data u intelligence dwar it-theddid ċibernetiku rilevanti, jippermetti t-tixrid tal-informazzjoni dwar it-theddid fost sett kbir u varjat ta' atturi (eż., Skwadri tar-Rispons f'Emerġenza Relatata mal-Kompjuters ("CERTs"), is-CSIRTs, iċ-Ċentri tal-Kondiviżjoni tal-Informazzjoni u Analiżi ("ISACs"), operaturi tal-infrastrutturi kritiċi). L-informazzjoni skambjata fost il-parteċipanti f'SOC transfruntier tista' tinkludi data minn networks u sensuri, | (16) L-SOCs transfruntieri jenħtieġ li jaġixxu bħala punt ċentrali li jippermetti ġbir wiesa' ta' data u intelligence dwar it-theddid ċibernetiku rilevanti, jippermetti t-tixrid tal-informazzjoni dwar it-theddid fost sett kbir u varjat ta' atturi (eż., Skwadri tar-Rispons f'Emerġenza Relatata mal-Kompjuters ("CERTs"), is-CSIRTs, iċ-Ċentri tal-Kondiviżjoni tal-Informazzjoni u Analiżi ("ISACs"), operaturi tal-infrastrutturi kritiċi***, kif ukoll il-komunità taċ-ċiberdifiża***). L-informazzjoni skambjata fost il-parteċipanti f'SOC transfruntier tista' |

| | |
|---|---|
| aġġornamenti tal-intelligence tat-theddid, indikaturi ta’ kompromess, u informazzjoni kuntestalizzata dwar inċidenti, theddid u vulnerabbiltajiet. Barra minn hekk, l-SOCs transfruntieri jenħtieġ li jagħmlu wkoll ftehimiet tal-kooperazzjoni ma’ SOCs transfruntieri oħra. | tinkludi data minn networks u sensuri, aġġornamenti tal-intelligence tat-theddid, indikaturi ta’ kompromess, u informazzjoni kuntestalizzata dwar inċidenti, theddid u vulnerabbiltajiet. Barra minn hekk, l-SOCs transfruntieri jenħtieġ li jagħmlu wkoll ftehimiet tal-kooperazzjoni ma’ SOCs transfruntieri oħra ***u network operazzjonali għall-milCERTs (MICNET) meta jkun stabbilit***. |

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 17**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (17) L-għarfien sitwazzjonali kondiviż fost l-awtoritajiet rilevanti hu prerekwiżit indispensabbli għat-tħejjija u l-koordinazzjoni fl-Unjoni kollha rigward l-inċidenti taċ-ċibersigurtà sinifikanti u fuq skala kbira. Id-Direttiva (UE) 2022/2555 tistabbilixxi l-EU-CyCLONe biex tappoġġa l-ġestjoni koordinata tal-inċidenti u l-kriżijiet taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira fil-livell operazzjonali u biex tiżgura l-iskambju regolari tal-informazzjoni rilevanti bejn l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-Unjoni. Ir-Rakkomandazzjoni (UE) 2017/1584 dwar ir-rispons ikkoordinat għall-inċidenti u l-kriżijiet taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira tindirizza r-rwol tal-atturi rilevanti kollha. Id-Direttiva (UE) 2022/2555 tfakkar ukoll ir-responsabbiltajiet tal-Kummissjoni fil-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (“UCPM”) stabbilit bid-Deċiżjoni 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u tipprovdi rapporti analitiċi għall-arranġamenti tal-Mekkaniżmu Integrat tar-Rispons għall-Kriżijiet Politiċi (“IPCR”) skont id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni (UE) 2018/1993. | (17) L-għarfien sitwazzjonali kondiviż fost l-awtoritajiet rilevanti hu prerekwiżit indispensabbli għat-tħejjija u l-koordinazzjoni fl-Unjoni kollha rigward l-inċidenti taċ-ċibersigurtà sinifikanti u fuq skala kbira. Id-Direttiva (UE) 2022/2555 tistabbilixxi l-EU-CyCLONe biex tappoġġa l-ġestjoni koordinata tal-inċidenti u l-kriżijiet taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira fil-livell operazzjonali u biex tiżgura l-iskambju regolari tal-informazzjoni rilevanti bejn l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-Unjoni. Ir-Rakkomandazzjoni (UE) 2017/1584 dwar ir-rispons ikkoordinat għall-inċidenti u l-kriżijiet taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira tindirizza r-rwol tal-atturi rilevanti kollha. Id-Direttiva (UE) 2022/2555 tfakkar ukoll ir-responsabbiltajiet tal-Kummissjoni fil-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (“UCPM”) stabbilit bid-Deċiżjoni 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u tipprovdi rapporti analitiċi għall-arranġamenti tal-Mekkaniżmu Integrat tar-Rispons għall-Kriżijiet Politiċi (“IPCR”) skont id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni (UE) 2018/1993. |

| | |
|---|---|
| Għalhekk, meta l-SOCs transfruntieri jiksbu informazzjoni relatata ma' inċident potenzjali jew attwali taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira, dawn jenħtieġ li jipprovdu informazzjoni rilevanti lill-EU-CyCLONe, lin-network tas-CSIRTs u lill-Kummissjoni. B'mod partikolari, skont is-sitwazzjoni, l-informazzjoni li trid tiġi kondiviża tista' tinkludi informazzjoni teknika, informazzjoni dwar in-natura u l-motivi tal-aggressur jew tal-aggressur potenzjali, u informazzjoni mhux teknika ta' livell ogħla dwar inċident taċ-ċibersigurtà potenzjali jew attwali fuq skala kbira. F'dan il-kuntest, jenħtieġ li tingħata attenzjoni xierqa lill-prinċipju tal-ħtieġa ta' għarfien u lin-natura potenzjalment sensittiva tal-informazzjoni kondiviża. | Għalhekk, meta l-SOCs transfruntieri jiksbu informazzjoni relatata ma' inċident potenzjali jew attwali taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira, dawn jenħtieġ li jipprovdu informazzjoni rilevanti lill-EU-CyCLONe, lin-network tas-CSIRTs***, lill-komunità taċ-ċiberdifiża*** u lill-Kummissjoni. B'mod partikolari, skont is-sitwazzjoni, l-informazzjoni li trid tiġi kondiviża tista' tinkludi informazzjoni teknika, informazzjoni dwar in-natura u l-motivi tal-aggressur jew tal-aggressur potenzjali, u informazzjoni mhux teknika ta' livell ogħla dwar inċident taċ-ċibersigurtà potenzjali jew attwali fuq skala kbira. F'dan il-kuntest, jenħtieġ li tingħata attenzjoni xierqa lill-prinċipju tal-ħtieġa ta' għarfien u lin-natura potenzjalment sensittiva tal-informazzjoni kondiviża. |

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 19**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (19) Biex ikun jista' jsir l-iskambju tad-data dwar it-theddid taċ-ċibersigurtà minn diversi sorsi, bi skala kbira u f'ambjent fdat, l-entitajiet li jieħdu sehem fit-Tarka Ċibernetika Ewropea jenħtieġ li jkunu attrezzati b'għodod, tagħmir u infrastrutturi mill-aktar avvanzati u siguri. B'hekk jenħtieġ li jkunu jistgħu jittejbu l-kapaċitajiet kollettivi tad-detezzjoni u tat-twissijiet fil-ħin lill-awtoritajiet u lill-entitajiet rilevanti, b'mod partikolari billi jintużaw l-aktar teknoloġiji riċenti tal-intelliġenza artifiċjali (AI) u tal-analitika tad-data. | (19) Biex ikun jista' jsir l-iskambju tad-data dwar it-theddid taċ-ċibersigurtà minn diversi sorsi, bi skala kbira u f'ambjent fdat, l-entitajiet li jieħdu sehem fit-Tarka Ċibernetika Ewropea jenħtieġ li jkunu attrezzati b'għodod, tagħmir u infrastrutturi mill-aktar avvanzati u siguri***, minbarra l-fornituri b'riskju għoli ta' prodotti kritiċi b'elementi diġitali***. B'hekk jenħtieġ li jkunu jistgħu jittejbu l-kapaċitajiet kollettivi tad-detezzjoni u tat-twissijiet fil-ħin lill-awtoritajiet u lill-entitajiet rilevanti, b'mod partikolari billi jintużaw l-aktar teknoloġiji riċenti tal-intelliġenza artifiċjali (AI) u tal-analitika tad-data. ***Jenħtieġ li tiġi prevista sorveljanza umana meta tintuża l-IA, u jenħtieġ li jiġi żgurat livell suffiċjenti ta' litteriżmu fl-IA, u jenħtieġ li jiġu żgurati l-appoġġ u l-awtorità meħtieġa biex tiġi eżerċitata dik il-*** |

*funzjoni.*

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 19a (ġdida)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(19a) F'konformità mar-Regolament [XX/XXXX (Att dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika)], l-entitajiet li jieħdu sehem fit-Tarka Ċibernetika Ewropea jenħtieġ li jkopru wkoll ir-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament għall-prodotti kollha b'elementi diġitali. Minħabba r-riskji dejjem akbar mid-dipendenzi ekonomiċi, huwa meħtieġ li jiġi mminimizzat l-esponiment għal fornituri b'riskju għoli ta' prodotti kritiċi, permezz ta' qafas strateġiku komuni għas-sigurtà ekonomika tal-UE. Dipendenzi fuq fornituri b'riskju għoli ta' prodotti kritiċi b'elementi diġitali joħolqu riskju strateġiku li jenħtieġ li jiġi indirizzat fil-livell tal-Unjoni, b'mod partikolari jekk pajjiż jinvolvix ruħu fi spjunaġġ ekonomiku jew koerċizzjoni ekonomika u l-leġiżlazzjoni tiegħu tobbliga aċċess arbitrarju għal kwalunkwe tip ta' operazzjonijiet jew data tal-kumpaniji, speċjalment meta l-prodotti kritiċi huma maħsuba għall-użu minn entitajiet essenzjali msemmija fid-Direttiva (UE) 2022/2555.*** |

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 20**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (20) Bil-ġbir, bil-kondiviżjoni u bl-iskambju tad-data, it-Tarka Ċibernetika | (20) Bil-ġbir, bil-kondiviżjoni u bl-iskambju tad-data, it-Tarka Ċibernetika |

Ewropea jenħtieġ li ttejjeb is-sovranità teknoloġika tal-Unjoni. Il-ġbir flimkien ta' data mirquma ta' kwalità għolja jenħtieġ li jikkontribwixxi wkoll għall-iżvilupp ta' teknoloġiji avvanzati tal-intelliġenza artifiċjali (AI) u tal-analitika tad-data. Dan jenħtieġ li jiġi ffaċilitat bil-konnessjoni tat-Tarka Ċibernetika Ewropea mal-infrastruttura pan-Ewropea tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja stabbilita bir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/1173[25] .

[25] Ir-Regolament tal-Kunsill (EU) 2021/1173 tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-istabbiliment tal-Impriża Konġunta għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew u li jħassar ir-Regolament (UE) 2018/1488 (ĠU L 256, 19.7.2021, p. 3).

Ewropea jenħtieġ li ttejjeb is-sovranità teknoloġika tal-Unjoni***, l-awtonomija strateġika, il-kompetittività u r-reżiljenza tagħha***. Il-ġbir flimkien ta' data mirquma ta' kwalità għolja jenħtieġ li jikkontribwixxi wkoll għall-iżvilupp ta' teknoloġiji avvanzati tal-intelliġenza artifiċjali (AI) u tal-analitika tad-data. Dan jenħtieġ li jiġi ffaċilitat bil-konnessjoni tat-Tarka Ċibernetika Ewropea mal-infrastruttura pan-Ewropea tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja stabbilita bir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/1173[25] .

[25] Ir-Regolament tal-Kunsill (EU) 2021/1173 tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-istabbiliment tal-Impriża Konġunta għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew u li jħassar ir-Regolament (UE) 2018/1488 (ĠU L 256, 19.7.2021, p. 3).

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 25**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(25) Il-Mekkaniżmu ta' Emerġenza Ċibernetika jenħtieġ li jipprovdi appoġġ lill-Istati Membri li jkun jikkumplimenta l-miżuri u r-riżorsi proprji tagħhom, u jagħti alternattivi ta' appoġġ eżistenti oħra fejn jidħlu r-rispons u l-irkupru immedjati mill-inċidenti taċ-ċibersigurtà sinifikanti u fuq skala kbira, bħas-servizzi provduti mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà ("ENISA") f'konformità mal-mandat tagħha, ir-rispons ikkoordinat u l-assistenza min-network tas-CSIRTs, l-appoġġ tal-mitigazzjoni mill-EU-CyCLONe, u l-assistenza reċiproka bejn l-Istati Membri inkluż fil-kuntest tal-Artikolu 42(7) tat-TUE, it-Timijiet tar-Rispons Rapidu Ċibernetiku ***tal-PESCO26*** u t-Timijiet Ibridi tar-Rispons Rapidu. Jenħtieġ li dan jindirizza l-ħtieġa li tkun

*Emenda*

(25) Il-Mekkaniżmu ta' Emerġenza Ċibernetika jenħtieġ li jipprovdi appoġġ lill-Istati Membri li jkun jikkumplimenta l-miżuri u r-riżorsi proprji tagħhom, u jagħti alternattivi ta' appoġġ eżistenti oħra fejn jidħlu r-rispons u l-irkupru immedjati mill-inċidenti taċ-ċibersigurtà sinifikanti u fuq skala kbira, bħas-servizzi provduti mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà ("ENISA") f'konformità mal-mandat tagħha, ir-rispons ikkoordinat u l-assistenza min-network tas-CSIRTs, l-appoġġ tal-mitigazzjoni mill-EU-CyCLONe, u l-assistenza reċiproka bejn l-Istati Membri inkluż fil-kuntest tal-Artikolu 42(7) tat-TUE, it-Timijiet tar-Rispons Rapidu Ċibernetiku ***tal-PESCO[1], il-proġett il-ġdid PESCO ta' Ċentru ta' Koordinazzjoni tal-Qasam***

| | |
|---|---|
| żgurata d-disponibbiltà ta' mezzi speċjalizzati li jappoġġaw it-tħejjija u r-rispons għall-inċidenti taċ-ċibersigurtà madwar l-Unjoni u fil-pajjiżi terzi. | ***Ċibernetiku u tal-Informazzjoni (CIDCC) u s-suċċessur propost tiegħu, iċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni tal-UE għaċ-Ċiberdifiża (EUCDCC),*** u t-Timijiet Ibridi tar-Rispons Rapidu. Jenħtieġ li dan jindirizza l-ħtieġa li tkun żgurata d-disponibbiltà ta' mezzi speċjalizzati li jappoġġaw it-tħejjija u r-rispons għall-inċidenti taċ-ċibersigurtà madwar l-Unjoni u fil-pajjiżi terzi***, speċjalment dawk il-pajjiżi kandidati tal-UE allinjati mal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni u mal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni tal-UE, filwaqt li dawn jingħataw appoġġ fil-bini tal-kapaċitajiet ċibernetiċi tagħhom u tittejjeb il-kooperazzjoni transfruntiera u reġjonali fost dawk il-pajjiżi kandidati fil-qasam ċibernetiku*. |
| | ***[1] ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2017/2315 tal-11 ta' Diċembru 2017 li tistabbilixxi kooperazzjoni strutturata permanenti (PESCO) u li tiddetermina l-lista ta' Stati Membri parteċipanti.*** |
| [26] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/2315 tal-11 ta' Diċembru 2017 li tistabbilixxi kooperazzjoni strutturata permanenti (PESCO) u li tiddetermina l-lista ta' Stati Membri parteċipanti. | [26] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/2315 tal-11 ta' Diċembru 2017 li tistabbilixxi kooperazzjoni strutturata permanenti (PESCO) u li tiddetermina l-lista ta' Stati Membri parteċipanti. |

**Emenda 19**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 26**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (26) Dan l-istrument hu mingħajr preġudizzju għall-proċeduri u l-oqfsa għall-koordinazzjoni tar-rispons għall-kriżijiet fil-livell tal-Unjoni, b'mod partikolari l-UCPM[27] , l-IPCR[28] , u d-Direttiva (UE) 2022/2555. Dan jista' | (26) Dan l-istrument hu mingħajr preġudizzju għall-proċeduri u l-oqfsa għall-koordinazzjoni tar-rispons għall-kriżijiet fil-livell tal-Unjoni, b'mod partikolari l-UCPM[27] , l-IPCR[28] , u d-Direttiva (UE) 2022/2555. Dan jista' |

| | |
|---|---|
| jikkumplimenta jew jikkontribwixxi għall-azzjonijiet implimentati fil-kuntest tal-Artikolu 42(7) tat-TUE jew fis-sitwazzjonijiet definiti fl-Artikolu 222 tat-TFUE. L-użu ta' dan l-istrument jenħtieġ li jkun ikkoordinat ukoll mal-implimentazzjoni tal-miżuri tas-Sett ta' Għodod tad-Diplomazija Ċibernetika, ***meta xieraq***. | jikkumplimenta jew jikkontribwixxi għall-azzjonijiet implimentati fil-kuntest tal-Artikolu 42(7) tat-TUE jew fis-sitwazzjonijiet definiti fl-Artikolu 222 tat-TFUE. L-użu ta' dan l-istrument jenħtieġ li jkun ikkoordinat ukoll mal-implimentazzjoni tal-miżuri tas-Sett ta' Għodod tad-Diplomazija Ċibernetika, ***filwaqt li tissaħħaħ il-kooperazzjoni fil-livell strateġiku, operazzjonali u tekniku bejn iċ-ċiberdifiża u komunitajiet ċibernetiċi oħra, b'mod partikolari sabiex jissaħħu l-kapaċitajiet kontra t-theddid għaċ-ċibersigurtà minn barra l-Unjoni, inkluż miżuri restrittivi, li jistgħu jintużaw għall-prevenzjoni u r-rispons għal attivitajiet ċibernetiċi malizzjużi***. |
| [27] Id-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 924). | [27] Id-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 924). |
| [28] Arranġamenti Integrati għal Rispons Politiku għall-Kriżijiet (IPCR) u f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1584 tat-13 ta' Settembru 2017 dwar rispons ikkoordinat għall-inċidenti u l-kriżijiet taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira. | [28] Arranġamenti Integrati għal Rispons Politiku għall-Kriżijiet (IPCR) u f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1584 tat-13 ta' Settembru 2017 dwar rispons ikkoordinat għall-inċidenti u l-kriżijiet taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira. |

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 28**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (28) Id-Direttiva (UE) 2022/2555 teżiġi li l-Istati Membri jiddeżinjaw jew jistabbilixxu awtorità waħda jew aktar għall-ġestjoni tal-kriżijiet ċibernetiċi u jiżguraw li jkollhom ir-riżorsi adegwati biex jaqdu dmirhom b'mod effettiv u effiċjenti. Din teżiġi wkoll li l-Istati Membri jidentifikaw il-kapaċitajiet, l-assi u | (28) Id-Direttiva (UE) 2022/2555 teżiġi li l-Istati Membri jiddeżinjaw jew jistabbilixxu awtorità waħda jew aktar għall-ġestjoni tal-kriżijiet ċibernetiċi u jiżguraw li jkollhom ir-riżorsi adegwati biex jaqdu dmirhom b'mod effettiv u effiċjenti. Din teżiġi wkoll li l-Istati Membri jidentifikaw il-kapaċitajiet, l-assi u |

| | |
|---|---|
| l-proċeduri li jistgħu jintużaw fil-każ ta' kriżi, u li jadottaw pjan nazzjonali tar-rispons għall-inċidenti u l-kriżijiet taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira li jkun jistabbilixxi l-objettivi u l-arranġamenti għall-ġestjoni tal-inċidenti u l-kriżijiet taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira. L-Istati Membri jeħtieġ jistabbilixxu wkoll CSIRT wieħed jew aktar inkarigati mill-ġestjoni tal-inċidenti skont proċess definit sew u li jkun ikopri mill-anqas is-setturi, is-subsetturi u t-tipi tal-entitajiet fl-ambitu ta' dik id-Direttiva, u jeħtieġ jiżguraw li jkollhom riżorsi adegwati biex jaqdu dmirhom b'mod effettiv. Dan ir-Regolament hu mingħajr preġudizzju għar-rwol tal-Kummissjoni li tiżgura l-konformità tal-Istati Membri mal-obbligi tad-Direttiva (UE) 2022/2555. Il-Mekkaniżmu ta' Emerġenza Ċibernetika jenħtieġ li jipprovdi assistenza għal azzjonijiet immirati biex isaħħu t-tħejjija, u għal azzjonijiet tar-rispons għall-inċidenti li jtaffu l-impatt tal-inċidenti taċ-ċibersigurtà sinifikanti u fuq skala kbira, b'appoġġ għall-irkupru immedjat u/jew biex ***jitreġġa*** lura l-funzjonament tas-servizzi essenzjali. | l-proċeduri li jistgħu jintużaw fil-każ ta' kriżi, u li jadottaw pjan nazzjonali tar-rispons għall-inċidenti u l-kriżijiet taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira li jkun jistabbilixxi l-objettivi u l-arranġamenti għall-ġestjoni tal-inċidenti u l-kriżijiet taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira. L-Istati Membri jeħtieġ jistabbilixxu wkoll CSIRT wieħed jew aktar inkarigati mill-ġestjoni tal-inċidenti skont proċess definit sew u li jkun ikopri mill-anqas is-setturi, is-subsetturi u t-tipi tal-entitajiet fl-ambitu ta' dik id-Direttiva, u jeħtieġ jiżguraw li jkollhom riżorsi adegwati biex jaqdu dmirhom b'mod effettiv. Dan ir-Regolament hu mingħajr preġudizzju għar-rwol tal-Kummissjoni li tiżgura l-konformità tal-Istati Membri mal-obbligi tad-Direttiva (UE) 2022/2555. Il-Mekkaniżmu ta' Emerġenza Ċibernetika jenħtieġ li jipprovdi assistenza għal azzjonijiet immirati biex isaħħu t-tħejjija, u għal azzjonijiet tar-rispons għall-inċidenti li jtaffu l-impatt tal-inċidenti taċ-ċibersigurtà sinifikanti u fuq skala kbira, b'appoġġ għall-irkupru immedjat u/jew biex ***jitreġġa'*** lura l-funzjonament tas-servizzi essenzjali***, billi jagħmel użu xieraq mill-firxa sħiħa ta' għażliet difensivi disponibbli għall-komunitajiet ċivili u militari***. |

**Emenda 21**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 29**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (29) Bħala parti mill-azzjonijiet tat-tħejjija, biex jiġi promoss approċċ konsistenti u tissaħħaħ is-sigurtà fl-Unjoni u fis-suq intern tagħha, jenħtieġ li jingħata appoġġ għall-ittestjar u l-valutazzjoni taċ-ċibersigurtà tal-entitajiet li joperaw fis-setturi kritiċi ħafna identifikati skont id- | (29) Bħala parti mill-azzjonijiet tat-tħejjija, biex jiġi promoss approċċ konsistenti u tissaħħaħ is-sigurtà fl-Unjoni u fis-suq intern tagħha, jenħtieġ li jingħata appoġġ għall-ittestjar u l-valutazzjoni taċ-ċibersigurtà tal-entitajiet li joperaw fis-setturi kritiċi ħafna identifikati skont id- |

Direttiva (UE) 2022/2555 b'mod ikkoordinat. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni, bl-appoġġ tal-ENISA u b'kooperazzjoni mal-Grupp ta' Kooperazzjoni tal-NIS stabbilit bid-Direttiva (UE) 2022/2555, jenħtieġ li tidentifika regolarment is-setturi jew is-subsetturi rilevanti, li jenħtieġ li jkunu eliġibbli li jirċievu appoġġ finanzjarju għal ittestjar ikkoordinat fil-livell tal-Unjoni. ***Is-setturi*** jew is-subsetturi jenħtieġ li jintgħażlu mill-Anness I tad-Direttiva (UE) 2022/2555 ("Setturi ta' Kritikalità Għolja"). L-eżerċizzji tal-ittestjar ikkoordinat jenħtieġ li jkunu bbażati fuq xenarji u metodoloġiji komuni tar-riskju. L-għażla tas-setturi u l-iżvilupp tax-xenarji tar-riskju jenħtieġ li jqisu l-valutazzjonijiet tar-riskju u x-xenarji tar-riskju rilevanti fl-Unjoni kollha, inkluż il-ħtieġa li tkun evitata d-duplikazzjoni, bħall-evalwazzjoni tar-riskju u x-xenarji tar-riskju mitluba fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-iżvilupp taċ-ċibersigurtà tal-Unjoni Ewropea li jridu jagħmlu l-Kummissjoni, ir-Rappreżentant Għoli u l-Grupp ta' Kooperazzjoni tal-NIS, b'koordinazzjoni mal-korpi u l-aġenziji ċivili u militari rilevanti u n-networks stabbiliti, inkluż l-EU-CyCLONe, u l-valutazzjoni tar-riskju tan-networks u tal-infrastrutturi tal-komunikazzjoni mitluba mis-Sejħa Ministerjali Konġunta ta' Nevers u mwettqa mill-Grupp ta' Kooperazzjoni tal-NIS, bl-appoġġ tal-Kummissjoni u tal-ENISA, u b'kooperazzjoni mal-Korp tar-Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC), il-valutazzjonijiet tar-riskju ikkoordinati li jridu jsiru skont l-Artikolu 22 tad-Direttiva (UE) 2022/2555 u l-ittestjar tar-reżiljenza operazzjonali diġitali kif previst fir-Regolament (UE) 2022/2554 tal-Parlament Ewropew u ***tal-Kunsill29*** . L-għażla tas-setturi jenħtieġ li tqis ukoll ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar approċċ ikkoordinat fl-Unjoni kollha li jsaħħaħ ir-reżiljenza tal-infrastruttura kritika.

Direttiva (UE) 2022/2555 b'mod ikkoordinat. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni, bl-appoġġ tal-ENISA u b'kooperazzjoni mal-Grupp ta' Kooperazzjoni tal-NIS stabbilit bid-Direttiva (UE) 2022/2555, jenħtieġ li tidentifika regolarment is-setturi jew is-subsetturi rilevanti, li jenħtieġ li jkunu eliġibbli li jirċievu appoġġ finanzjarju għal ittestjar ikkoordinat fil-livell tal-Unjoni. ***Meta xieraq, is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE), b'mod partikolari permezz taċ-Ċentru tal-Intelligence u tas-Sitwazzjonijiet tal-UE (INTCEN) u ċ-Ċellola ta' Fużjoni tal-UE tiegħu kontra t-theddid ibridu, bl-appoġġ tad-Direttorat tal-Intelligence tal-Persunal Militari tal-Unjoni Ewropea (EUMS) fl-ambitu tal-Kapaċità Unika ta' Analiżi tal-Intelligence (SIAC), jenħtieġ li jkun assoċjat biex jagħti valutazzjonijiet aġġornati u għalhekk jikkontribwixxi fl-identifikazzjoni tas-setturi*** jew is-subsetturi ***li*** jenħtieġ li jintgħażlu mill-Anness I tad-Direttiva (UE) 2022/2555 ("Setturi ta' Kritikalità Għolja"). L-eżerċizzji tal-ittestjar ikkoordinat jenħtieġ li jkunu bbażati fuq xenarji u metodoloġiji komuni tar-riskju. ***Jenħtieġ li dawn l-eżerċizzji jkollhom rwol importanti f'li jtejbu l-kooperazzjoni bejn l-entitajiet ċivili u militari. Meta jorganizzaw eżerċizzji, il-Kummissjoni, is-SEAE u l-ENISA jenħtieġ li għalhekk jikkunsidraw b'mod sistematiku l-inklużjoni ta' parteċipanti minn komunitajiet ċibernetiċi oħra, bħala tali l-Aġenzija Ewropea għad-Difiża (EDA) u entitajiet rilevanti oħra.*** L-għażla tas-setturi u l-iżvilupp tax-xenarji tar-riskju jenħtieġ li jqisu l-valutazzjonijiet tar-riskju u x-xenarji tar-riskju rilevanti fl-Unjoni kollha, inkluż il-ħtieġa li tkun evitata d-duplikazzjoni, bħall-evalwazzjoni tar-riskju u x-xenarji tar-riskju mitluba fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-iżvilupp taċ-ċibersigurtà tal-Unjoni Ewropea li jridu jagħmlu l-Kummissjoni, ir-Rappreżentant Għoli u l-Grupp ta' Kooperazzjoni tal-NIS, b'koordinazzjoni mal-korpi u l-aġenziji

ċivili u militari rilevanti u n-networks stabbiliti, inkluż l-EU-CyCLONe, u l-valutazzjoni tar-riskju tan-networks u tal-infrastrutturi tal-komunikazzjoni mitluba mis-Sejħa Ministerjali Konġunta ta' Nevers u mwettqa mill-Grupp ta' Kooperazzjoni tal-NIS, bl-appoġġ tal-Kummissjoni u tal-ENISA, u b'kooperazzjoni mal-Korp tar-Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC), il-valutazzjonijiet tar-riskju ikkoordinati li jridu jsiru skont l-Artikolu 22 tad-Direttiva (UE) 2022/2555 u l-ittestjar tar-reżiljenza operazzjonali diġitali kif previst fir-Regolament (UE) 2022/2554 tal-Parlament Ewropew u ***tal-Kunsill[1]***. L-għażla tas-setturi jenħtieġ li tqis ukoll ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar approċċ ikkoordinat fl-Unjoni kollha li jsaħħaħ ir-reżiljenza tal-infrastruttura kritika.

***[1] Ir-Regolament (UE) 2022/2554 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar ir-reżiljenza operazzjonali diġitali għas-settur finanzjarju u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009, (UE) Nru 648/2012, (UE) Nru 600/2014, (UE) Nru 909/2014 u (UE) 2016/1011***

---

[29] Ir-Regolament (UE) 2022/2554 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar ir-reżiljenza operazzjonali diġitali għas-settur finanzjarju u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009, (UE) Nru 648/2012, (UE) Nru 600/2014, (UE) Nru 909/2014 u (UE) 2016/1011.

[29] Ir-Regolament (UE) 2022/2554 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar ir-reżiljenza operazzjonali diġitali għas-settur finanzjarju u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009, (UE) Nru 648/2012, (UE) Nru 600/2014, (UE) Nru 909/2014 u (UE) 2016/1011.

**Emenda 22**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 32**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (32) Il-Mekkaniżmu ta' Emerġenza Ċibernetika jenħtieġ li jappoġġa l-assistenza tal-Istati Membri lil Stat Membru affettwat minn inċident taċ-ċibersigurtà sinifikanti jew fuq skala kbira, inkluż l-assistenza tan-network tas-CSIRTs stabbilit fl-Artikolu 15 tad-Direttiva (UE) 2022/2555. L-Istati Membri li jipprovdu assistenza jenħtieġ li jitħallew jippreżentaw talbiet biex ikopru l-kostijiet relatati mad-dispaċċ tat-timijiet tal-esperti fil-qafas tal-assistenza reċiproka. Il-kostijiet eliġibbli jistgħu jinkludu l-ispejjeż tal-ivvjaġġar, tal-akkomodazzjoni u tal-allowance ta' kuljum tal-esperti taċ-ċibersigurtà. | (32) Il-Mekkaniżmu ta' Emerġenza Ċibernetika jenħtieġ li jappoġġa l-assistenza tal-Istati Membri lil Stat Membru affettwat minn inċident taċ-ċibersigurtà sinifikanti jew fuq skala kbira, inkluż l-assistenza tan-network tas-CSIRTs stabbilit fl-Artikolu 15 tad-Direttiva (UE) 2022/2555. L-Istati Membri li jipprovdu assistenza jenħtieġ li jitħallew jippreżentaw talbiet biex ikopru l-kostijiet relatati mad-dispaċċ tat-timijiet tal-esperti fil-qafas tal-assistenza reċiproka***, billi jiżguraw koordinazzjoni effiċjenti fost il-programmi u l-istrumenti rilevanti tal-UE, inkluż il-Faċilità Ewropea għall-Paċi (EPF), il-PESK u l-NDICI, meta jipprovdu assistenza lill-pajjiżi terzi, b'mod partikolari l-Ukrajna u l-Moldova***. Il-kostijiet eliġibbli jistgħu jinkludu l-ispejjeż tal-ivvjaġġar, tal-akkomodazzjoni u tal-allowance ta' kuljum tal-esperti taċ-ċibersigurtà. |

**Emenda 23**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 33**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (33) Jenħtieġ li gradwalment tiġi stabbilita Riżerva taċ-Ċibersigurtà fil-livell tal-Unjoni, li tikkonsisti f'servizzi ta' fornituri privati tas-servizzi tas-sigurtà ġestiti biex jappoġġaw l-azzjonijiet tar-rispons u tal-irkupru immedjati f'każijiet ta' inċidenti taċ-ċibersigurtà sinifikanti jew fuq skala kbira. Ir-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE jenħtieġ li tiżgura d-disponibbiltà u l-prontezza tas-servizzi. Is-servizzi mir-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE jenħtieġ li jservu biex jappoġġaw lill-awtoritajiet nazzjonali fl-għoti tal-assistenza lill-entitajiet affettwati li joperaw fis-setturi kritiċi jew kritiċi ħafna bħala | (33) Jenħtieġ li gradwalment tiġi stabbilita Riżerva taċ-Ċibersigurtà fil-livell tal-Unjoni, li tikkonsisti f'servizzi ta' fornituri privati tas-servizzi tas-sigurtà ġestiti biex jappoġġaw l-azzjonijiet tar-rispons u tal-irkupru immedjati f'każijiet ta' inċidenti taċ-ċibersigurtà sinifikanti jew fuq skala kbira. Ir-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE jenħtieġ li tiżgura d-disponibbiltà u l-prontezza tas-servizzi. Is-servizzi mir-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE jenħtieġ li jservu biex jappoġġaw lill-awtoritajiet nazzjonali fl-għoti tal-assistenza lill-entitajiet affettwati li joperaw fis-setturi kritiċi jew kritiċi ħafna bħala |

| | |
|---|---|
| kumplimentari għall-azzjonijiet tagħhom stess fil-livell nazzjonali. Meta jitolbu appoġġ mir-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE, l-Istati Membri jenħtieġ li jispeċifikaw l-appoġġ mogħti lill-entità affettwata fil-livell nazzjonali, li jenħtieġ li jitqies meta tiġi vvalutata t-talba tal-Istat Membru. Is-servizzi mir-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE jistgħu jservu wkoll biex jappoġġaw lill-istituzzjonijiet, lill-korpi u lill-aġenziji tal-Unjoni, f'kundizzjonijiet simili. | kumplimentari għall-azzjonijiet tagħhom stess fil-livell nazzjonali. Meta jitolbu appoġġ mir-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE, l-Istati Membri jenħtieġ li jispeċifikaw l-appoġġ mogħti lill-entità affettwata fil-livell nazzjonali, li jenħtieġ li jitqies meta tiġi vvalutata t-talba tal-Istat Membru. Is-servizzi mir-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE jistgħu jservu wkoll biex jappoġġaw lill-istituzzjonijiet, lill-korpi u lill-aġenziji tal-Unjoni, ***inklużi missjonijiet tal-PSDK*** f'kundizzjonijiet simili. |

**Emenda 24**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 34**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (34) Għall-fini tal-għażla tal-fornituri privati tas-servizzi biex jipprovdu servizzi fil-kuntest tar-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE, jeħtieġ jiġi stabbilit sett ta' kriterji minimi li jenħtieġ li jiġi inkluż fis-sejħa għall-offerti biex jintgħażlu dawn il-fornituri, biex ikun żgurat li jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-awtoritajiet u tal-entitajiet tal-Istati Membri li joperaw fis-setturi kritiċi jew kritiċi ħafna. | (34) Għall-fini tal-għażla tal-fornituri privati tas-servizzi biex jipprovdu servizzi fil-kuntest tar-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE, jeħtieġ jiġi stabbilit sett ta' kriterji minimi li jenħtieġ li jiġi inkluż fis-sejħa għall-offerti biex jintgħażlu dawn il-fornituri, biex ikun żgurat li jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-awtoritajiet u tal-entitajiet tal-Istati Membri li joperaw fis-setturi kritiċi jew kritiċi ħafna***, b'kunsiderazzjoni tar-riskji assoċjati mal-parteċipazzjoni tal-fornituri minn pajjiżi kompetituri strateġiċi, li jistgħu joħolqu riskji ekonomiċi għas-sigurtà, kif ukoll l-implikazzjonijiet għas-sigurtà strateġika tal-Unjoni***. |

**Emenda 25**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 36**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (36) Biex jiġu appoġġati l-objettivi ta' | (36) Biex jiġu appoġġati l-objettivi ta' |

dan ir-Regolament tal-promozzjoni tal-għarfien sitwazzjonali kondiviż, it-tisħiħ tar-reżiljenza tal-Unjoni u l-iffaċilitar ta' rispons effettiv għall-inċidenti taċ-ċibersigurtà sinifikanti u fuq skala kbira, l-EU-CyCLONe, in-network tas-CSIRTs jew il-Kummissjoni jenħtieġ li jkunu jistgħu jitolbu lill-ENISA tirrieżamina u tivvaluta t-theddid, il-vulnerabbiltajiet u l-azzjonijiet tal-mitigazzjoni fejn jidħol xi inċident taċ-ċibersigurtà sinifikanti jew fuq skala kbira speċifiku. Wara t-tlestija tar-rieżami u tal-valutazzjoni ta' inċident, l-ENISA jenħtieġ li tħejji rapport tar-rieżami tal-inċident, b'kollaborazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, inkluż rappreżentanti mis-settur privat, mill-Istati Membri, mill-Kummissjoni u minn istituzzjonijiet, korpi u aġenziji rilevanti oħra tal-UE. Fir-rigward tas-settur privat, l-ENISA qed tiżviluppa mezzi għall-iskambju tal-informazzjoni ma' fornituri speċjalizzati, inkluż ma' fornituri ta' soluzzjonijiet tas-sigurtà ġestiti u bejjiegħa, biex tikkontribwixxi għall-missjoni tal-ENISA li tikseb livell komuni għoli ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni. Filwaqt li jibni fuq il-kollaborazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, inkluż is-settur privat, ir-rapport tar-rieżami tal-inċidenti speċifiċi jenħtieġ li jkollu l-għan li jivvaluta l-kawżi, l-impatti u l-mitigazzjonijiet tal-inċident, wara li jkun seħħ. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lill-kontribut u lit-tagħlimiet kondiviżi mill-fornituri tas-servizzi tas-sigurtà ġestiti li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-ogħla integrità professjonali, tal-imparzjalità u tal-għarfien espert tekniku kif meħtieġ skont dan ir-Regolament. Ir-rapport jenħtieġ li jitbagħat u jikkontribwixxi għall-ħidma tal-EU-CyCLONe, tan-network tas-CSIRTs u tal-Kummissjoni. Meta l-inċident ikun relatat ma' pajjiż terz, il-Kummissjoni se tibgħat dan ir-rapport lir-Rappreżentant Għoli.

dan ir-Regolament tal-promozzjoni tal-għarfien sitwazzjonali kondiviż, it-tisħiħ tar-reżiljenza tal-Unjoni u l-iffaċilitar ta' rispons effettiv għall-inċidenti taċ-ċibersigurtà sinifikanti u fuq skala kbira, l-EU-CyCLONe, in-network tas-CSIRTs jew il-Kummissjoni jenħtieġ li jkunu jistgħu jitolbu lill-ENISA tirrieżamina u tivvaluta t-theddid, il-vulnerabbiltajiet u l-azzjonijiet tal-mitigazzjoni fejn jidħol xi inċident taċ-ċibersigurtà sinifikanti jew fuq skala kbira speċifiku. ***Fid-dawl tal-iżvilupp ta' sistema ta' konnettività sigura, li tibni fuq l-infrastruttura Ewropea ta' komunikazzjoni kwantistika (EuroQCI) u l-Komunikazzjoni Governattiva bis-Satellita tal-Unjoni Ewropea (GOVSATCOM), b'mod partikolari l-implimentazzjoni tal-GALILEO GNSS għall-utenti tad-difiża, kwalunkwe żvilupp futur possibbli jenħtieġ li jqis il-wasla ta' "ipergwerra" li tgħaqqad il-veloċità u s-sofistikazzjoni tal-computing kwantistiku ma' sistemi militari awtonomi ħafna.*** Wara t-tlestija tar-rieżami u tal-valutazzjoni ta' inċident, l-ENISA jenħtieġ li tħejji rapport tar-rieżami tal-inċident, b'kollaborazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, inkluż rappreżentanti mis-settur privat, mill-Istati Membri, mill-Kummissjoni u minn istituzzjonijiet, korpi u aġenziji rilevanti oħra tal-UE. Fir-rigward tas-settur privat, l-ENISA qed tiżviluppa mezzi għall-iskambju tal-informazzjoni ma' fornituri speċjalizzati, inkluż ma' fornituri ta' soluzzjonijiet tas-sigurtà ġestiti u bejjiegħa, biex tikkontribwixxi għall-missjoni tal-ENISA li tikseb livell komuni għoli ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni. Filwaqt li jibni fuq il-kollaborazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, inkluż is-settur privat, ir-rapport tar-rieżami tal-inċidenti speċifiċi jenħtieġ li jkollu l-għan li jivvaluta l-kawżi, l-impatti u l-mitigazzjonijiet tal-inċident, wara li jkun seħħ. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lill-kontribut u lit-tagħlimiet kondiviżi mill-fornituri tas-servizzi tas-sigurtà ġestiti li jissodisfaw il-

| | |
|---|---|
| | kundizzjonijiet tal-ogħla integrità professjonali, tal-imparzjalità u tal-għarfien espert tekniku kif meħtieġ skont dan ir-Regolament. Ir-rapport jenħtieġ li jitbagħat u jikkontribwixxi għall-ħidma tal-EU-CyCLONe, tan-network tas-CSIRTs u tal-Kummissjoni. Meta l-inċident ikun relatat ma' pajjiż terz, il-Kummissjoni se tibgħat dan ir-rapport lir-Rappreżentant Għoli***, lis-SEAE u lil kwalunkwe Missjoni tal-PSDK fil-pajjiż affettwat mill-inċident permezz tal-kwartieri ġenerali tagħhom***. |

**Emenda 26**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 37**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (37) Filwaqt li titqies in-natura imprevedibbli tal-attakki taċ-ċibersigurtà u l-fatt li dawn spiss ma jkunux f'xi żona ġeografika speċifika, u jkunu jippreżentaw riskju għoli ta' tixrid, it-tisħiħ tar-reżiljenza tal-pajjiżi ġirien u tal-kapaċità tagħhom li jirrispondu b'mod effettiv għall-inċidenti taċ-ċibersigurtà sinifikanti u fuq skala kbira jgħin għall-protezzjoni tal-Unjoni kollha kemm hi. Għalhekk, il-pajjiżi terzi assoċjati mad-DEP ***jistgħu*** jiġu appoġġati mir-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE***,*** meta ***dan ikun previst fil-ftehim*** ta' ***assoċjazzjoni rispettiv għad-DEP***. Il-finanzjament għal pajjiżi terzi assoċjati jenħtieġ li jiġi appoġġat mill-Unjoni fil-qafas ta' sħubijiet u strumenti tal-finanzjament rilevanti għal dawk il-pajjiżi. L-appoġġ jenħtieġ li jkun ikopri s-servizzi fil-qasam tar-rispons għall-inċidenti taċ-ċibersigurtà sinifikanti jew fuq skala kbira u l-irkupru immedjat tagħhom. Il-kundizzjonijiet stabbiliti għar-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE u għall-fornituri fdati f'dan ir-Regolament jenħtieġ li japplikaw meta jingħata l-appoġġ lill-pajjiżi terzi | (37) Filwaqt li titqies in-natura imprevedibbli tal-attakki taċ-ċibersigurtà u l-fatt li dawn spiss ma jkunux f'xi żona ġeografika speċifika, u jkunu jippreżentaw riskju għoli ta' tixrid, it-tisħiħ tar-reżiljenza tal-pajjiżi ġirien***, b'mod partikolari l-Ukrajna u l-Moldova,*** u tal-kapaċità tagħhom li jirrispondu b'mod effettiv għall-inċidenti taċ-ċibersigurtà sinifikanti u fuq skala kbira jgħin għall-protezzjoni tal-Unjoni kollha kemm hi. Għalhekk, il-pajjiżi terzi assoċjati mad-DEP ***jenħtieġ li*** jiġu appoġġati mir-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE***. Jenħtieġ li l-appoġġ japplika wkoll għal dawk il-pajjiżi terzi*** meta ***missjoni tal-PSDK tkun skjerata b'mandat speċifiku biex tissaħħaħ ir-reżiljenza għat-theddid ibridu inkluż iċ-ċibersigurtà jew meta Miżura*** ta' ***Assistenza tal-EPF tiġi adottata biex tissaħħaħ ir-reżiljenza ċibernetika tal-pajjiż***. Il-finanzjament għal pajjiżi terzi assoċjati jenħtieġ li jiġi appoġġat mill-Unjoni fil-qafas ta' sħubijiet u strumenti tal-finanzjament rilevanti għal dawk il-pajjiżi. L-appoġġ jenħtieġ li jkun ikopri s- |

| | |
|---|---|
| assoċjati mad-DEP. | servizzi fil-qasam tar-rispons għall-inċidenti taċ-ċibersigurtà sinifikanti jew fuq skala kbira u l-irkupru immedjat tagħhom. Il-kundizzjonijiet stabbiliti għar-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE u għall-fornituri fdati f'dan ir-Regolament jenħtieġ li japplikaw meta jingħata l-appoġġ lill-pajjiżi terzi assoċjati mad-DEP. |

**Emenda 27**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) l-istabbiliment ta' Mekkaniżmu Ewropew ta' Rieżami tal-Inċidenti taċ-Ċibersigurtà biex jiġu rrieżaminati u vvalutati l-inċidenti sinifikanti jew fuq skala kbira. | (c) l-istabbiliment ta' Mekkaniżmu Ewropew ta' Rieżami tal-Inċidenti taċ-Ċibersigurtà biex jiġu rrieżaminati u vvalutati l-inċidenti ***jew theddid*** sinifikanti jew fuq skala kbira. |

**Emenda 28**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) jissaħħu d-detezzjoni u l-għarfien sitwazzjonali komuni tal-Unjoni tat-theddid u l-inċidenti ċibernetiċi u b'hekk tkun tista' tissaħħaħ il-pożizzjoni kompetittiva tas-setturi tal-industrija u tas-servizzi fl-Unjoni fl-ekonomija diġitali kollha u jingħata kontribut ***għas-sovranità*** teknoloġika tal-Unjoni fil-qasam taċ-ċibersigurtà; | (a) jissaħħu d-detezzjoni u l-għarfien sitwazzjonali komuni tal-Unjoni tat-theddid u l-inċidenti ċibernetiċi u b'hekk tkun tista' tissaħħaħ il-pożizzjoni kompetittiva tas-setturi tal-industrija u tas-servizzi fl-Unjoni fl-ekonomija diġitali kollha u jingħata kontribut ***għar-reżiljenza*** teknoloġika tal-Unjoni fil-qasam taċ-ċibersigurtà; |

**Emenda 29**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) tissaħħaħ it-tħejjija tal-entitajiet li joperaw fis-setturi kritiċi u kritiċi ħafna madwar l-Unjoni u tissaħħaħ is-solidarjetà billi jinħolqu kapaċitajiet tar-rispons komuni għall-inċidenti taċ-ċibersigurtà sinifikanti jew fuq skala kbira, inkluż billi l-appoġġ tar-rispons għall-inċidenti taċ-ċibersigurtà tal-Unjoni jkun disponibbli għall-pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm Ewropa Diġitali ("DEP"); | (b) tissaħħaħ it-tħejjija tal-entitajiet li joperaw fis-setturi kritiċi u kritiċi ħafna madwar l-Unjoni u tissaħħaħ is-solidarjetà billi jinħolqu kapaċitajiet tar-rispons komuni għall-inċidenti taċ-ċibersigurtà sinifikanti jew fuq skala kbira, inkluż billi l-appoġġ tar-rispons għall-inċidenti taċ-ċibersigurtà tal-Unjoni jkun disponibbli għall-pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm Ewropa Diġitali ("DEP") ***jew dawk il-pajjiżi terzi li huma kandidati għal adeżjoni u li ma jmorrux kontra l-interessi tas-sigurtà u d-difiża tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha kif stabbilit fil-qafas tal-PESK skont it-Titolu V tat-TUE; L-Istati Membri jenħtieġ li jikkunsidraw programm ta' ċiberdifiża attiv bħala parti mill-istrateġija nazzjonali tagħhom taċ-ċibersigurtà li tinkorpora eżerċizzji regolari ta' taħriġ konġunt bejn l-Istati Membri u fost l-organizzazzjonijiet internazzjonali. Programm bħal dan jenħtieġ li jipprovdi kapaċità sinkronizzata u f'ħin reali biex jiġi skopert, identifikat, analizzat, u mitigat it-theddid***; |

**Emenda 30**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2 a. jitnaqqsu r-riskji sistemiċi taċ-ċibersigurtà maħluqa minn dipendenzi fuq tagħmir kritiku minn pajjiżi, li jmorru kontra l-interessi tas-sigurtà u tad-difiża tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha kif stabbilit fil-qafas tal-PESK skont it-Titolu V tat-TUE;.*** |

**Emenda 31**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***"komunità taċ-ċiberdifiża" tfisser l-awtoritajiet tad-difiża tal-Istati Membri u appoġġata mill-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE kif stabbilit fil-Komunikazzjoni Konġunta dwar il-Politika tal-UE dwar iċ-Ċiberdifiża[1]*** |
| | ***[1] Il-Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill – Politika tal-UE dwar iċ-Ċiberdifiża JOIN/2022/49 final*** |

**Emenda 32**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt ba (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(b a) tgħin biex timmodernizza s-sistemi kollha taċ-ċiberdifiża, iżżid il-kwalità tal-kapaċitajiet taċ-ċiberdifiża permezz tal-użu ta' sistemi tal-IA u taċċellera l-iskambju ta' informazzjoni fost l-SOCs Nazzjonali u l-SOCs transfruntiera;*** |

**Emenda 33**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt da (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(d a) tirrieżamina u tevalwa teknoloġiji u tagħmir kritiċi taċ-ċibersigurtà użati minn SOCs b'rispons għall-inċidenti taċ-ċibersigurtà għal riskji sistemiċi mill-kontroll fuq fornituri ta' riskju għoli minn pajjiżi li jmorru kontra l-interessi tas-sigurtà u tad-difiża tal-Unjoni u tal-*** |

| | |
|---|---|
| | ***Istati Membri tagħha kif stabbilit fil-qafas tal-PESK skont it-Titolu V tat-TUE.*** |

**Emenda 34**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Dan għandu jkollu l-kapaċità li jaġixxi bħala punt ta' referenza u portal għal organizzazzjonijiet pubbliċi u privati oħra fil-livell nazzjonali għall-ġbir u l-analizzar tal-informazzjoni dwar it-theddid u l-inċidenti taċ-ċibersigurtà u li jikkontribwixxi għal SOC transfruntier. Dan għandu jkun attrezzat b'teknoloġiji tal-aqwa livell li kapaċi jidentifikaw, jaggregaw u janalizzaw id-data rilevanti għat-theddid u l-inċidenti taċ-ċibersigurtà. | Dan għandu jkollu l-kapaċità li jaġixxi bħala punt ta' referenza u portal għal organizzazzjonijiet pubbliċi u privati oħra***, u meta meħtieġ militari,*** fil-livell nazzjonali għall-ġbir u l-analizzar tal-informazzjoni dwar it-theddid u l-inċidenti taċ-ċibersigurtà u li jikkontribwixxi għal SOC transfruntier. Dan għandu jkun attrezzat b'teknoloġiji tal-aqwa livell li kapaċi jidentifikaw, jaggregaw u janalizzaw id-data rilevanti għat-theddid u l-inċidenti taċ-ċibersigurtà. |

**Emenda 35**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Wara sejħa għal espressjoni ta' interess, l-SOCs nazzjonali għandhom jintgħażlu miċ-Ċentru Ewropew għall-Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà ("ECCC") biex jipparteċipaw f'akkwist konġunt ta' għodod u infrastrutturi mal-ECCC. L-ECCC jista' jagħti għotjiet lill-SOCs nazzjonali magħżula biex jiffinanzjaw l-operat ta' dawk l-għodod u l-infrastrutturi. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għandha tkopri sa 50% tal-kostijiet tal-akkwist tal-għodod u tal-infrastrutturi, u sa 50% tal-kostijiet tal-operat, u l-kostijiet l-oħra jridu jiġu koperti mill-Istat Membru. Qabel ma titnieda l-proċedura għall- | 2. Wara sejħa għal espressjoni ta' interess, l-SOCs nazzjonali għandhom jintgħażlu miċ-Ċentru Ewropew għall-Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà ("ECCC") biex jipparteċipaw f'akkwist konġunt ta' għodod u infrastrutturi mal-ECCC. L-ECCC jista' jagħti għotjiet lill-SOCs nazzjonali magħżula biex jiffinanzjaw l-operat ta' dawk l-għodod u l-infrastrutturi***, taħt il-kundizzjoni stretta li tali għodod u infrastruttura huma fornuti minn fornituri fdati f'konformità mal-Artikolu 16***. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għandha tkopri sa 50 % tal-kostijiet tal-akkwist tal-għodod u tal-infrastrutturi, u sa |

| | |
|---|---|
| akkwist tal-għodod u tal-infrastrutturi, l-ECCC u l-SOC nazzjonali għandhom jikkonkludu ftehim tal-hosting u tal-użu li jirregola l-użu tal-għodod u tal-infrastrutturi. | 50 % tal-kostijiet tal-operat, u l-kostijiet l-oħra jridu jiġu koperti mill-Istat Membru. Qabel ma titnieda l-proċedura għall-akkwist tal-għodod u tal-infrastrutturi, l-ECCC u l-SOC nazzjonali għandhom jikkonkludu ftehim tal-hosting u tal-użu li jirregola l-użu tal-għodod u tal-infrastrutturi. |

**Emenda 36**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Wara sejħa għal espressjoni ta' interess, konsorzju tal-hosting għandu jintgħażel mill-ECCC biex jipparteċipa f'akkwist konġunt ta' għodod u infrastrutturi mal-ECCC. L-ECCC jista' jagħti għotja lill-konsorzju tal-hosting biex jiffinanzja l-operat tal-għodod u tal-infrastrutturi. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għandha tkopri sa 75% tal-kostijiet tal-akkwist tal-għodod u l-infrastrutturi, u sa 50% tal-kostijiet tal-operat, u l-kostijiet l-oħra jridu jiġu koperti mill-konsorzju tal-hosting. Qabel ma titnieda l-proċedura għall-akkwist tal-għodod u tal-infrastrutturi, l-ECCC u l-konsorzju tal-hosting għandhom jikkonkludu ftehim tal-hosting u tal-użu li jirregola l-użu tal-għodod u tal-infrastrutturi. | 2. Wara sejħa għal espressjoni ta' interess, konsorzju tal-hosting għandu jintgħażel mill-ECCC biex jipparteċipa f'akkwist konġunt ta' għodod u infrastrutturi mal-ECCC. L-ECCC jista' jagħti għotja lill-konsorzju tal-hosting biex jiffinanzja l-operat tal-għodod u tal-infrastrutturi***, taħt il-kundizzjoni stretta li tali għodod u infrastruttura huma fornuti minn fornituri fdati f'konformità mal-Artikolu 16***. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għandha tkopri sa 75 % tal-kostijiet tal-akkwist tal-għodod u l-infrastrutturi, u sa 50 % tal-kostijiet tal-operat, u l-kostijiet l-oħra jridu jiġu koperti mill-konsorzju tal-hosting. Qabel ma titnieda l-proċedura għall-akkwist tal-għodod u tal-infrastrutturi, l-ECCC u l-konsorzju tal-hosting għandhom jikkonkludu ftehim tal-hosting u tal-użu li jirregola l-użu tal-għodod u tal-infrastrutturi. |

**Emenda 37**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|

| | |
|---|---|
| | ***2a. Kwalunkwe infrastruttura jew fornitur li joriġinaw minn pajjiż terz b'riskju għoli għandhom jiġu esklużi awtomatikament.*** |

**Emenda 38**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt b a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(b a) jappoġġa direttament it-tisħiħ tal-kapaċitajiet militari u tad-difiża tal-membri li qed jipparteċipaw jew jipprevjeni theddid dirett u imminenti lis-sigurtà tagħhom. Filwaqt li l-isfruttament tal-vulnerabbiltajiet fis-settur tad-difiża jista' jikkawża tfixkil u ħsara sinifikanti, iċ-ċibersigurtà tal-industrija tad-difiża teħtieġ miżuri speċjali biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-ktajjen tal-provvista, b'mod partikolari ta' entitajiet aktar 'l isfel fil-ktajjen tal-provvista, li ma jeħtiġux aċċess għal informazzjoni klassifikata, iżda li jistgħu jġorru riskji serji għas-settur kollu. Jenħtieġ li tingħata kunsiderazzjoni speċjali lill-impatt li kwalunkwe ksur jista' jkollu, u lit-theddida ta' kwalunkwe manipulazzjoni potenzjali tad-data tan-network li tista' tirrendi l-assi kritiċi tad-difiża inutli jew saħansitra tegħleb is-sistemi operattivi tagħhom u tagħmilhom vulnerabbli għall-ħtif.*** |

**Emenda 39**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt b a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(b b) jappoġġa t-tisħiħ tal-kapaċitajiet tad-difiża tal-membri li qed jipparteċipaw jew jipprevjeni theddida diretta u*** |

| | |
|---|---|
| | ***imminenti għas-sigurtà tagħhom, filwaqt li jiżgura s-sigurtà tal-ktajjen tal-provvista, b'mod partikolari ta' dawk l-entitajiet aktar 'l isfel fil-ktajjen tal-provvista, li ma jeħtiġux aċċess għal informazzjoni klassifikata, iżda li jistgħu jġorru riskji serji għas-settur kollu.*** |

**Emenda 40**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Meta l-SOCs transfruntieri jiksbu informazzjoni relatata ma' inċident potenzjali jew attwali taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira, dawn għandhom jipprovdu informazzjoni rilevanti lill-EU-CyCLONe, lin-network tas-CSIRTs u lill-Kummissjoni, skont ir-rwoli rispettivi tagħhom ta' ġestjoni tal-kriżijiet f'konformità mad-Direttiva (UE) 2022/2555 mingħajr dewmien żejjed. | 1. Meta l-SOCs transfruntieri jiksbu informazzjoni relatata ma' inċident potenzjali jew attwali taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira, dawn għandhom jipprovdu informazzjoni rilevanti lill-EU-CyCLONe, lin-network tas-CSIRTs u lill-Kummissjoni, ***inklużi r-Rappreżentant Għoli u s-SEAE meta dan ikun jikkonċerna pajjiż terz,*** skont ir-rwoli rispettivi tagħhom ta' ġestjoni tal-kriżijiet f'konformità mad-Direttiva (UE) 2022/2555 mingħajr dewmien żejjed. |

**Emenda 41**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri li jipparteċipaw fit-Tarka Ċibernetika Ewropea għandhom jiżguraw livell għoli tas-sigurtà tad-data u s-sigurtà fiżika tal-infrastruttura tat-Tarka Ċibernetika Ewropea, u għandhom jiżguraw li l-infrastruttura tiġi ġestita u kkontrollata kif xieraq b'mod li titħares mit-theddid u tkun żgurata s-sigurtà tagħha u tas-sistemi, ***inkluż dik*** tad-data skambjata permezz tal-infrastruttura. | 1. L-Istati Membri li jipparteċipaw fit-Tarka Ċibernetika Ewropea għandhom jiżguraw livell għoli tas-sigurtà tad-data u s-sigurtà fiżika tal-infrastruttura tat-Tarka Ċibernetika Ewropea, u għandhom jiżguraw li l-infrastruttura tiġi ġestita u kkontrollata kif xieraq b'mod li titħares mit-theddid u tkun żgurata s-sigurtà tagħha u tas-sistemi, ***filwaqt li jneħħu r-riskji u jippromwovu l-vantaġġ teknoloġiku tal-UE f'setturi kritiċi, inklużi miżuri biex jirrestrinġu jew jeskludu fornituri b'riskju*** |

***għoli, kif ukoll biex jipproteġu s-sigurtà*** tad-data skambjata permezz tal-infrastruttura.

**Emenda 42**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-Istati Membri li jipparteċipaw fit-Tarka Ċibernetika Ewropea għandhom jiżguraw li l-kondiviżjoni tal-informazzjoni fi ħdan it-Tarka Ċibernetika Ewropea mal-entitajiet li mhumiex korpi pubbliċi tal-Istati Membri ma tkunx taffettwa ħażin l-interessi tas-sigurtà tal-Unjoni. | 2. L-Istati Membri li jipparteċipaw fit-Tarka Ċibernetika Ewropea għandhom jiżguraw li l-kondiviżjoni tal-informazzjoni fi ħdan it-Tarka Ċibernetika Ewropea mal-entitajiet li mhumiex korpi pubbliċi tal-Istati Membri ma tkunx taffettwa ħażin l-interessi tas-sigurtà tal-Unjoni ***u li kwalunkwe kondiviżjoni ta' informazzjoni b'fornituri b'riskju għoli hija limitata fl-iskop u ma toħloqx preġudizzju għall-interessi strateġiċi u ta' sigurtà tal-Unjoni***. |

**Emenda 43**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu rekwiżiti tekniċi biex l-Istati Membri jikkonformaw mal-obbligu tagħhom skont il-paragrafi 1 u 2. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 21(2) ta' dan ir-Regolament. Meta tagħmel dan, il-Kummissjoni, bl-appoġġ tar-Rappreżentant Għoli, għandha tqis l-istandards rilevanti tas-sigurtà fil-livell tad-difiża, biex tiffaċilita l-kooperazzjoni mal-atturi militari. | 3. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu rekwiżiti tekniċi biex l-Istati Membri jikkonformaw mal-obbligu tagħhom skont il-paragrafi 1 u 2. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 21(2) ta' dan ir-Regolament. Meta tagħmel dan, il-Kummissjoni, bl-appoġġ tar-Rappreżentant Għoli, għandha tqis l-istandards rilevanti tas-sigurtà fil-livell tad-difiża, biex tiffaċilita l-kooperazzjoni mal-atturi militari***, bl-użu xieraq tal-firxa sħiħa ta' għażliet difensivi disponibbli għall-*** |

| | |
|---|---|
| | ***komunitajiet ċivili u militari għas-sigurtà u d-difiża usa' tal-UE, u għandha tinforma lill-Parlament Ewropew.*** |

**Emenda 44**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-azzjonijiet li jimplimentaw il-Mekkaniżmu ta' Emerġenza Ċibernetika għandhom jiġu appoġġati b'finanzjament mid-DEP u jiġu implimentati f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/694 u b'mod partikolari l-Objettiv Speċifiku 3 tiegħu. | 2. L-azzjonijiet li jimplimentaw il-Mekkaniżmu ta' Emerġenza Ċibernetika għandhom jiġu appoġġati b'finanzjament mid-DEP u jiġu implimentati f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/694 u b'mod partikolari l-Objettiv Speċifiku 3 tiegħu ***u mill-Faċilità Ewropea għall-Paċi (EPF) meta jiġu pprovduti miżuri ta' assistenza lill-pajjiżi terzi, b'mod partikolari l-Ukrajna u l-Moldova;*** |

**Emenda 45**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) azzjonijiet tat-tħejjija, inkluż l-ittestjar ikkoordinat tat-tħejjija ta' entitajiet li joperaw fis-setturi kritiċi ħafna madwar l-Unjoni; | (a) azzjonijiet tat-tħejjija, inkluż l-ittestjar ikkoordinat tat-tħejjija ta' entitajiet li joperaw fis-setturi kritiċi ħafna***, bħall-infrastruttura pubblika, l-infrastruttura elettorali, it-trasport, il-kura tas-saħħa, il-finanzi, it-telekomunikazzjoni, il-provvista tal-ikel u s-sigurtà*** madwar l-Unjoni; |

**Emenda 46**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) azzjonijiet tal-assistenza reċiproka li jikkonsistu fl-għoti ta' assistenza minn | (c) azzjonijiet tal-assistenza reċiproka li jikkonsistu fl-għoti ta' assistenza minn |

| | |
|---|---|
| awtoritajiet nazzjonali ta’ Stat Membru wieħed lil Stat Membru ieħor, b’mod partikolari kif previst fl-Artikolu 11(3), il-punt (f), tad-Direttiva (UE) 2022/2555**.** | awtoritajiet nazzjonali ta’ Stat Membru wieħed lil Stat Membru ieħor, b’mod partikolari kif previst fl-Artikolu 11(3), il-punt (f), tad-Direttiva (UE) 2022/2555 ***u fil-kuntest tal-Artikolu 42(7) tat-TUE u l-Artikolu 222 tat-TFUE;*** |

**Emenda 47**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(c a) is-sostituzzjoni u t-tnaqqis gradwali ta’ tagħmir kritiku minn fornituri ta’ riskju għoli, li jmur kontra l-interessi tas-sigurtà u tad-difiża tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha kif stabbilit fil-qafas tal-PESK skont it-Titolu V tat-TUE.*** |

**Emenda 48**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-Grupp ta’ Kooperazzjoni tal-NIS b’kooperazzjoni mal-Kummissjoni, mal-ENISA ***u*** mar-Rappreżentant Għoli għandu jiżviluppa xenarji u metodoloġiji komuni tar-riskju għall-eżerċizzji tal-ittestjar ikkoordinat. | 2. Il-Grupp ta’ Kooperazzjoni tal-NIS b’kooperazzjoni mal-Kummissjoni, mal-ENISA***,*** mar-Rappreżentant Għoli***, mas-SEAE u, meta rilevanti, mal-EDA*** għandu jiżviluppa xenarji u metodoloġiji komuni tar-riskju għall-eżerċizzji tal-ittestjar ikkoordinat. |

**Emenda 49**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 2**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| 2. Ir-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE għandha tikkonsisti f'servizzi tar-rispons għall-inċidenti minn fornituri fdati magħżula f'konformità mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 16. Ir-Riżerva għandha tinkludi servizzi impenjati minn qabel. Is-servizzi għandhom ikunu jistgħu jiġu skjerati fl-Istati Membri kollha. | 2. Ir-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE għandha tikkonsisti f'servizzi tar-rispons għall-inċidenti minn fornituri fdati magħżula f'konformità mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 16. Ir-Riżerva għandha tinkludi servizzi impenjati minn qabel. Is-servizzi għandhom ikunu jistgħu jiġu skjerati fl-Istati Membri kollha ***u fil-pajjiżi terzi, li jissodisfaw ir-rekwiżiti applikabbli ta' dan ir-Regolament***. |

**Emenda 50**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 3 – punt b**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (b) l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-Unjoni. | (b) l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-Unjoni***, inklużi l-missjonijiet tal-PDSK***. |

**Emenda 51**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 4**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| 4. L-utenti msemmija fil-paragrafu 3, il-punt (a), għandhom jużaw is-servizzi mir-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE biex jirrispondu jew jappoġġaw ir-rispons u l-irkupru immedjat mill-inċidenti sinifikanti jew fuq skala kbira li jaffettwaw lill-entitajiet li joperaw fis-setturi kritiċi jew kritiċi ħafna. | 4. L-utenti msemmija fil-paragrafu 3, il-punt (a), għandhom jużaw is-servizzi mir-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE biex jirrispondu jew jappoġġaw ir-rispons u l-irkupru immedjat mill-inċidenti sinifikanti jew fuq skala kbira li jaffettwaw lill-entitajiet li joperaw fis-setturi kritiċi jew kritiċi ħafna***, bħall-infrastruttura pubblika, l-infrastruttura elettorali, it-trasport, il-kura tas-saħħa, il-finanzi, it-telekomunikazzjoni, il-provvista tal-ikel u s-sigurtà***. |

**Emenda 52**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Il-Kummissjoni għandu jkollha responsabbiltà ġenerali għall-implimentazzjoni tar-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE. Il-Kummissjoni għandha tiddetermina l-prijoritajiet u l-evoluzzjoni tar-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE, f'konformità mar-rekwiżiti tal-utenti msemmija fil-paragrafu 3, u għandha tissorvelja l-implimentazzjoni tagħha, u tiżgura l-kumplimentarjetà, il-konsistenza, is-sinerġiji u r-rabtiet ma' azzjonijiet oħra ta' appoġġ skont dan ir-Regolament, u azzjonijiet u programmi oħra tal-Unjoni. | 5. Il-Kummissjoni għandu jkollha responsabbiltà ġenerali għall-implimentazzjoni tar-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE. Il-Kummissjoni għandha tiddetermina l-prijoritajiet u l-evoluzzjoni tar-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE, f'konformità mar-rekwiżiti tal-utenti msemmija fil-paragrafu 3, u għandha tissorvelja l-implimentazzjoni tagħha, u tiżgura l-kumplimentarjetà, il-konsistenza, is-sinerġiji u r-rabtiet ma' azzjonijiet oħra ta' appoġġ skont dan ir-Regolament, u azzjonijiet u programmi oħra tal-Unjoni ***u l-objettivi, b'mod partikolari l-objettiv strateġiku tat-tnaqqis tad-dipendenzi fuq fornituri b'riskju għoli, li jmorru kontra l-interessi ta' sigurtà u difiża tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha kif stabbilit fil-qafas tal-PESK skont it-Titolu V tat-TUE***. |

**Emenda 53**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Biex tappoġġa lill-Kummissjoni fl-istabbiliment tar-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE, l-ENISA għandha tħejji mmappjar tas-servizzi meħtieġa, wara li tikkonsulta lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni. L-ENISA għandha tħejji ***immappjar*** simili, wara li tikkonsulta lill-Kummissjoni, biex tidentifika l-ħtiġijiet tal-pajjiżi terzi eliġibbli għal appoġġ mir-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE skont l-Artikolu 17. Il-Kummissjoni, meta rilevanti, għandha | 7. Biex tappoġġa lill-Kummissjoni fl-istabbiliment tar-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE, l-ENISA għandha tħejji mmappjar tas-servizzi meħtieġa, wara li tikkonsulta lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni. L-ENISA għandha tħejji ***mmappjar*** simili, wara li tikkonsulta lill-Kummissjoni, biex tidentifika l-ħtiġijiet tal-pajjiżi terzi eliġibbli għal appoġġ mir-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE skont l-Artikolu 17***, appoġġata mis-SEAE***. Il-Kummissjoni, meta rilevanti, għandha tikkonsulta lir- |

| | |
|---|---|
| tikkonsulta lir-Rappreżentant Għoli. | Rappreżentant Għoli. |

**Emenda 54**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 2 – punt aa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(aa) l-impatt tal-inċident fuq is-sigurtà u d-difiża tal-Unjoni;*** |

**Emenda 55**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. B'konsultazzjoni mar-Rappreżentant Għoli, l-appoġġ mill-Mekkaniżmu ta' Emerġenza Ċibernetika jista' jikkumplimenta l-assistenza pprovduta fil-kuntest tal-Politika Estera u tas-Sigurtà Komuni u l-Politika tas-Sigurtà u tad-Difiża Komuni, inkluż permezz tat-Timijiet tar-Rispons Rapidu Ċibernetiku. Jista' jikkumplimenta jew jikkontribwixxi wkoll għall-assistenza mogħtija minn Stat Membru lil Stat Membru ieħor fil-kuntest tal-Artikolu 42(7) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. | 3. B'konsultazzjoni mar-Rappreżentant Għoli, l-appoġġ mill-Mekkaniżmu ta' Emerġenza Ċibernetika jista' jikkumplimenta l-assistenza pprovduta fil-kuntest tal-Politika Estera u tas-Sigurtà Komuni u l-Politika tas-Sigurtà u tad-Difiża Komuni, inkluż permezz tat-Timijiet tar-Rispons Rapidu Ċibernetiku ***(CRRTs) sabiex jappoġġa aħjar l-Istati Membri tal-UE, il-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK u dawk il-pajjiżi terzi allinjati mal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni u mal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni tal-UE, fl-isforzi tagħhom għall-bini tal-kapaċità ta' ċiberdifiża, b'mod partikolari l-Ukrajna u l-Moldova***. Jista' jikkumplimenta jew jikkontribwixxi wkoll għall-assistenza mogħtija minn Stat Membru lil Stat Membru ieħor fil-kuntest tal-Artikolu 42(7) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. |

**Emenda 56**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 2 – punt ba (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(a a) il-fornitur għandu juri li d-deċiżjoni u l-istrutturi ta' ġestjoni tiegħu huma ħielsa minn kwalunkwe influwenza indebita minn gvernijiet tal-istat, li jmur kontra l-interessi tas-sigurtà u tad-difiża tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha kif stabbilit fil-qafas tal-PESK skont it-Titolu V tat-TUE;*** |

**Emenda 57**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 2 – punt f**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (f) il-fornitur għandu jkun attrezzat bit-tagħmir tekniku tal-hardware u tas-software meħtieġ biex jappoġġa s-servizz mitlub; | (f) il-fornitur għandu jkun attrezzat bit-tagħmir tekniku tal-hardware u tas-software meħtieġ biex jappoġġa s-servizz mitlub ***u jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu X tar-Regolament XX/XXXX (Att dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika)***; |

**Emenda 58**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 2 – punt j (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(j a) L-ebda fornitur li joriġina minn pajjiż terz b'riskju għoli ma għandu jkun ammissibbli.*** |

**Emenda 59**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 2 – punt jb (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|

| | |
|---|---|
| | *(j b) il-fornitur għandu jkun f'kooperazzjoni mill-qrib mal-SMEs rilevanti, meta possibbli;* |

**Emenda 60**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 17 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Pajjiżi terzi jistgħu jitolbu appoġġ mir-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE meta ***l-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni konklużi għall-parteċipazzjoni tagħhom fid-DEP ikunu jipprevedu dan.*** | 1. Pajjiżi terzi jistgħu jitolbu appoġġ mir-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE meta***:*** |
| | ***a) il-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni konklużi għall-parteċipazzjoni tagħhom fid-DEP ikunu jipprevedu dan;*** |
| | ***b) dawk il-pajjiżi terzi meta Missjoni tal-PSDK tkun skjerata b'mandat speċifiku biex tissaħħaħ ir-reżiljenza għat-theddid ibridu inkluż iċ-ċibersigurtà jew meta Miżura ta' Assistenza tal-EPF tiġi adottata biex issaħħaħ ir-reżiljenza ċibernetika tal-pajjiż.*** |

**Emenda 61**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 17 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-appoġġ mir-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE għandu jkun konformi ma' dan ir-Regolament u ma' kull kundizzjoni speċifika stabbilita fil-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni msemmija fil-paragrafu 1. | 2. L-appoġġ mir-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE għandu jkun konformi ma' dan ir-Regolament u ma' kull kundizzjoni speċifika stabbilita fil-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni msemmija fil-paragrafu ***ħlief għal dawk il-pajjiżi terzi koperti bid-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu*** 1***(b)***. |

**Emenda 62**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 18 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Meta tintalab mill-Kummissjoni, mill-EU-CyCLONe jew min-network tas-CSIRTs, l-ENISA għandha tirrieżamina u tivvaluta t-theddid, il-vulnerabbiltajiet u l-azzjonijiet tal-mitigazzjoni fir-rigward ta' xi inċident taċ-ċibersigurtà sinifikanti jew fuq skala kbira speċifiku. Wara t-tlestija tar-rieżami u tal-valutazzjoni tal-inċident, l-ENISA għandha tibgħat ir-rapport tar-rieżami tal-inċident lin-network tas-CSIRTs, lill-EU-CyCLONe u lill-Kummissjoni biex tappoġġahom fit-twettiq ta' dmirijiethom, b'mod partikolari fid-dawl ta' dawk stabbiliti fl-Artikoli 15 u 16 tad-Direttiva (UE) 2022/2555. Meta rilevanti, il-Kummissjoni għandha tikkondividi r-rapport mar-Rappreżentant Għoli. | 1. Meta tintalab mill-Kummissjoni, mill-EU-CyCLONe jew min-network tas-CSIRTs, l-ENISA għandha tirrieżamina u tivvaluta t-theddid, il-vulnerabbiltajiet u l-azzjonijiet tal-mitigazzjoni fir-rigward ta' xi inċident taċ-ċibersigurtà sinifikanti jew fuq skala kbira speċifiku. Wara t-tlestija tar-rieżami u tal-valutazzjoni tal-inċident, l-ENISA għandha tibgħat ir-rapport tar-rieżami tal-inċident lin-network tas-CSIRTs, lill-EU-CyCLONe u lill-Kummissjoni biex tappoġġahom fit-twettiq ta' dmirijiethom, b'mod partikolari fid-dawl ta' dawk stabbiliti fl-Artikoli 15 u 16 tad-Direttiva (UE) 2022/2555. Meta rilevanti, ***speċjalment meta l-inċident jirrelata ma' pajjiż terz,*** il-Kummissjoni għandha tikkondividi r-rapport mar-Rappreżentant Għoli ***u mas-SEAE***. |

**Emenda 63**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 18 – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Ir-rapport għandu jintbagħat lill-Parlament Ewropew f'konformità mal-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali dwar il-protezzjoni tal-informazzjoni sensittiva klassifikata.*** |

**Emenda 64**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 19 – paragrafu 1 – punt 1 – punt 1**

Regolament (UE) 2021/694
Artikolu 6, paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (aa) tappoġġa l-iżvilupp tat-Tarka Ċibernetika tal-UE, inkluż l-iżvilupp, l-użu u l-operat tal-pjattaformi tal-SOCs nazzjonali u transfruntieri li jikkontribwixxu għall-għarfien sitwazzjonali fl-Unjoni u biex jissaħħu l-kapaċitajiet tal-intelligence dwar it-theddid ċibernetiku tal-Unjoni; | (aa) tappoġġa l-iżvilupp tat-Tarka Ċibernetika tal-UE, inkluż l-iżvilupp, l-użu u l-operat tal-pjattaformi tal-SOCs nazzjonali u transfruntieri li jikkontribwixxu għall-għarfien sitwazzjonali fl-Unjoni u biex jissaħħu l-kapaċitajiet tal-intelligence dwar it-theddid ċibernetiku tal-Unjoni ***u titnaqqas id-dipendenza tal-Unjoni fuq fornituri b'riskju għoli ta' komponenti jew tagħmir kritiku ta' ċibersigurtà, li jmorru kontra l-interessi ta' sigurtà u difiża tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha kif stabbilit fil-qafas tal-PESK skont it-Titolu V tat-TUE***; |

**Emenda 65**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 20 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Sa [***erba'*** snin wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar l-evalwazzjoni u r-rieżami ta' dan ir-Regolament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. | Sa [***tliet*** snin wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament ***u kull sentejn wara dan***], il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar l-evalwazzjoni u r-rieżami ta' dan ir-Regolament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. |

## PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Referenzi** | COM(2023)0209 – C9-0136/2023 – 2023/0109(COD) |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | ITRE<br>1.6.2023 |
| **Opinjoni(jiet) mogħtija minn**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | AFET<br>1.6.2023 |
| **Rapporteur għal opinjoni**<br>Data tal-ħatra | Dragoş Tudorache<br>16.6.2023 |
| **Eżami fil-kumitat** | 18.9.2023 |
| **Data tal-adozzjoni** | 24.10.2023 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 39<br>–: 4<br>0: 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Alexander Alexandrov Yordanov, Petras Auštrevičius, Traian Băsescu, Anna Bonfrisco, Włodzimierz Cimoszewicz, Katalin Cseh, Michael Gahler, Giorgos Georgiou, Sunčana Glavak, Bernard Guetta, Sandra Kalniete, Dietmar Köster, Andrius Kubilius, David Lega, Leopoldo López Gil, Jaak Madison, Pedro Marques, David McAllister, Vangelis Meimarakis, Sven Mikser, Francisco José Millán Mon, Matjaž Nemec, Demetris Papadakis, Kostas Papadakis, Tonino Picula, Thijs Reuten, Nacho Sánchez Amor, Andreas Schieder, Jordi Solé, Sergei Stanishev, Tineke Strik, Dominik Tarczyński, Dragoş Tudorache, Thomas Waitz, Bernhard Zimniok, Željana Zovko |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Attila Ara-Kovács, Lars Patrick Berg, Andrey Kovatchev, Georgios Kyrtsos, Sergey Lagodinsky, Giuliano Pisapia, Mick Wallace |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| 39 | + |
|---|---|
| ECR | Lars Patrick Berg, Dominik Tarczyński |
| ID | Anna Bonfrisco, Jaak Madison |
| PPE | Alexander Alexandrov Yordanov, Traian Băsescu, Michael Gahler, Sunčana Glavak, Sandra Kalniete, Andrey Kovatchev, Andrius Kubilius, David Lega, Leopoldo López Gil, David McAllister, Vangelis Meimarakis, Francisco José Millán Mon, Željana Zovko |
| Renew | Petras Auštrevičius, Katalin Cseh, Bernard Guetta, Georgios Kyrtsos, Dragoş Tudorache |
| S&D | Attila Ara-Kovács, Włodzimierz Cimoszewicz, Dietmar Köster, Pedro Marques, Sven Mikser, Matjaž Nemec, Demetris Papadakis, Tonino Picula, Giuliano Pisapia, Thijs Reuten, Nacho Sánchez Amor, Andreas Schieder, Sergei Stanishev |
| Verts/ALE | Sergey Lagodinsky, Jordi Solé, Tineke Strik, Thomas Waitz |

| 4 | - |
|---|---|
| ID | Bernhard Zimniok |
| NI | Kostas Papadakis |
| The Left | Giorgos Georgiou, Mick Wallace |

| 0 | 0 |
|---|---|
| | |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni

25.10.2023

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAT-TRASPORT U T-TURIŻMU

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi miżuri li jsaħħu s-solidarjetà u l-kapaċitajiet fl-Unjoni tad-detezzjoni, it-tħejjija u r-rispons għat-theddid u l-inċidenti taċ-ċibersigurtà
(COM(2023)0209 – C9-0136/2023 – 2023/0109(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Gheorghe Falcă

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

L-organizzazzjonijiet affettwati minn attakki ċibernetiċi, inkluż fis-settur tat-trasport, rarament jirrappurtawhom, speċjalment il-kumpaniji tas-settur privat, peress li għandhom it-tendenza li jarawhom bħala "pubbliċità ħażina". Il-parti l-kbira tal-organizzazzjonijiet jippreferu jittrattawhom internament, u ħafna drabi huma l-aggressuri li jippubbliċizzawhom. Fl-UE, l-aħbar it-tajba hija li bid-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 2022/2555 dwar is-sigurtà tan-networks (magħrufa bħala d-"Direttiva NIS2"), li l-Istati Membri għandhom sa Ottubru 2024 biex jittrasponuha, l-obbligi tar-rappurtar tal-inċidenti fl-Istati Membri kollha huma armonizzati. Għalhekk, fis-snin li ġejjin x'aktarx li n-natura u l-iskala tal-problema jibdew jinftiehmu aħjar.

L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà (ENISA) ippubblikat rapport reċenti1 li jagħti informazzjoni dwar it-theddid għaċ-ċibersigurtà fis-settur tat-trasport, fejn tenfasizza li ċ-ċiberkriminali kienu responsabbli għal aktar minn nofs l-inċidenti osservati fil-perjodu ta' rapportar tal-2022 (55 %) u li l-motivazzjoni ewlenija wara dawn l-attakki kienet il-gwadann finanzjarju. Hija tinnota wkoll li l-biċċa l-kbira tal-attakki ċibernetiċi fis-settur tat-trasport huma mmirati lejn sistemi tal-IT u li jikkawżaw tfixkil operazzjonali.

Rigward it-tħejjija u r-rispons għall-inċidenti taċ-ċibersigurtà, l-appoġġ kurrenti fil-livell tal-Unjoni u s-solidarjetà bejn l-Istati Membri huma limitati. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Mejju 2022 enfasizzaw il-ħtieġa li dawn il-lakuni jiġu indirizzati, billi fihom sar appell lill-Kummissjoni biex tressaq proposta dwar **Fond ta' Rispons għal Emerġenza taċ-Ċibersigurtà ġdid**[2].

[1] "Understanding Cyber Threats in Transport" (Nifhmu t-Theddid Ċibernetiku fit-Trasport), ENISA, ippubblikat fil-21 ta' Marzu, 2023.
[2] Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-iżvilupp tal-pożizzjoni ċibernetika tal-Unjoni Ewropea tat-23 ta' Mejju 2022 (9364/22).

Dan ir-Regolament jimplimenta l-**Istrateġija tal-UE dwar iċ-Ċibersigurtà** adottata f'Diċembru 2020 u li ħabbret il-ħolqien ta' **Tarka Ċibernetika Ewropea** li ssaħħaħ il-kapaċitajiet tad-detezzjoni tat-theddid ċibernetiku u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni fl-Unjoni Ewropea permezz ta' federazzjoni ta' Ċentri tal-Operazzjonijiet tas-Sigurtà (SOCs) nazzjonali u transfruntiera. L-azzjonijiet ta' dan ir-Regolament se jiġu appoġġati b'**finanzjament fil-qafas tal-Objettiv Strateġiku "Ċibersigurtà" tad-DEP (Programm Ewropa Diġitali**).

Il-baġit totali jinkludi żieda ta' EUR 100 miljun li dan ir-Regolament jipproponi li jiġu riallokati minn objettivi strateġiċi oħra tad-DEP. Dan se jwassal sabiex l-ammont totali l-ġdid disponibbli għall-azzjonijiet taċ-ċibersigurtà fil-qafas tad-DEP jitla' għal EUR 842,8 miljun.

Parti miż-żieda ta' EUR 100 miljun se ssaħħaħ il-baġit immaniġġjat miċ-Ċentru Ewropew ta' Kompetenza fil-qasam taċ-Ċibersigurtà (ECCC) biex jiġu implimentati azzjonijiet rigward l-SOCs u t-tħejjija bħala parti mill-programmi ta' ħidma tagħhom. Barra minn hekk, il-finanzjament addizzjonali se jservi biex jiġi appoġġat it-twaqqif tar-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE. Dan jikkomplementa l-baġit diġà previst għal azzjonijiet simili tad-DEP ewlieni u tal-Programm ta' Ħidma taċ-Ċibersigurtà tad-DEP għall-perjodu 2023-2027 li jista' jtella' l-ammont totali għal EUR 551 miljun għall-2023-2027, filwaqt li diġà ġew iddedikati EUR 115-il miljun fil-forma ta' proġetti pilota għall-2021-2022. Bl-inklużjoni tal-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri, il-baġit globali jista' jammonta għal EUR 1,109 biljun.

**Il-pożizzjoni tar-Rapporteur**

Ir-Rapporteur jilqa' l-proposta l-ġdida u jemmen li din se toffri benefiċċji sinifikanti lid-diversi partijiet ikkonċernati. Ir-Rapporteur jissottolinja l-bżonn li wieħed jifhem aktar fil-fond il-ħtiġijiet u r-rekwiżiti taċ-ċibersigurtà tat-trasport, kif ukoll li l-entitajiet kritiċi tat-trasport jingħataw aċċess għal finanzjament xieraq għat-tħejjija, ir-rispons u s-soluzzjoni ta' inċidenti.

Ir-rapporteur japprova s-"sett ta' għodod taċ-ċibersigurtà tat-trasport", li għandu l-għan li jikkontribwixxi għal livelli akbar ta' għarfien ċibernetiku u iġjene ċibernetika, b'enfasi speċifika fuq is-settur tat-trasport. Dan jindirizza lill-organizzazzjonijiet tat-trasport, irrispettivament mid-daqs u l-qasam tal-attività tagħhom, kif ukoll iqis l-infrastruttura kritika tat-trasport u l-mobbiltà militari, b'mod partikolari fir-rigward tal-gwerra fl-Ukrajna, speċjalment iżda mhux limitat għal:

- It-trasportaturi tal-ajru, il-korpi ta' tmexxija tal-ajruporti, l-ajruporti ewlenin, iċ-ċentri tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru u tal-kontroll tat-traffiku tal-ajru, l-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea u l-Eurocontrol;
- Il-maniġers tal-infrastruttura, l-impriżi ferrovjarji u s-Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovjarju (ERTMS);
- Kumpaniji għat-trasport ta' passiġġieri u merkanzija fuq l-ilma fl-ilmijiet interni, marittimi u kostali, korpi ta' tmexxija ta' portijiet, inklużi l-faċilitajiet tal-port tagħhom, entitajiet li joperaw xogħlijiet u tagħmir fil-portijiet, operaturi ta' servizzi tat-traffiku tal-bastimenti;
- L-awtoritajiet tat-toroq responsabbli għall-kontroll tal-ġestjoni tat-traffiku, l-operaturi tas-Sistemi ta' Trasport Intelliġenti;
- Is-Servizzi postali u ta' kurrier.

Ir-Rapporteur jemmen li d-daqs tal-baġit għall-funzjonament tal-**Fond ta' Rispons għal Emerġenza taċ-Ċibersigurtà** (ERFC) se jiddetermina s-suċċess tiegħu; għalhekk, għandu jkun kbir biżżejjed biex jappoġġa lill-Istati Membri **fit-tħejjija** għall-inċidenti taċ-ċibersigurtà sinifikanti u fuq skala kbira, **fir-rispons** għalihom, u **fl-irkupru** minnhom; L-appoġġ għar-rispons għall-inċidenti għandu jkun disponibbli wkoll għall-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni.

It-**Tarka Ċibernetika Ewropea** se ttejjeb il-kapaċitajiet tad-detezzjoni tat-theddid ċibernetiku tal-Istati Membri. Il-**Mekkaniżmu ta' Emerġenza Ċibernetika** se jikkomplementa l-azzjonijiet tal-Istati Membri permezz ta' appoġġ ta' emerġenza għat-tħejjija u r-rispons u sabiex immedjatament il-funzjonament tas-servizzi essenzjali jiġi rkuprat jew jerġa' jinkiseb mill-ġdid.

## EMENDA

Il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin:

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) Id-daqs, il-frekwenza u l-impatt tal-inċidenti taċ-ċibersigurtà qed jiżdiedu, inkluż l-attakki fil-katina tal-provvista maħsuba għal ċiberspjunaġġ, ***ransoware*** jew tfixkil. Dawn jirrappreżentaw theddida kbira għall-funzjonament tas-sistemi tan-networks u tal-informazzjoni. Fid-dawl tax-xenarju tat-theddid li tant qed jevolvi malajr, it-theddid ta' inċidenti possibbli fuq skala kbira li jikkawżaw tfixkil sinifikanti jew ħsara lill-infrastrutturi kritiċi teżiġi tħejjija akbar f'kull livell tal-qafas taċ-ċibersigurtà tal-Unjoni. Dik it-theddida tmur lil hinn mill-aggressjoni militari Russa fl-Ukrajna, u aktarx tissokta minħabba l-għadd kbir ta' atturi allinjati mal-istat, kriminali u hacktivists involuti fit-tensjonijiet ġeopolitiċi attwali. Inċidenti bħal dawn jistgħu jxekklu l-forniment tas-servizzi pubbliċi u t-twettiq tal-attivitajiet ekonomiċi, inkluż fis-setturi kritiċi jew kritiċi ħafna, jiġġeneraw telf finanzjarju sostanzjali, jimminaw il-fiduċja tal-utenti, jikkawżaw ħsara kbira lill-ekonomija tal-Unjoni, u jistgħu jħallu wkoll konsegwenzi fuq is-saħħa jew li jipperikolaw il-ħajjiet. Barra minn hekk, l-inċidenti taċ-ċibersigurtà huma imprevedibbli għax spiss ifeġġu u jevolvu f'perjodi qosra ħafna, ma jkunux biss f'xi żona ġeografika speċifika, u jseħħu f'daqqa jew jinfirxu mill-ewwel f'ħafna pajjiżi. | (2) Id-daqs, il-frekwenza u l-impatt tal-inċidenti taċ-ċibersigurtà qed jiżdiedu, inkluż l-attakki fil-katina tal-provvista maħsuba għal ċiberspjunaġġ, ***ransomware*** jew tfixkil. Dawn jirrappreżentaw theddida kbira għall-funzjonament tas-sistemi tan-networks u tal-informazzjoni***, kif ukoll għall-infrastruttura kritika tal-IT*** u ***dik fiżika***. Fid-dawl tax-xenarju tat-theddid li tant qed jevolvi malajr, it-theddid ta' inċidenti possibbli fuq skala kbira li jikkawżaw tfixkil sinifikanti jew ħsara lill-infrastrutturi kritiċi teżiġi tħejjija akbar f'kull livell tal-qafas taċ-ċibersigurtà tal-Unjoni. Dik it-theddida tmur lil hinn mill-aggressjoni militari Russa fl-Ukrajna, u aktarx tissokta minħabba l-għadd kbir ta' atturi allinjati mal-istat, kriminali u hacktivists involuti fit-tensjonijiet ġeopolitiċi attwali. Inċidenti bħal dawn jistgħu jxekklu l-forniment tas-servizzi pubbliċi***, tat-trasport pubbliku u privat,*** u t-twettiq tal-attivitajiet ekonomiċi, inkluż fis-setturi kritiċi jew kritiċi ħafna, jiġġeneraw telf finanzjarju sostanzjali, jimminaw il-fiduċja tal-utenti, jikkawżaw ħsara kbira lill-ekonomija tal-Unjoni***, kif ukoll lill-mobbiltà fi ħdan l-Unjoni***, u jistgħu jħallu wkoll konsegwenzi fuq is-saħħa jew li jipperikolaw il-ħajjiet. Barra minn hekk, l-inċidenti taċ-ċibersigurtà huma imprevedibbli għax spiss ifeġġu u jevolvu f'perjodi qosra ħafna, ma jkunux biss f'xi żona ġeografika speċifika, u jseħħu f'daqqa jew jinfirxu mill-ewwel f'ħafna pajjiżi. |

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 2a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(2a) Theddida dejjem aktar serja għaċ-ċibersigurtà hija imposta fuq is-settur tat-trasport minn atturi sponsorjati mill-Istat, miċ-ċiberkriminali u minn hacktivists li jimmiraw fuq awtoritajiet, operaturi, manifatturi, fornituri u fornituri tas-servizzi fit-trasport bl-ajru, marittimu, ferrovjarju u bit-triq. Fl-2022, l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà (ENISA) osservat żieda ta' 25 % fl-għadd medju ta' inċidenti rrapportati kull xahar li jaffettwaw is-settur tat-trasport, meta mqabbel mal-livelli tal-2021. Il-maġġoranza tal-attakki fuq is-settur tat-trasport huma mmirati lejn is-sistemi tat-teknoloġija tal-informazzjoni (IT), u b'riżultat ta' dan jista' jseħħ tfixkil operazzjonali[14a].*** |
| | ***[14a] ENISA (2023), ENISA threat landscape: Transport sector, paġni 7 u 17.*** |

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 2b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(2b) L-invażjoni mhux provokata tal-Ukrajna mir-Russja ddeterminat żieda sinifikanti ta' inċidenti taċ-ċibersigurtà, inklużi attakki ċibernetiċi distribwiti ta' ċaħda tas-servizz (DDoS), immirati lejn is-settur tat-trasport fl-UE u żoni qrib l-UE, prinċipalment ajruporti, ferroviji u awtoritajiet tat-trasport[14b]. Din iż-żieda fl-attakki aktarx li tkompli.*** |

| | |
|---|---|
| | ***[14b] ENISA (2023), ENISA threat landscape: Transport sector, paġna 9.*** |

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 2c (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(2c) L-attakki ċibernetiċi huma mmirati lejn awtoritajiet u korpi fis-subsetturi kollha tat-trasport, fejn l-impriżi ferrovjarji u l-maniġers tal-infrastruttura kif ukoll l-operaturi tal-portijiet jintlaqtu. Fir-rigward tas-settur tat-toroq, kienu fil-mira l-fabbrikanti tat-tagħmir oriġinali (OEMs), il-fornituri u l-fornituri tas-servizzi, flimkien ma' operaturi tat-trasport pubbliku. Fis-settur tal-avjazzjoni, il-miri ewlenin kienu l-linji tal-ajru u l-operaturi tal-ajruporti, segwiti mill-fornituri tas-servizzi, l-operaturi tat-trasport bis-superfiċje u l-katina tal-provvista[14c].*** |
| | ***[14c] ENISA (2023), ENISA threat landscape: Transport sector, paġna 17.*** |

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) Jeħtieġ tissaħħaħ il-pożizzjoni kompetittiva tas-setturi tal-industrija u tas-servizzi fl-Unjoni fl-ekonomija diġitali kollha u li tiġi appoġġata t-trasformazzjoni diġitali tagħhom, billi jissaħħaħ il-livell taċ-ċibersigurtà fis-Suq Uniku Diġitali. Kif rakkomandat fi tliet proposti differenti tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa[16], jeħtieġ tiżdied ir-reżiljenza taċ-ċittadini, | (3) Jeħtieġ tissaħħaħ il-pożizzjoni kompetittiva tas-setturi tal-industrija u tas-servizzi fl-Unjoni fl-ekonomija diġitali kollha u li tiġi appoġġata t-trasformazzjoni diġitali tagħhom, billi jissaħħaħ il-livell taċ-ċibersigurtà fis-Suq Uniku Diġitali. Kif rakkomandat fi tliet proposti differenti tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa[16], jeħtieġ tiżdied ir-reżiljenza taċ-ċittadini, |

tan-negozji u tal-entitajiet li joperaw infrastrutturi kritiċi kontra t-theddid dejjem akbar taċ-ċibersigurtà, li jista' jkollu impatti soċjetali u ekonomiċi devastanti. Għalhekk, jeħtieġ isir investiment fl-infrastrutturi u fis-servizzi li se jappoġġaw id-detezzjoni u r-rispons aktar malajr għat-theddid u l-inċidenti taċ-ċibersigurtà, u l-Istati Membri jeħtieġu l-assistenza biex iħejju ruħhom u jirrispondu aħjar għall-inċidenti sinifikanti u fuq skala kbira taċ-ċibersigurtà. L-Unjoni jenħtieġ li żżid ukoll il-kapaċitajiet tagħha f'dawn l-oqsma, b'mod partikolari fir-rigward tal-ġbir u l-analiżi tad-data dwar it-theddid u l-inċidenti taċ-ċibersigurtà.

[16] https://futureu.europa.eu/en/

tan-negozji***, tal-operaturi tat-trasport*** u tal-entitajiet li joperaw infrastrutturi kritiċi kontra t-theddid dejjem akbar taċ-ċibersigurtà, li jista' jkollu impatti soċjetali u ekonomiċi devastanti. Għalhekk, jeħtieġ isir investiment fl-infrastrutturi u fis-servizzi li se jappoġġaw id-detezzjoni u r-rispons aktar malajr għat-theddid u l-inċidenti taċ-ċibersigurtà, u l-Istati Membri jeħtieġu l-assistenza biex iħejju ruħhom u jirrispondu aħjar għall-inċidenti sinifikanti u fuq skala kbira taċ-ċibersigurtà. L-Unjoni jenħtieġ li żżid ukoll il-kapaċitajiet tagħha f'dawn l-oqsma, b'mod partikolari fir-rigward tal-ġbir u l-analiżi tad-data dwar it-theddid u l-inċidenti taċ-ċibersigurtà***, kif ukoll dwar l-istat u l-evoluzzjoni tas-suq tax-xogħol taċ-ċibersigurtà peress li taqdi rwol strumentali fl-għoti tas-servizzi meħtieġa ta' detezzjoni u rispons***.

[16] https://futureu.europa.eu/en/

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) L-Unjoni diġà ħadet għadd ta' miżuri biex tnaqqas il-vulnerabbiltajiet u żżid ir-reżiljenza tal-infrastrutturi u l-entitajiet kritiċi kontra r-riskji taċ-ċibersigurtà, b'mod partikolari d-Direttiva (UE) 2022/2555 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[17], ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1584[18], id-Direttiva 2013/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[19] u r-Regolament (UE) 2019/881 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[20]. Barra minn hekk, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar approċċ ikkoordinat għall-Unjoni kollha li jsaħħaħ ir-reżiljenza tal-infrastruttura kritika, tistieden lill-Istati Membri jieħdu miżuri urġenti u effettivi u jikkooperaw | (4) L-Unjoni diġà ħadet għadd ta' miżuri biex tnaqqas il-vulnerabbiltajiet u żżid ir-reżiljenza tal-infrastrutturi u l-entitajiet kritiċi kontra r-riskji taċ-ċibersigurtà, b'mod partikolari d-Direttiva (UE) 2022/2555 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[17], ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1584[18], id-Direttiva 2013/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[19] u r-Regolament (UE) 2019/881 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[20]***, kif ukoll il-proposta għal Regolament dwar linji gwida għall-iżvilupp tan-network trans-Ewropew tat-trasport, u l-proposta għal Regolament dwar ir-rekwiżiti orizzontali taċ-ċibersigurtà għall-prodotti b'elementi*** |

lealment, b'mod effiċjenti, bis-solidarjetà u b'mod ikkoordinat bejniethom, mal-Kummissjoni, ma' awtoritajiet pubbliċi rilevanti oħra, u mal-entitajiet ikkonċernati, biex isaħħu r-reżiljenza tal-infrastruttura kritika użata biex jingħataw servizzi essenzjali fis-suq intern.

***diġitali (l-Att dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika)***. Barra minn hekk, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar approċċ ikkoordinat għall-Unjoni kollha li jsaħħaħ ir-reżiljenza tal-infrastruttura kritika, tistieden lill-Istati Membri jieħdu miżuri urġenti u effettivi u jikkooperaw lealment, b'mod effiċjenti, bis-solidarjetà u b'mod ikkoordinat bejniethom, mal-Kummissjoni, ma' awtoritajiet pubbliċi rilevanti oħra, u mal-entitajiet ikkonċernati, biex isaħħu r-reżiljenza tal-infrastruttura kritika użata biex jingħataw servizzi essenzjali fis-suq intern.

---

[17] Id-Direttiva (UE) 2022/2555 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni kollha, li temenda r-Regolament (UE) Nru 910/2014 u d-Direttiva (UE) 2018/1972, u li tħassar id-Direttiva (UE) 2016/1148 (ĠU L 333, 27.12.2022).

[18] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1584 tat-13 ta' Settembru 2017 dwar Rispons Koordinat għal Inċidenti u Kriżijiet taċ-Ċibersigurtà fuq Skala Kbira (ĠU L 239, 19.9.2017, p. 36).

[19] Id-Direttiva 2013/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Awwissu 2013 dwar attakki kontra s-sistemi tal-informazzjoni u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2005/222/ĠAI (ĠU L 218, 14.8.2013, p. 8).

[20] Ir-Regolament (UE) 2019/881 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar l-ENISA (l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà) u dwar iċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 526/2013 (l-Att dwar iċ-Ċibersigurtà) (ĠU L 151, 7.6.2019, p. 15).


[17] Id-Direttiva (UE) 2022/2555 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni kollha, li temenda r-Regolament (UE) Nru 910/2014 u d-Direttiva (UE) 2018/1972, u li tħassar id-Direttiva (UE) 2016/1148 (ĠU L 333, 27.12.2022).

[18] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1584 tat-13 ta' Settembru 2017 dwar Rispons Koordinat għal Inċidenti u Kriżijiet taċ-Ċibersigurtà fuq Skala Kbira (ĠU L 239, 19.9.2017, p. 36).

[19] Id-Direttiva 2013/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Awwissu 2013 dwar attakki kontra s-sistemi tal-informazzjoni u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2005/222/ĠAI (ĠU L 218, 14.8.2013, p. 8).

[20] Ir-Regolament (UE) 2019/881 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar l-ENISA (l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà) u dwar iċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 526/2013 (l-Att dwar iċ-Ċibersigurtà) (ĠU L 151, 7.6.2019, p. 15).


**Emenda 7**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 4a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(4a) Filwaqt li wieħed jilqa' s-Sett ta' Għodod taċ-Ċibersigurtà tat-Trasport tal-Kummissjoni Ewropea[2a], li fih informazzjoni bażika dwar theddid li jista' jaffettwa lill-organizzazzjonijiet tat-trasport (diffużjoni tal-malware, ċaħda tas-servizz, aċċess mhux awtorizzat u serq, u manipulazzjoni tas-software) u jelenka prattiki tajbin ta' mitigazzjoni, jenħtieġ li l-operaturi tat-trasport jingħataw taħriġ xieraq dwar iċ-ċibersigurtà u għodod xierqa biex jipprevjenu t-theddid ċibernetiku. Jenħtieġ li l-baġit tal-Unjoni jkopri wkoll l-appoġġ, bħat-taħriġ, ipprovdut mill-ENISA biex l-operaturi tat-trasport ikunu jistgħu jimplimentaw b'mod effettiv l-aħjar prattiki ta' mitigazzjoni, inklużi fis-Sett ta' Għodod.*** |
| | ***[1a] ENISA threat landscape: Transport sector / ENISA, Marzu 2023*** |
| | ***[2a] Il-Kummissjoni Ewropea (2021). Transport Cybersecurity Toolkit, disponibbli fuq https://transport.ec.europa.eu/transport-themes/security-safety/cybersecurity_en*** |

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 4a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(4a) Approċċ ikkoordinat għall-Unjoni kollha biex jissaħħu l-istat ta' tħejjija u r-reżiljenza tal-infrastruttura kritika, bħall-infrastruttura tat-trasport, jibbaża ruħu fuq il-bini tal-kapaċità tal-Istati Membri. Kif rikonoxxut fil-komunikazzjoni reċenti tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill "Inxejnu d-distakk tat-talent*** |

***fiċ-ċibersigurtà biex nixprunaw il-kompetittività, it-tkabbir u r-reżiljenza tal-UE"[19a], is-sigurtà tal-UE ma tistax tkun garantita mingħajr l-aktar assi prezzjuż tal-UE: niesha stess.***

***[19a] Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill "Inxejnu d-distakk tat-talent fiċ-ċibersigurtà biex nixprunaw il-kompetittività, it-tkabbir u r-reżiljenza tal-UE" ("L-Akkademja tal-Ħiliet fiċ-Ċibersigurtà" ) COM(2023)207 final***

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (12) Biex jiġu evitati, ivvalutati u indirizzati b'mod aktar effettiv it-theddid u l-inċidenti ċibernetiċi, jeħtieġ jiġi żviluppat għarfien aktar komprensiv dwar it-theddid fuq l-assi u l-infrastrutturi kritiċi fit-territorju tal-Unjoni, inkluż id-distribuzzjoni ġeografika, l-interkonnessjoni u l-effetti potenzjali tagħhom f'każ ta' attakki ċibernetiċi li jaffettwaw lil dawk l-infrastrutturi. Jenħtieġ li tintuża infrastruttura tal-Unjoni fuq skala kbira tal-SOCs ("it-Tarka Ċibernetika Ewropea"), li tinkludi diversi pjattaformi transfruntieri interoperabbli, li lkoll jiġbru flimkien għadd ta' SOCs nazzjonali. Dik l-infrastruttura jenħtieġ li taqdi l-interessi u l-ħtiġijiet taċ-ċibersigurtà nazzjonali u tal-Unjoni, billi tingrana t-teknoloġija tal-aqwa livell għal għodod avvanzati tal-ġbir tad-data u tal-analitika, ittejjeb il-kapaċitajiet tad-detezzjoni u l-ġestjoni taċ-ċibersigurtà u tipprovdi għarfien sitwazzjonali fil-ħin reali. Jenħtieġ li dik l-infrastruttura tgħin biex tiżdied id-detezzjoni tat-theddid u l-inċidenti taċ-ċibersigurtà u b'hekk tikkumplimenta u | (12) Biex jiġu evitati, ivvalutati u indirizzati b'mod aktar effettiv it-theddid u l-inċidenti ċibernetiċi, jeħtieġ jiġi żviluppat għarfien aktar komprensiv dwar it-theddid fuq l-assi u l-infrastrutturi kritiċi fit-territorju tal-Unjoni inkluż id-distribuzzjoni ġeografika, l-interkonnessjoni u l-effetti potenzjali tagħhom f'każ ta' attakki ċibernetiċi li jaffettwaw lil dawk l-infrastrutturi***. Dawn l-assi u l-infrastrutturi kritiċi jinkludu Sistemi ta' Trasport Intelliġenti, li filwaqt li huma essenzjali għall-mobbiltà awtomatizzata u multimodali, joperaw abbażi ta' skambji kruċjali ta' data sensittiva***. Jenħtieġ li tintuża infrastruttura tal-Unjoni fuq skala kbira tal-SOCs ("it-Tarka Ċibernetika Ewropea"), li tinkludi diversi pjattaformi transfruntieri interoperabbli, li lkoll jiġbru flimkien għadd ta' SOCs nazzjonali. Dik l-infrastruttura jenħtieġ li taqdi l-interessi u l-ħtiġijiet taċ-ċibersigurtà nazzjonali u tal-Unjoni, billi tingrana t-teknoloġija tal-aqwa livell għal għodod avvanzati tal-ġbir tad-data u tal-analitika, ittejjeb il-kapaċitajiet |

| | |
|---|---|
| tappoġġa lill-entitajiet u lin-networks tal-Unjoni responsabbli għall-ġestjoni tal-kriżijiet fl-Unjoni, b'mod partikolari lin-Network tal-Organizzazzjoni ta' Kollegament tal-UE għall-Kriżijiet fiċ-Ċibersigurtà ("EU-CyCLONe"), kif definit fid-Direttiva (UE) 2022/2555 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[24]. | tad-detezzjoni u l-ġestjoni taċ-ċibersigurtà u tipprovdi għarfien sitwazzjonali fil-ħin reali. Jenħtieġ li dik l-infrastruttura tgħin biex tiżdied id-detezzjoni tat-theddid u l-inċidenti taċ-ċibersigurtà u b'hekk tikkumplimenta u tappoġġa lill-entitajiet u lin-networks tal-Unjoni responsabbli għall-ġestjoni tal-kriżijiet fl-Unjoni, b'mod partikolari lin-Network tal-Organizzazzjoni ta' Kollegament tal-UE għall-Kriżijiet fiċ-Ċibersigurtà ("EU-CyCLONe"), kif definit fid-Direttiva (UE) 2022/2555 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[24]. |
| [24] Id-Direttiva (UE) 2022/2555 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni kollha, li temenda r-Regolament (UE) Nru 910/2014 u d-Direttiva (UE) 2018/1972, u li tħassar id-Direttiva (UE) 2016/1148 (Direttiva NIS 2) (ĠU L 333, 27.12.2022, p. 80). | [24] Id-Direttiva (UE) 2022/2555 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni kollha, li temenda r-Regolament (UE) Nru 910/2014 u d-Direttiva (UE) 2018/1972, u li tħassar id-Direttiva (UE) 2016/1148 (Direttiva NIS 2) (ĠU L 333, 27.12.2022, p. 80). |

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 14a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(14a) Is-settur tat-trasport qed isir dejjem aktar wieħed mill-aktar negozji li jħallu qligħ għaċ-ċiberkriminali, għax id-data tal-klijenti hija meqjusa bħala komodità prezzjuża ħafna u għax il-katina tal-provvista tat-trasport qed tkun dejjem aktar fil-mira. Għal din ir-raġuni, l-infrastruttura tat-trasport, ikkaratterizzata minn natura transfruntiera jew minn skambju ta' data permezz ta' teknoloġiji mingħajr fili jenħtieġ li titqies bħala objettiv ċentrali ta' analiżi u monitoraġġ kemm għaċ-ċentri tal-operazzjonijiet tas-sigurtà (SOCs) nazzjonali, kif ukoll, b'mod partikolari, għall-SOCs transfruntiera. Pereżempju, il-proposta*** |

| | |
|---|---|
| | ***reċenti li tirrevedi r-Regolament TEN-T tirrikjedi solidarjetà u kooperazzjoni akbar fil-kondiviżjoni tal-informazzjoni dwar it-theddid ċibernetiku transfruntier li dan in-network tranżnazzjonali jista' jiffaċċja. Bl-istess mod, is-Sistemi ta' Trasport Intelliġenti (ITS) huma kruċjali biex it-trasport isir aktar sikur, aktar effiċjenti u aktar sostenibbli, iżda dawn jagħmlu s-sistemi tat-trasport aktar vulnerabbli għaċ-ċiberattakki li jistgħu joħolqu inċidenti, konġestjonijiet tat-traffiku jew jikkawżaw telf ekonomiku kemm għall-operaturi privati kif ukoll għal dawk pubbliċi. Sabiex jiġu ssalvagwardjati s-sigurtà tal-passiġġieri, il-protezzjoni tad-data tal-utenti u tal-fornituri u biex jiġu evitati danni finanzjarji, huwa essenzjali li l-programm ta' implimentazzjoni tad-direttiva riveduta dwar is-Sistemi ta' Trasport Intelliġenti jinkludi dispożizzjonijiet u għodod biex tissaħħaħ il-kollaborazzjoni fost l-Istati Membri biex it-theddid u l-inċidenti taċ-ċibersigurtà jiġu identifikati, issir tħejjija għalihom u jiġu indirizzati.*** |

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 15**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (15) Fil-livell nazzjonali, il-monitoraġġ, id-detezzjoni u l-analiżi tat-theddid ċibernetiku tipikament ikunu żgurati mill-SOCs tal-entitajiet pubbliċi u privati, flimkien mas-CSIRTs. Barra minn hekk, is-CSIRTs jiskambjaw informazzjoni fil-kuntest tan-network tas-CSIRTs, f'konformità mad-Direttiva (UE) 2022/2555. Jenħtieġ li l-SOCs transfruntieri jikkostitwixxu kapaċità ġdida li ***tkun tikkumplimenta*** lin-network tas-CSIRTs, billi jiġbru u jaqsmu data dwar it-theddid taċ-ċibersigurtà minn entitajiet pubbliċi u privati, itejbu l-valur ta' din id- | (15) Fil-livell nazzjonali, il-monitoraġġ, id-detezzjoni u l-analiżi tat-theddid ċibernetiku tipikament ikunu żgurati mill-SOCs tal-entitajiet pubbliċi u privati, flimkien mas-CSIRTs. Barra minn hekk, is-CSIRTs jiskambjaw informazzjoni fil-kuntest tan-network tas-CSIRTs, f'konformità mad-Direttiva (UE) 2022/2555. Jenħtieġ li l-SOCs transfruntieri jikkostitwixxu kapaċità ġdida li ***tikkomplementa*** lin-network tas-CSIRTs, billi jiġbru u jaqsmu data dwar it-theddid taċ-ċibersigurtà minn entitajiet pubbliċi u privati, itejbu l-valur ta' din id- |

data b'analiżi esperta u b'infrastrutturi u għodod mill-aktar avvanzati akkwistati b'mod konġunt, u jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-kapaċitajiet u s-sovranità teknoloġika tal-Unjoni.

data b'analiżi esperta u b'infrastrutturi u għodod mill-aktar avvanzati akkwistati b'mod konġunt, u jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-kapaċitajiet u s-sovranità teknoloġika tal-Unjoni. ***F'dan ir-rigward, sabiex tissaħħaħ l-awtonomija tal-Unjoni fil-qasam ċibernetiku u b'referenza għall-Artikolu 47(4) tal-proposta għal Regolament dwar linji gwida għall-iżvilupp tan-network trans-Ewropew tat-trasport (COM(2021)0812), hija meħtieġa wkoll il-prevenzjoni tal-aċċess għad-data li twassal għal theddid ċibernetiku billi jiġi infurzat qafas regolatorju robust li jirregola s-sjieda barranija u l-investimenti fl-infrastruttura kritika, bħal fit-trasport.***

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 21**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (21) Filwaqt li t-Tarka Ċibernetika Ewropea hi proġett ċivili, il-komunità taċ-ċibersigurtà tista' tibbenefika minn kapaċitajiet ċivili aktar sodi tad-detezzjoni u tal-għarfien sitwazzjonali żviluppati għall-protezzjoni tal-infrastruttura kritika. L-SOCs transfruntieri, bl-appoġġ tal-Kummissjoni u taċ-Ċentru Ewropew għall-Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà ("ECCC"), u b'kooperazzjoni mar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika tas-Sigurtà (ir-"Rappreżentant Għoli"), jenħtieġ li gradwalment jiżviluppaw protokolli u standards apposta biex jippermettu l-kooperazzjoni mal-komunità taċ-ċiberdifiża, inkluż kundizzjonijiet ta' skrutinju u sigurtà. Mal-iżvilupp tat-Tarka Ċibernetika Ewropea jenħtieġ li ssir riflessjoni dwar kollaborazzjoni futura ma' networks u pjattaformi responsabbli għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni fil-komunità taċ-ċiberdifiża, b'kooperazzjoni mill-qrib mar- | (21) Filwaqt li t-Tarka Ċibernetika Ewropea hi proġett ċivili, il-komunità taċ-ċibersigurtà tista' tibbenefika minn kapaċitajiet ċivili aktar sodi tad-detezzjoni u tal-għarfien sitwazzjonali żviluppati għall-protezzjoni tal-infrastruttura kritika. L-SOCs transfruntieri, bl-appoġġ tal-Kummissjoni u taċ-Ċentru Ewropew għall-Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà ("ECCC"), u b'kooperazzjoni mar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika tas-Sigurtà (ir-"Rappreżentant Għoli"), jenħtieġ li gradwalment jiżviluppaw protokolli u standards apposta biex jippermettu l-kooperazzjoni mal-komunità taċ-ċiberdifiża, inkluż kundizzjonijiet ta' skrutinju u sigurtà. Mal-iżvilupp tat-Tarka Ċibernetika Ewropea jenħtieġ li ssir riflessjoni dwar kollaborazzjoni futura ma' networks u pjattaformi responsabbli għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni fil-komunità taċ-ċiberdifiża, b'kooperazzjoni mill-qrib mar- |

| | |
|---|---|
| Rappreżentant Għoli. | Rappreżentant Għoli. ***Dan jenħtieġ li jippermetti sinerġiji mal-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Mobbiltà Militari 2.0. Network ta' mobbiltà militari li jiffunzjona tajjeb jeħtieġ li jkun reżiljenti, inkluż fil-kuntest ta' theddid ċibernetiku u theddid ibridu ieħor li jista' jaffettwa nodi kritiċi fis-sistema tat-trasport li għandhom użu doppju. Pereżempju, attakk ċibernetiku fuq sistemi użati f'ajruporti, portijiet jew ferroviji jew attakk ċibernetiku fuq assi militari jista' jkollu konsegwenzi kbar ħafna. Għalhekk, id-diġitalizzazzjoni tal-proċessi u l-proċeduri, inkluż għall-kooperazzjoni ċivili u militari meħtieġa, se tirrikjedi t-tisħiħ tas-sistemi ta' informazzjoni tal-kompjuter (CIS) kontra t-theddid ċibernetiku.*** |

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 21a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(21a) F'każ ta' kriżi taċ-ċibersigurtà, skambju effettiv ta' informazzjoni huwa kruċjali biex jiġi żgurat l-għarfien tas-sitwazzjoni fost is-setturi tat-trasport militari u ċivili. Dan l-iskambju ta' informazzjoni jenħtieġ li jistimula wkoll il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet settorjali rilevanti responsabbli għat-trasport, l-awtoritajiet kompetenti taċ-ċibersigurtà, l-SOCs u s-CSIRTs.*** |

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 29**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (29) Bħala parti mill-azzjonijiet tat-tħejjija, biex jiġi promoss approċċ konsistenti u tissaħħaħ is-sigurtà fl-Unjoni | (29) Bħala parti mill-azzjonijiet tat-tħejjija, biex jiġi promoss approċċ konsistenti u tissaħħaħ is-sigurtà fl-Unjoni |

u fis-suq intern tagħha, jenħtieġ li jingħata appoġġ għall-ittestjar u l-valutazzjoni taċ-ċibersigurtà tal-entitajiet li joperaw fis-setturi kritiċi ħafna identifikati skont id-Direttiva (UE) 2022/2555 b'mod ikkoordinat. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni, bl-appoġġ tal-ENISA u b'kooperazzjoni mal-Grupp ta' Kooperazzjoni tal-NIS stabbilit bid-Direttiva (UE) 2022/2555, jenħtieġ li tidentifika regolarment is-setturi jew is-subsetturi rilevanti, li jenħtieġ li jkunu eliġibbli li jirċievu appoġġ finanzjarju għal ittestjar ikkoordinat fil-livell tal-Unjoni. Is-setturi jew is-subsetturi jenħtieġ li jintgħażlu mill-Anness I tad-Direttiva (UE) 2022/2555 ("Setturi ta' Kritikalità Għolja"). L-eżerċizzji tal-ittestjar ikkoordinat jenħtieġ li jkunu bbażati fuq xenarji u metodoloġiji komuni tar-riskju. L-għażla tas-setturi u l-iżvilupp tax-xenarji tar-riskju jenħtieġ li jqisu l-valutazzjonijiet tar-riskju u x-xenarji tar-riskju rilevanti fl-Unjoni kollha, inkluż il-ħtieġa li tkun evitata d-duplikazzjoni, bħall-evalwazzjoni tar-riskju u x-xenarji tar-riskju mitluba fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-iżvilupp taċ-ċibersigurtà tal-Unjoni Ewropea li jridu jagħmlu l-Kummissjoni, ir-Rappreżentant Għoli u l-Grupp ta' Kooperazzjoni tal-NIS, b'koordinazzjoni mal-korpi u l-aġenziji ċivili u militari rilevanti u n-networks stabbiliti, inkluż l-EU-CyCLONe, u l-valutazzjoni tar-riskju tan-networks u tal-infrastrutturi tal-komunikazzjoni mitluba mis-Sejħa Ministerjali Konġunta ta' Nevers u mwettqa mill-Grupp ta' Kooperazzjoni tal-NIS, bl-appoġġ tal-Kummissjoni u tal-ENISA, u b'kooperazzjoni mal-Korp tar-Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC), il-valutazzjonijiet tar-riskju ikkoordinati li jridu jsiru skont l-Artikolu 22 tad-Direttiva (UE) 2022/2555 u l-ittestjar tar-reżiljenza operazzjonali diġitali kif previst fir-Regolament (UE) 2022/2554 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[29]. L-għażla tas-setturi jenħtieġ li tqis ukoll ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar

u fis-suq intern tagħha, jenħtieġ li jingħata appoġġ għall-ittestjar u l-valutazzjoni taċ-ċibersigurtà tal-entitajiet li joperaw fis-setturi kritiċi ħafna identifikati skont id-Direttiva (UE) 2022/2555 b'mod ikkoordinat. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni, bl-appoġġ tal-ENISA u b'kooperazzjoni mal-Grupp ta' Kooperazzjoni tal-NIS stabbilit bid-Direttiva (UE) 2022/2555, jenħtieġ li tidentifika regolarment is-setturi jew is-subsetturi rilevanti, li jenħtieġ li jkunu eliġibbli li jirċievu appoġġ finanzjarju għal ittestjar ikkoordinat fil-livell tal-Unjoni. Is-setturi jew is-subsetturi jenħtieġ li jintgħażlu mill-Anness I tad-Direttiva (UE) 2022/2555 ("Setturi ta' Kritikalità Għolja"). ***Jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċifika lis-settur tat-trasport u lis-subsetturi tiegħu (bl-ajru, bil-ferrovija, bl-ilma, bit-triq), peress li dawn jinkorporaw infrastruttura kritika fejn l-inċidenti u l-attakki ċibernetiċi jistgħu jimminaw severament is-sikurezza tal-passiġġieri u tal-operaturi.*** L-eżerċizzji tal-ittestjar ikkoordinat jenħtieġ li jkunu bbażati fuq xenarji u metodoloġiji komuni tar-riskju. L-għażla tas-setturi u l-iżvilupp tax-xenarji tar-riskju jenħtieġ li jqisu l-valutazzjonijiet tar-riskju u x-xenarji tar-riskju rilevanti fl-Unjoni kollha, inkluż il-ħtieġa li tkun evitata d-duplikazzjoni, bħall-evalwazzjoni tar-riskju u x-xenarji tar-riskju mitluba fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-iżvilupp taċ-ċibersigurtà tal-Unjoni Ewropea li jridu jagħmlu l-Kummissjoni, ir-Rappreżentant Għoli u l-Grupp ta' Kooperazzjoni tal-NIS, b'koordinazzjoni mal-korpi u l-aġenziji ċivili u militari rilevanti u n-networks stabbiliti, inkluż l-EU-CyCLONe, u l-valutazzjoni tar-riskju tan-networks u tal-infrastrutturi tal-komunikazzjoni mitluba mis-Sejħa Ministerjali Konġunta ta' Nevers u mwettqa mill-Grupp ta' Kooperazzjoni tal-NIS, bl-appoġġ tal-Kummissjoni u tal-ENISA, u b'kooperazzjoni mal-Korp tar-Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC), il-valutazzjonijiet tar-riskju

| | |
|---|---|
| approċċ ikkoordinat fl-Unjoni kollha li jsaħħaħ ir-reżiljenza tal-infrastruttura kritika. | ikkoordinati li jridu jsiru skont l-Artikolu 22 tad-Direttiva (UE) 2022/2555 u l-ittestjar tar-reżiljenza operazzjonali diġitali kif previst fir-Regolament (UE) 2022/2554 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[29]. L-għażla tas-setturi jenħtieġ li tqis ukoll ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar approċċ ikkoordinat fl-Unjoni kollha li jsaħħaħ ir-reżiljenza tal-infrastruttura kritika. |
| [29] Ir-Regolament (UE) 2022/2554 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar ir-reżiljenza operazzjonali diġitali għas-settur finanzjarju u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009, (UE) Nru 648/2012, (UE) Nru 600/2014, (UE) Nru 909/2014 u (UE) 2016/1011. | [29] Ir-Regolament (UE) 2022/2554 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar ir-reżiljenza operazzjonali diġitali għas-settur finanzjarju u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009, (UE) Nru 648/2012, (UE) Nru 600/2014, (UE) Nru 909/2014 u (UE) 2016/1011. |

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 30a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(30a) Fid-dawl tal-kritikalità tas-settur u tal-implikazzjonijiet tat-theddid ċibernetiku fuq il-mobbiltà u, b'konsegwenza, fuq il-ħajjiet umani tal-passiġġieri u tal-persuni miexja, is-settur tat-trasport jenħtieġ li jingħata prijorità fir-rigward tal-ittestjar ikkoordinat tal-istat ta' tħejjija tal-entitajiet.*** |

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 35a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(35a) Fid-dawl taż-żieda fil-kompiti u r-responsabbiltajiet mogħtija lill-ENISA b'din il-proposta kif ukoll bil-proposta*** |

| | |
|---|---|
| | ***dwar l-Att dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika, hija meħtieġa l-adozzjoni tal-Baġit Emendatorju 1/2022 tal-ENISA għall-Implimentazzjoni Pilota ta' Azzjoni ta' Appoġġ għaċ-Ċibersigurtà. Barra minn hekk, fid-dawl tal-interessi tal-Unjoni inkwistjoni, jenħtieġ li jiġu allokati riżorsi finanzjarji u umani addizzjonali lill-ENISA.*** |

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 38a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(38a) Għalhekk, l-iżvilupp tal-ħiliet u l-kompetenzi jenħtieġ li jitpoġġew fiċ-ċentru tal-attenzjoni, fis-setturi kollha, mhux l-anqas għal dawk li huma vulnerabbli għat-theddid taċ-ċibersigurtà, bħall-persunal li jaħdem fuq it-tranżitu tal-massa jew l-infrastruttura kritika, inklużi s-sistemi ta' kontroll tal-ferroviji u l-għodod tal-ippjanar tat-trasport diġitali għall-modi kollha tat-trasport. L-introduzzjoni u l-iżvilupp ulterjuri tal-kultura taċ-ċibersigurtà huma għalhekk ta' importanza kbira għas-suċċess tal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, kemm għas-sensibilizzazzjoni taċ-ċittadini kif ukoll għall-għarfien tal-ispeċjalisti fis-setturi tal-infrastruttura kritika kollha.*** |

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) jissaħħu d-detezzjoni u l-għarfien sitwazzjonali komuni tal-Unjoni tat-theddid u l-inċidenti ċibernetiċi u b'hekk tkun tista' tissaħħaħ il-pożizzjoni kompetittiva tas-setturi tal-industrija u tas- | (a) jissaħħu d-detezzjoni u l-għarfien sitwazzjonali komuni tal-Unjoni tat-theddid u l-inċidenti ċibernetiċi u b'hekk tkun tista' tissaħħaħ il-pożizzjoni kompetittiva tas-setturi tal-industrija***, tal-*** |

| | |
|---|---|
| servizzi fl-Unjoni fl-ekonomija diġitali kollha u jingħata kontribut għas-sovranità teknoloġika tal-Unjoni fil-qasam taċ-ċibersigurtà; | ***infrastruttura tat-trasport*** u tas-servizzi fl-Unjoni fl-ekonomija diġitali kollha u jingħata kontribut għas-sovranità teknoloġika tal-Unjoni fil-qasam taċ-ċibersigurtà; |

**Emenda 19**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) tissaħħaħ it-tħejjija tal-entitajiet li joperaw fis-setturi kritiċi u kritiċi ħafna madwar l-Unjoni u tissaħħaħ is-solidarjetà billi jinħolqu kapaċitajiet tar-rispons komuni għall-inċidenti taċ-ċibersigurtà sinifikanti jew fuq skala kbira, inkluż billi l-appoġġ tar-rispons għall-inċidenti taċ-ċibersigurtà tal-Unjoni jkun disponibbli għall-pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm Ewropa Diġitali ("DEP"); | (b) tissaħħaħ it-tħejjija tal-entitajiet li joperaw fis-setturi kritiċi u kritiċi ħafna madwar l-Unjoni u tissaħħaħ is-solidarjetà billi jinħolqu kapaċitajiet tar-rispons komuni għall-inċidenti taċ-ċibersigurtà sinifikanti jew fuq skala kbira, ***b'attenzjoni partikolari għall-infrastruttura kritika tal-IT u ta' dik fiżika,*** inkluż billi l-appoġġ tar-rispons għall-inċidenti taċ-ċibersigurtà tal-Unjoni jkun disponibbli għall-pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm Ewropa Diġitali ("DEP"); |

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ca) jissaħħu l-istat ta' tħejjija, il-kooperazzjoni u l-effikaċja tal-Unjoni fil-protezzjoni tal-infrastruttura u s-servizzi tat-trasport fl-Istati Membri minn inċidenti taċ-ċibersigurtà, biex jiġu żgurati l-funzjonament kontinwu tas-settur tat-trasport, l-integrità tal-ktajjen tal-provvista u l-mobbiltà fl-Unjoni kollha.*** |

**Emenda 21**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 3 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) tikkontribwixxi għal protezzjoni u rispons aħjar għat-theddid ċibernetiku*;* | (c) tikkontribwixxi għal protezzjoni u rispons aħjar għat-theddid ċibernetiku***, inkluż għall-infrastruttura tat-trasport ikkaratterizzata minn natura transfruntiera, bħat-TEN-T, jew mill-iskambju tad-data permezz ta' teknoloġiji mingħajr fili, bħas-Sistemi ta' Trasport Intelliġenti.*** |

**Emenda 22**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Din għandha tiġi żviluppata b'kooperazzjoni mal-infrastruttura pan-Ewropea tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja stabbilita skont ir-Regolament (UE) 2021/1173. | Din għandha tiġi żviluppata b'kooperazzjoni mal-infrastruttura pan-Ewropea tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja stabbilita skont ir-Regolament (UE) 2021/1173. ***Dan għandu jippermetti kollaborazzjoni, permezz ta' protokolli u standards iddedikati, mal-komunità taċ-ċiberdifiża, biex jiġi żgurat l-iżvilupp ta' kapaċitajiet aktar b'saħħithom ta' detezzjoni ċivili u ta' għarfien tas-sitwazzjoni għall-protezzjoni tal-infrastruttura kritika. F'dan ir-rigward, għandhom jiġu żviluppati sinerġiji wkoll mal-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Mobbiltà Militari 2.0, u għandu jiġi żgurat skambju effettiv ta' informazzjoni biex jiġi pprovdut għarfien tas-sitwazzjoni fost is-setturi tat-trasport militari u ċivili.*** |

**Emenda 23**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Il-Kummissjoni għandha tinvolvi*** |

| | |
|---|---|
| | ***t-Tarka Ċibernetika Ewropea, b'mod partikolari l-SOCs transfruntiera, fl-opinjoni tagħha lill-Istati Membri fil-qafas tal-proposta għal Regolament dwar in-network trans-Ewropew tat-trasport (COM(2021)0812) kull meta l-parteċipazzjoni jew il-kontribut ta' kwalunkwe tip minn persuna fiżika ta' pajjiż terz jew impriża ta' pajjiż terz aktarx jaffettwaw iċ-ċibersigurtà tal-infrastruttura kritika transfruntiera, bħat-TEN-T.*** |

**Emenda 24**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) azzjonijiet ***tat-tħejjija***, inkluż l-ittestjar ikkoordinat tat-tħejjija ta' entitajiet li joperaw ***fis-setturi*** kritiċi ħafna madwar l-Unjoni; | (a) azzjonijiet ***ta' tħejjija***, inkluż l-ittestjar ikkoordinat tat-tħejjija ta' entitajiet li joperaw ***f'setturi*** kritiċi ħafna madwar l-Unjoni***, b'attenzjoni speċifika għall-infrastruttura tat-trasport u s-subsetturi tagħha inklużi fl-Anness I tad-Direttiva (UE) 2022/255***; |

**Emenda 25**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 18 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Biex tħejji r-rapport dwar ir-rieżami tal-inċidenti msemmi fil-paragrafu 1, l-ENISA għandha tikkollabora mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, inkluż mar-rappreżentanti tal-Istati Membri, il-Kummissjoni, istituzzjonijiet, korpi u aġenziji rilevanti oħra tal-UE, il-fornituri tas-servizzi tas-sigurtà ġestiti u l-utenti tas-servizzi taċ-ċibersigurtà. ***Meta*** xieraq, l-ENISA għandha tikkollabora wkoll ma' entitajiet affettwati mill-inċidenti taċ-ċibersigurtà sinifikanti jew fuq skala kbira. | 2. Biex tħejji r-rapport dwar ir-rieżami tal-inċidenti msemmi fil-paragrafu 1, l-ENISA għandha tikkollabora mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, inkluż mar-rappreżentanti tal-Istati Membri, il-Kummissjoni, istituzzjonijiet, korpi u aġenziji rilevanti oħra tal-UE, il-fornituri tas-servizzi tas-sigurtà ġestiti u l-utenti tas-servizzi taċ-ċibersigurtà. ***Fejn*** xieraq, l-ENISA għandha tikkollabora wkoll ma' entitajiet affettwati mill-inċidenti taċ-ċibersigurtà sinifikanti jew fuq skala kbira***,*** |

| | |
|---|---|
| Biex tappoġġa r-rieżami, l-ENISA tista' tikkonsulta wkoll lil tipi oħra ta' partijiet ikkonċernati. Ir-rappreżentanti kkonsultati għandhom jiżvelaw kull kunflitt ta' interess potenzjali. | ***inklużi l-operaturi tat-trasport***. Biex tappoġġa r-rieżami, l-ENISA tista' tikkonsulta wkoll lil tipi oħra ta' partijiet ikkonċernati. Ir-rappreżentanti kkonsultati għandhom jiżvelaw kull kunflitt ta' interess potenzjali. |

**Emenda 26**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 19 – paragrafu 1 – punt 1 – punt b**
Regolament (UE) 2021/694
Artikolu 6 – paragrafu 2a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Fid-dawl tal-interessi inkwistjoni tal-Unjoni, fir-rigward tar-responsabbiltajiet tagħha għat-tħejjija ta' skemi kandidati ta' ċertifikazzjoni skont ir-Regolament (UE) 2019/881, ir-responsabbiltajiet tagħha li tirrieżamina u tivvaluta t-theddid ċibernetiku, il-vulnerabbiltajiet u l-mitigazzjoni, tħejji rapport ta' rieżami tal-inċidenti għall-Mekkaniżmu ta' Rieżami tal-Inċidenti taċ-Ċibersigurtà, kif ukoll tipprovdi taħriġ kontra attakki ċibernetiċi u inċidenti lill-operaturi ta' infrastruttura kritika u fid-dawl tar-responsabbiltajiet assenjati ġodda tagħha fil-qafas tal-Proposta dwar l-Att dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika, l-ENISA għandha tingħata r-riżorsi meħtieġa fil-qafas tal-baġit tal-Unjoni f'konformità mal-leġiżlazzjoni applikabbli.*** |

**Emenda 27**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 19 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)**
Regolament (UE) 2021/694
Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|

*(1a) L-Artikolu 7 huwa emendat kif ġej:*

*(a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:*

*(1) jiddaħħal il-punt (ca) li ġej:*

*(ca) tappoġġa taħriġ ta' kwalità għolja lill-operaturi tat-trasport u lill-maniġers u lill-forza tax-xogħol tal-infrastruttura kritika tat-trasport, anke bl-għan li jiġu kondiviżi u implimentati b'mod effettiv u prattiki ta' mitigazzjoni fid-dawl ta' attakki ċibernetiċi jew inċidenti għal infrastruttura kritika, bħal dawk ipprovduti mis-Sett ta' Għodod taċ-Ċibersigurtà tat-Trasport.*

# PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Referenzi** | COM(2023)0209 – C9-0136/2023 – 2023/0109(COD) |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | ITRE<br>1.6.2023 |
| **Opinjoni mogħtija minn**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | TRAN<br>1.6.2023 |
| **Rapporteur għal opinjoni**<br>Data tal-ħatra | Gheorghe Falcă<br>7.7.2023 |
| **Data tal-adozzjoni** | 25.10.2023 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 38<br>–: 0<br>0: 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Magdalena Adamowicz, Andris Ameriks, José Ramón Bauzá Díaz, Izaskun Bilbao Barandica, Karolin Braunsberger-Reinhold, Karima Delli, Anna Deparnay-Grunenberg, Gheorghe Falcă, Carlo Fidanza, Jens Gieseke, Elsi Katainen, Elena Kountoura, Bogusław Liberadzki, Peter Lundgren, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Marian-Jean Marinescu, Tilly Metz, Cláudia Monteiro de Aguiar, Caroline Nagtegaal, Jan-Christoph Oetjen, Rovana Plumb, Thomas Rudner, Massimiliano Salini, Vera Tax, Barbara Thaler, István Ujhelyi, Achille Variati, Petar Vitanov, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Lucia Vuolo |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Sara Cerdas, Josianne Cutajar, Roman Haider, Pär Holmgren, Pierre Karleskind, Colm Markey, Ljudmila Novak, Dorien Rookmaker |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| 38 | + |
| --- | --- |
| ECR | Carlo Fidanza, Peter Lundgren, Dorien Rookmaker |
| ID | Roman Haider |
| PPE | Magdalena Adamowicz, Karolin Braunsberger-Reinhold, Gheorghe Falcă, Jens Gieseke, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Marian-Jean Marinescu, Colm Markey, Cláudia Monteiro de Aguiar, Ljudmila Novak, Massimiliano Salini, Barbara Thaler, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Lucia Vuolo |
| Renew | José Ramón Bauzá Díaz, Izaskun Bilbao Barandica, Pierre Karleskind, Elsi Katainen, Caroline Nagtegaal, Jan-Christoph Oetjen |
| S&D | Andris Ameriks, Sara Cerdas, Josianne Cutajar, Bogusław Liberadzki, Rovana Plumb, Thomas Rudner, Vera Tax, István Ujhelyi, Achille Variati, Petar Vitanov |
| The Left | Elena Kountoura |
| Verts/ALE | Karima Delli, Anna Deparnay-Grunenberg, Pär Holmgren, Tilly Metz |

| 0 | - |
| --- | --- |
| | |

| 0 | 0 |
| --- | --- |
| | |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni

## PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI

| | |
|---|---|
| **Referenzi** | COM(2023)0209 – C9-0136/2023 – 2023/0109(COD) |
| **Data meta ġiet ippreżentata lill-PE** | 19.4.2023 |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | ITRE<br>1.6.2023 |
| **Kumitati mitluba jagħtu opinjoni**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | AFET 1.6.2023; BUDG 1.6.2023; CONT 1.6.2023; IMCO 1.6.2023 |
| | TRAN 1.6.2023; LIBE 1.6.2023 |
| **Opinjoni(jiet) mhux mogħtija**<br>Data tad-deċiżjoni | BUDG 26.4.2023; CONT 24.5.2023; IMCO 23.5.2023; LIBE 30.5.2023 |
| **Rapporteurs**<br>Data tal-ħatra | Lina Gálvez Muñoz<br>2.5.2023 |
| **Eżami fil-kumitat** | 19.9.2023 |
| **Data tal-adozzjoni** | 7.12.2023 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 43<br>–: 10<br>0: 1 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Nicola Beer, Hildegard Bentele, Vasile Blaga, Michael Bloss, Marc Botenga, Martin Buschmann, Jerzy Buzek, Maria da Graça Carvalho, Josianne Cutajar, Nicola Danti, Marie Dauchy, Pilar del Castillo Vera, Martina Dlabajová, Christian Ehler, Valter Flego, Niels Fuglsang, Nicolás González Casares, Henrike Hahn, Ivo Hristov, Ivars Ijabs, Romana Jerković, Seán Kelly, Izabela-Helena Kloc, Andrius Kubilius, Miapetra Kumpula-Natri, Iskra Mihaylova, Angelika Niebler, Niklas Nienaß, Johan Nissinen, Mikuláš Peksa, Tsvetelina Penkova, Morten Petersen, Markus Pieper, Manuela Ripa, Robert Roos, Sara Skyttedal, Riho Terras, Pernille Weiss, Carlos Zorrinho |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Andrus Ansip, Laura Ballarín Cereza, Cornelia Ernst, Alexis Georgoulis, Ladislav Ilčić, Elena Kountoura, Alin Mituța, Günther Sidl, Jordi Solé, Susana Solís Pérez |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Alexander Alexandrov Yordanov, Jonás Fernández, Virginie Joron, Radan Kanev, Karin Karlsbro |
| **Data tat-tressiq** | 8.12.2023 |

## VOTAZZJONI FINALI B’SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

| 43 | + |
|---|---|
| ECR | Ladislav Ilčić, Izabela-Helena Kloc |
| ID | Marie Dauchy, Virginie Joron |
| NI | Alexis Georgoulis |
| PPE | Alexander Alexandrov Yordanov, Hildegard Bentele, Vasile Blaga, Jerzy Buzek, Maria da Graça Carvalho, Pilar del Castillo Vera, Christian Ehler, Radan Kanev, Seán Kelly, Andrius Kubilius, Angelika Niebler, Markus Pieper, Sara Skyttedal, Riho Terras, Pernille Weiss |
| Renew | Andrus Ansip, Nicola Beer, Nicola Danti, Martina Dlabajová, Valter Flego, Ivars Ijabs, Karin Karlsbro, Iskra Mihaylova, Alin Mituța, Morten Petersen, Susana Solís Pérez |
| S&D | Laura Ballarín Cereza, Josianne Cutajar, Jonás Fernández, Niels Fuglsang, Nicolás González Casares, Ivo Hristov, Romana Jerković, Miapetra Kumpula-Natri, Tsvetelina Penkova, Günther Sidl, Carlos Zorrinho |
| The Left | Elena Kountoura |

| 10 | - |
|---|---|
| ECR | Johan Nissinen, Robert Roos |
| The Left | Marc Botenga, Cornelia Ernst |
| Verts/ALE | Michael Bloss, Henrike Hahn, Niklas Nienaß, Mikuláš Peksa, Manuela Ripa, Jordi Solé |

| 1 | 0 |
|---|---|
| NI | Martin Buschmann |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni